II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2282

**tas-27 ta' Novembru 2015**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 fir-rigward tal-formoli ta' notifika u l-iskedi ta' informazzjoni**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar l-għajnuna mill-Istat,

Billi:

(1) L-inizjattiva ta' modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat iffukat fuq l-identifikazzjoni ta' prinċipji komuni għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri kollha ta' għajnuna mill-Kummissjoni. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tqis miżura ta' għajnuna bħala kompatibbli mat-Trattat biss jekk tkun tissodisfa l-kriterji ta' kontribuzzjoni għal għan definit sew ta' interess komuni; il-bżonn għal intervent mill-Istat; l-adegwatezza; l-effett ta' inċentiv; il-proporzjonalità; u l-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat se jiġu riveduti u ssimplifikati sabiex jirriflettu dawk il-prinċipji komuni ta' valutazzjoni. Il-formoli ta' notifika ta' għajnuna mill-Istat u l-iskedi ta' informazzjoni li jinsabu fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([2]) għandhom għalhekk jiġu adattati biex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun tista' twettaq il-valutazzjoni tagħha skont ir-regoli modernizzati dwar l-għajnuna mill-Istat.

(2) Il-miżuri ta' għajnuna għandhom ukoll jikkonformaw mal-kriterji ta' trasparenza, stipulati f'Komunikazzjoni dwar it-Trasparenza ([3]), bil-għan li jippromwovu l-konformità, inaqqsu l-inċertezza u jippermettu lill-kumpaniji biex jivverifikaw jekk l-għajnuna mogħtija lil kompetituri hijiex legali. Barra minn hekk, it-trasparenza tiffaċilita l-infurzar għal awtoritajiet nazzjonali u reġjonali billi żżid is-sensibilizzazzjoni ta' għajnuna mogħtija f'diversi livelli, biex b'hekk jiġu żgurati monitoraġġ u segwitu aħjar fil-livell nazzjonali u lokali. Għal dak l-għan, l-Istati Membri notifikanti għandhom jipprovdu informazzjoni relevanti dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-miżuri ta' għajnuna.

(3) Fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni ta' skemi ta' għajnuna b'baġits għall-għajnuna kbar, jew li jkollhom karatteristiċi ġodda jew li jkunu jinvolvu bidliet sinifikanti fis-suq, bidliet teknoloġiċi jew regolatorji, l-Istati Membri għandhom iwettqu evalwazzjoni ta' dawk it-tip ta' skemi. Sabiex il-Kummissjoni tkun

([1]) ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat, (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband, dwar Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, dwar għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra, dwar Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti u finanzjament ta' riskju u dwar il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat lil ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 198, 27.6.2014, p. 30).

tista' tivvaluta l-pjan ta' evalwazzjoni, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni abbozz ta' pjan ta' evalwazzjoni fl-istess ħin li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-iskema ta' għajnuna kkonċernata. Għal dak l-għan, għandha tiżdied formola ġdida għall-evalwazzjoni mar-Regolament (KE) Nru 794/2004, li għandha tintuża mill-Istati Membri.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 794/2004 huwa emendat kif ġej:

1. It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

   **"Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea";**

2. L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

3. L-Annessi III A u III B huma sostitwiti bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti I hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI I.

**INFORMAZZJONI ĠENERALI**

1. **Status tan-notifika**

L-informazzjoni mibgħuta fuq din il-formola tikkonċerna:

(a) ☐ notifika minn qabel? Jekk iva, jaf ma jkollokx bżonn timla l-formola sħiħa f'dan l-istadju, iżda tiftiehem mas-servizzi tal-Kummissjoni dwar liema informazzjoni hija meħtieġa sabiex issir valutazzjoni preliminari tal-miżura proposta.

(b) ☐ notifika skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)?

(c) ☐ notifika simplifikata skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004 ([1])? Jekk iva, imla biss il-Formola ta' Notifika Simplifikata fl-Anness II.

(d) ☐ miżura li ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE iżda hija notifikata lill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' ċertezza legali?

Jekk għażilt l-ittra (d) ta' hawn fuq, jekk jogħġbok indika hawn taħt għaliex l-Istat Membru li qed jagħmel in-notifika jqis li l-miżura ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Jekk jogħġbok ipprovdi valutazzjoni sħiħa tal-miżura fid-dawl ta' kull wieħed mill-erba' kriterji li ġejjin, filwaqt li tenfasizza b'mod partikolari l-kriterji li inti tqis li mhumiex issodisfati fil-miżura ppjanata:

Il-miżura nnotifikata timplika trasferiment ta' riżorsi pubbliċi jew hija imputabbli lill-Istat?

……………………………………………………………………………………………………………

Il-miżura nnotifikata tagħti vantaġġ lil impriżi?

……………………………………………………………………………………………………………

Il-miżura hija diskrezzjonali, disponibbli biss għal għadd limitat ta' intrapriżi, f'għadd limitat ta' setturi tal-ekonomija jew tinvolvi xi restrizzjonijiet territorjali?

……………………………………………………………………………………………………………

Il-miżura taffettwa l-kompetizzjoni fis-suq intern jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kummerċ fl-Unjoni?

……………………………………………………………………………………………………………

2. **Identifikazzjoni tal-konċedent tal-għajnuna**

Stat Membru kkonċernat:

……………………………………………………………………………………………………………

Reġjun(i) tal-Istat Membru kkonċernat (fil-livell NUTS 2); inkludi informazzjoni dwar l-istatus tal-għajnuna reġjonali tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat (ĠU L 140 30.4.2004, p. 1).

Persuna/i ta' kuntatt:

Isem: ...

Indirizz: ...

Numrui tat-telefown: ...

Indirizz(i) tal-posta elettronika: ...

Indika l-isem, l-indirizz (inkluż l-indirizz fuq il-web) u l-indirizz elettroniku tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:

Isem: ...

Indirizz: ...

Indirizz fuq il-web: ...

Indirizz tal-posta elettronika: ...

Il-persuna ta' kuntatt fir-Rappreżentanza Permanenti

Isem: ...

Numru/i tat-telefown: ...

Indirizz tal-posta elettronika: ...

Jekk tixtieq li kopja tal-korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Istat Membru tingħadda lil awtoritajiet nazzjonali oħrajn, indika isimhom, l-indirizz (inkluż l-indirizz tagħhom fuq il-web) u l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom hawnhekk:

Isem: ...

Indirizz: ...

Indirizz fuq il-web: ...

Indirizz tal-posta elettronika: ...

## 3. Benefiċjarji

3.1. Fejn jinsab(u) (i)l-benefiċjarju/i

(a) ☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i): ...

(b) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 2): ...

(c) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE (speċifika r-reġjun(i) skontil-livell NUTS 3 jew fl-livell iktar baxx): ...

3.2. Jekk applikabbli, fejn jinsab(u) (i)l-proġett(i)

(a) ☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i): ...

(b) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 2): ...

(c) ☐ f'reġjun(i) eliġibbli għal assistenza skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE (speċifika r-reġjun(i) skont il-livell NUTS 3 jew fl-livell iktar baxx): ...

3.3. Is-settur(i) affettwat(i) mill-miżura ta' għajnuna (jiġifieri dawk li fihom huma attivi l-benefiċjarji tal-għajnuna):

(a) ☐ Miftuħ għas-setturi kollha

(b) ☐ Speċifiku għas-settur. F'dak il-każ, speċifika s-settur(i) fil-livell tal-grupp NACE ([2]): ........................

3.4. Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, speċifika:

3.4.1. Tip ta' benefiċjarji:

(a) ☐ intrapriżi kbar

(b) ☐ intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

(c) ☐ intrapriżi ta' daqs medju

(d) ☐ intrapriżi żgħar

(e) ☐ intrapriżi mikro

3.4.2. Stima tal-għadd ta' benefiċjarji:

(a) ☐ inqas minn 10

(b) ☐ minn 11 sa 50

(c) ☐ minn 51 sa 100

(d) ☐ minn 101 sa 500

(e) ☐ minn 501 sa 1 000

(f) ☐ aktar minn 1 000

3.5. Fil-każ ta' għajnuna individwali, jew mogħtija fl-ambitu ta' skema jew bħala għajnuna *ad hoc*, speċifika:

3.5.1. Isem il-benefiċjarju/i:

..............................................................................................................................................

3.5.2. It-tip ta' benefiċjarju/i:

..............................................................................................................................................

☐ SME

L-għadd ta' impjegati:

Fatturat annwali (ammont sħiħ fil-munita nazzjonali, matul l-aħħar sena finanzjarja):

..............................................................................................................................................

Total annwali tal-karta tal-bilanċ (ammont sħiħ fil-munita nazzjonali, matul l-aħħar sena finanzjarja):

..............................................................................................................................................

L-eżistenza ta' intrapriża assoċjata jew intrapriża msieħba (ehmeż dikjarazzjoni skont l-Artikolu 3(5) tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SMEs ([3]) li tikkonferma l-istatus awtonomu jew assoċjat jew imsieħeb tal-impriża benefiċjarja ([4])):

..............................................................................................................................................

☐ Intrapriża kbira

([2]) NACE Rev. 2, jew leġiżlazzjoni sussegwenti li temendaha jew tissostitwixxiha; NACE hija l-Klassifikazzjoni tal-Istatistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.)

([3]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u medji (traduzzjoni mhux uffiċjali) (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([4]) Fil-każ ta' intrapriżi msieħba u assoċjati, kun af li l-ammonti rrapportati għall-benefiċjarju tal-għajnuna għandhom jikkunsidraw l-għadd ta' impjegati u d-dejta finanzjarja tal-intrapriżi assoċjati u/jew l-intrapriżi msieħba.

3.6. Il-benefiċjarju/i huwa/huma impriża f'diffikultà ([5])?

☐ iva ☐ le

3.7. Ordnijiet ta' rkupru pendenti

3.7.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali:

L-awtoritajiet tal-Istat Membru jieħdu impenn li jissospendu l-għoti u/jew il-ħlas tal-għajnuna notifikata jekk il-benefiċjarju jkun għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għajnuna illegali li tkun ngħatatlu u li ġiet iddikjarata inkompatibbli b' Deċiżjoni tal-Kummissjoni (bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna minn skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli), sakemm il-benefiċjarju jrodd lura jew iħallas f'kont blukkat l-ammont sħiħ tal-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax tal-irkupru korrispondenti.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi r-referenza għall-bażi ġuridika nazzjonali rigward dan il-punt:

……………………………………………………………………………………………………………

3.7.2. Fil-każ ta' skemi tal-għajnuna:

L-awtoritajiet tal-Istat Membru jieħdu l-impenn li jissospendu l-għoti u/jew il-ħlas tal-għajnuna notifikata jekk il-benefiċjarju jkun għad għandu għad-dispożizzjoni tiegħu għajnuna illegali li ngħatatlu qabel li ġiet iddikjarata bħala inkompatibbli minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni (jew bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna minn skema ta' għajnuna ddikjarata inkompatibbli), sakemm il-benefiċjarju jrodd lura jew iħallas f'kont imblokkat l-ammont sħiħ tal-għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax tal-irkupru korrispondenti.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi r-referenza għall-bażi ġuridika nazzjonali rigward dan il-punt:

……………………………………………………………………………………………………………

4. **Bażi Ġuridika Nazzjonali**

4.1. Ipprovdi l-bażi ġuridika nazzjonali tal-miżura ta' għajnuna inklużi d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni u s-sorsi rispettivi tagħhom:

Bażi ġuridika nazzjonali: ……………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni (meta applikabbli):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Referenzi (meta applikabbli):

……………………………………………………………………………………………………………

4.2. Ma' din in-notifika, ehmeż wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

(a) ☐ kopja tas-siltiet rilevanti tat-test(i) finali tal-bażi ġuridika (flimkien ma' indirizz fuq il-web li jagħti aċċess dirett għaliha, jekk ikun disponibbli)

(b) ☐ kopja tas-siltiet rilevanti tal-abbozz tat-test(i) tal-bażi ġuridika (flimkien ma' indirizz fuq il-web li jagħti aċċess dirett għalih, jekk disponibbli)

([5]) Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

4.3. Fil-każ ta' test finali, it-test finali fih klawżola ta' sospensjoni li biha l-korp li jagħti l-għajnuna jkun jista' jagħti l-għajnuna biss wara li l-Kummissjoni tkun awtorizzatha?

☐ Iva

☐ Le: ġiet inkluża dispożizzjoni f'dak is-sens fl-abbozz tat-test?

☐ Iva

☐ Le: spjega għaliex ma ġietx inkluża dispożizzjoni ta' dak it-tip fit-test tal-bażi ġuridika.

……………………………………………………………………………………………………………………

4.4. Fejn it-test tal-bażi ġuridika fih klawżola ta' sospensjoni, indika jekkd-data li fiha ngħatat l-għajnuna hix se tkun:

☐ id-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni

☐ id-data li fiha l-awtoritajiet nazzjonali ħadu impenn li jagħtu l-għajnuna, soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni

……………………………………………………………………………………………………………………

5. **Identifikazzjoni tal-Ghajnuna, l-Għan u t-Tul ta' żmien**

5.1. Titlu tal-miżura ta' għajnuna (jew isem il-benefiċjarju tal-għajnuna individwali)

……………………………………………………………………………………………………………………

5.2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-għan tal-għajnuna

……………………………………………………………………………………………………………………

5.3. Il-miżura tikkonċerna l-kofinanzjament nazzjonali ta' proġett tal-Fond Ewropew għal Investiment Strateġiku (EFSI) ([6])?

☐ Le

☐ Iva: ehmeż il-formola ta' applikazzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment mal-formola ta' notifika

5.4. Tip ta' għajnuna

5.4.1. In-notifika tirrigwarda skema ta' għajnuna?

☐ Le

☐ Iva: L-iskema temenda skema ta' għajnuna eżistenti?

☐ Le

☐ Iva: Huma ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċedura simplifikata ta' notifika skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 794/2004?

☐ Iva: Uża u imla l-Formola Simplifikata ta' Notifika (ara l-Anness II).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

☐ Le: Kompli b'din il-formola, u għid jekk l-iskema oriġinali li qed tiġi emendata kinitx notifikata lill-Kummissjoni

☐ Iva: speċifika:

Numru tal-għajnuna [7]: ....................

Data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni (referenza għall-ittra tal-Kummissjoni) jekk rilevanti, jew in-numru tal-eżenzjoni: …/…/…;

....................

Tul ta' żmien tal-iskema oriġinali: ....................

Speċifika liema kundizzjonijet qed jiġu emendati fir-rigward tal-iskema oriġinali u għaliex: .

☐ Le: speċifika meta l-iskema ġiet implimentata:

....................

5.4.2. In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali [8]?

☐ Le

☐ Iva: indika jekk:

☐ l-għajnuna hijiex ibbażata fuq skema approvata/li ngħatat eżenzjoni ta' kategorija li għandha tiġi notifikata individwalment. Ipprovdi r-referenza għall-iskema approvata jew l-iskema eżentata:

Titlu: ....................

Numru tal-għajnuna [7]: ....................

L-ittra tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni (fejn applikabbli): ....................

☐ l-għajnuna individwali mhijiex ibbażata fuq skema

5.4.3. Is-sistema ta' finanzjament tifforma parti integrali mill-miżura ta' għajnuna (pereżempju, billi jiġu applikati imposti parafiskali sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa biex l-għajnuna tkun tista' tingħata)?

☐ Le

☐ Iva: jekk iva, is-sistema ta' finanzjament għandha tiġi notifikata wkoll.

5.5. Tul ta' żmien

☐ Skema

Indika l-aħħar data prevista sa liema tista' tingħata l-għajnuna individwali skont l-iskema. Jekk it-tul ta' żmien huwa itwal minn sitt snin, indika għaliex perjodu itwal huwa indispensabbli għall-ilħuq tal-għanijiet tal-iskema ta' għajnuna.

....................

(7) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni tal-iskema awtorizzata jew li ngħatat eżenzjoni ta' kategorija.

(8) Skont l-Artikolu 1(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9), għajnuna individwali tfisser għajnuna li ma tingħatax fuq il-bażi ta' skema ta' għajnuna u għoti ta' għajnuna notifikabbli fuq il-bażi ta' skema.

☐ Għajnuna individwali

Indika d-data li fiha huwa previsti li tingħata l-għajnuna [9]: ...........................................................

Jekk l-għajnuna se titħallas fi ħlasijiet parzjali, indika d-data/i ppjanata/i ta' kull ħlas parzjali ................

6. **Kompatibilità tal-għajnuna**

**Prinċipji komuni tal-valutazzjoni**

*(Is-Subtaqsimiet 6.2 sa 6.7 ma japplikawx għal għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u l-akkwakultura* [10]*)*

6.1. Indika l-għan primarju u, fejn applikabbli, l-għan(ijiet) sekondarju/i, ta' interess komuni li għalihom tikkontribwixxu l-għajnuna:

| | **Għan primarju** *(Immarka wieħed biss)* | **Għan sekondarju** [1] |
|---|---|---|
| Agrikoltura; Forestrija; Żoni rurali | ☐ | ☐ |
| Infrastrutturi tal-broadband | ☐ | ☐ |
| Għajnuna għall-għeluq | ☐ | ☐ |
| Kumpens għal ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali | ☐ | ☐ |
| Kultura | ☐ | ☐ |
| Għajnuna għal ħaddiema żvantaġġati u/jew ħaddiema b'diżabilitajiet | ☐ | ☐ |
| Infrastrutturi tal-enerġija | ☐ | ☐ |
| Effiċjenza enerġetika | ☐ | ☐ |
| Protezzjoni ambjentali | ☐ | ☐ |
| Eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew | ☐ | ☐ |
| Is-sajd u l-akkwakultura | ☐ | ☐ |
| Konservazzjoni tal-patrimonju | ☐ | ☐ |
| Promozzjoni tal-esportazzjoni u internazzjonalizzazzjoni | ☐ | ☐ |
| Żvilupp reġjonali (inkluża l-koperazzjoni territorjali) | ☐ | ☐ |
| Rimedju għal taqlib serju fl-ekonomija | ☐ | ☐ |
| Enerġija rinnovabbli | ☐ | ☐ |
| Salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà | ☐ | ☐ |
| Riċerka, żvilupp u innovazzjoni | ☐ | ☐ |
| Ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà | ☐ | ☐ |

(9) Id-data tal-impenn li jorbot bil-liġi għall-għoti tal-għajnuna.
(10) Fil-każ ta' għajnuna lis-settur tal-agrikoltura jew lis-settur tas-sajd u l-akkwakultura, tintalab informazzjoni dwar il-konformità mal-prinċipji komuni tal-valutazzjoni fil-Partijiet III.12 (Skeda ta' informazzjoni supplementari għall-għajnuna lis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fis-settur taż-żoni rurali) u III.14 (Skeda ta' informazzjoni supplementari għall-għajnuna għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura).

| | **Għan primarju** *(Immarka wieħed biss)* | **Għan sekondarju** ([1]) |
|---|---|---|
| Finanzjament ta' riskju | ☐ | ☐ |
| Żvilupp settorjali | ☐ | ☐ |
| Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) | ☐ | ☐ |
| SMEs | ☐ | ☐ |
| Appoġġ soċjali għal konsumaturi individwali | ☐ | ☐ |
| Infrastrutturi sportivi u ta' rikreazzjoni multifunzjonali | ☐ | ☐ |
| Taħriġ | ☐ | ☐ |
| Infrastruttura jew tagħmir tal-ajruporti | ☐ | ☐ |
| Operazzjoni tal-ajruporti | ☐ | ☐ |
| Għajnuna tal-bidu sabiex il-linji tal-ajru jiżviluppaw rotot ġodda | ☐ | ☐ |
| Koordinazzjoni tat-trasport | ☐ | ☐ |

([1]) Għan sekondarju huwa wieħed li, flimkien mal-għan primarju, l-għajnuna tkun iddedikata esklussivament għalih. Pereżempju, skema li għaliha l-għan primarju huwa r-riċerka u l-iżvilupp jista' jkollha bħala għan sekondarju l-intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs) jekk l-għajnuna hija ddedikata esklussivament għall-SMEs. L-għan sekondarju jista' jkun settorjali wkoll, pereżempju fil-każ ta' skema ta' riċerka u żvilupp fis-settur tal-azzar.

6.2. Spjega għaliex hemm bżonn intervent mill-Istat. Kun af li l-għajnuna trid tkun immirata lejn sitwazzjoni fejn hija tkun tista' ġġib magħha titjib materjali li ma jistax jitwassal mis-suq innifsu, billi tirrimedja għal falliment tas-suq definit b'mod ċar.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.3. Indika għaliex l-għajnuna hija strument xieraq biex tindirizza l-għan ta' interess komuni kif iddefinit fil-punt 6.1. Kun af li l-għajnuna mhijiex se titqies kompatibbli jekk hemm miżuri jfixklu inqas il-kompetizzjoni li bihom ikun possibbli li tinkiseb l-istess kontribuzzjoni pożittiva.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.4. Indika jekk l-għajnuna għandhiex effett ta' inċentiv (jiġifieri meta l-għajnuna tibdel l-imġiba ta' impriża u twassalaha biex tidħol f'attivitajiet oħra li ma kinitx tidħol fihom mingħajr l-għajnuna jew li kienet tidħol fihom b'mod limitat jew differenti).

☐ iva ☐ le

Indika jekk humiex eliġibbli l-attivitajiet li bdew qabel il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal għajnuna.

☐ iva ☐ le

Jekk ikunu eliġibbli, jekk jogħġbok spjega kif ir-rekwiżit tal-effett ta' inċentiv huwa ssodisfat.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.5. Indika għaliex l-għajnuna mogħtija hija proporzjonata sakemm tammonta għall-minimu meħtieġ sabiex twassal għal investiment jew attività.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.6. Indika l-effetti negattivi possibbli tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ u speċifika kemm huma misbuqa mill-effetti pożittivi.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.7. Skont il-Komunikazzjoni dwar it-Trasparenza ([11]), indika jekk l-informazzjoni li ġejja hijiex se tiġi ppubblikata fuq sit web nazzjonali jew reġjonali wieħed: it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew id-deċiżjoni ta' għoti tal-għajnuna individwali u d-dispożizzjonijiet li jimplimentawha, jew link għaliha; l-identità tal-awtorità(jiet) li tagħti/jagħtu l-għajnuna; l-identità tal-benefiċjarju/i individwali, l-istrument tal-għajnuna ([12]) u l-ammont tal-għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju/i; l-għan tal-għajnuna, id-data ta' meta tingħata, it-tip ta' impriża (pereżempju SME, kumpanija kbira); in-numru ta' referenza tal-miżura ta' għajnuna tal-Kummissjoni; ir-reġjun fejn jinsab il-benefiċjarju (fil-livell NUTS 2) u s-settur ekonomiku ewlieni tal-benefiċjarju/i (fil-livell tal-grupp NACE) ([13]).

☐ iva ☐ le

6.7.1. Ipprovdi l-indirizz(i) tas-sit(i) web fejn se tkun disponibbli l-informazzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.7.2. Jekk applikabbli, ipprovdi l-indirizz(i) tas-sit web ċentrali li jikseb l-informazzjoni mis-sit(i) web reġjonali:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.7.3. Jekk l-indirizz(i) tas-sit web imsemmi fil-punt 6.7.2 ma jkun(u)x għadu/hom magħruf(a) meta tiġi ppreżentata n-notifika, l-Istat Membru jrid jieħu impenn li jgħarraf lill-Kummissjoni ladarba jinħolqu dawk is-siti web u jkun magħruf x'inhuma l-indirizzi.

([11]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li temenda l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband, dwar linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, dwar għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra, dwar il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti u finanzjament ta' riskju u dwar il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 198, 27.6.2014, p. 30).

([12]) Għotja/Sussidju tar-rata tal-imgħax, Self/Self bil-quddiem li jitħallas lura/Għotja rimborżabbli, Garanzija, Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa, Finanzjament ta' riskju, Oħrajn (speċifika). Jekk l-għajnuna tingħata permezz ta' bosta strumenti ta' għajnuna, l-ammont tal-għajnuna jrid jiġi pprovdut skont l-istrument.

([13]) Rekwiżit bħal dak jista' jitneħħa fir-rigward tal-għotjiet ta' għajnuna individwali f'somom inqas minn EUR 500 000. Għal skemi fil-forma ta' benefiċċju fuq it-taxxa, l-informazzjoni dwar l-ammonti ta' għajnuna individwali tista' tiġi pprovduta fil-limiti li ġejjin (f'miljuni ta' EUR): [0.5-1]; [1-2];[2-5]; [5-10]; [10-30]; [30 u iktar].

## 7. L-istrument ta' għajnuna, l-ammont tal-għajnuna, l-intensità tal-għajnuna u l-mezzi ta' finanzjament

7.1. L-istrument ta' għajnuna u l-ammont tal-għajnuna

Speċifika l-forma tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna ([14]) imqiegħded għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju/i (fejn xieraq, għal kull miżura):

| L-istrument ta' għajnuna | L-ammont tal-għajnuna jew l-allokazzjoni tal-baġit ([1]) | |
|---|---|---|
| | Kumplessivament | Annwali |
| ☐ **Għotjiet (jew simili fl-effett)**<br>(a) ☐ Għotja diretta<br>(b) ☐ Sussidju tar-rata tal-imgħax<br>(c) ☐ Maħfra tad-dejn | | |
| ☐ **Self (jew simili fl-effett)**<br>(a) ☐ Self aġevolat (inklużi d-dettalji dwar kif inhu garantit is-self u t-tul ta' żmien)<br>(b) ☐ Self bil-quddiem li jitħallas lura<br>(c) ☐ Differiment ta' taxxa | | |
| ☐ **Garanzija**<br>Meta xieraq, agħti referenza għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-metodoloġija sabiex jiġi kkalkolat l-ekwivalenti tal-għotja gross u informazzjoni dwar is-self jew tranżazzjoni finanzjarja oħra koperta mill-garanzija, it-titolu ta' sigurtà meħtieġ u l-primjum li jrid jitħallas, it-tul ta' żmien, eċċ.)<br>…………………………………………………… | | |
| ☐ Kull xorta ta' intervent ta' **ekwità jew kważi-ekwità**<br>…………………………………………………… | | |
| ☐ **Benefiċċju fuq it-taxxa jew eżenzjoni mit-taxxa**<br>(a) ☐ Tnaqqis fit-taxxa<br>(b) ☐ Tnaqqis fil-bażi tat-taxxa<br>(c) ☐ Tnaqqis fir-rata tat-taxxa<br>(d) ☐ Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali<br>(e) ☐ Oħrajn (speċifika)………………………… | | |
| ☐ **Oħrajn** (speċifika)<br>……………………………………………………<br>Indika l-istrumenti ma' liema jista' jsir paragun b'mod ġenerali fir-rigward tal-effett<br>…………………………………………………… | | |

([1]) Għal informazzjoni dwar l-ammonti tal-għajnuna jew il-baġit fi kwalunkwe kapitlu ta' din il-formola u formoli supplimentari, agħti l-ammont sħiħ fil-munita nazzjonali.

Għall-garanziji, indika l-ammont massimu ta' self iggarantit: ……………………………………………

Għas-self, indika l-ammont massimu (nominali) tas-self mogħti: ……………………………………………

([14]) L-ammont kumplessiv tal-għajnuna ppjanata, mogħti f'ammonti sħaħ tal-munita nazzjonali. Għall-miżuri tat-taxxa, id-dħul ġenerali stmat mitluf minħabba konċessjonijiet ta' taxxa. Jekk il-baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat għall-iskema jkun iktar minn EUR 150 miljun, imla t-taqsima dwar l-evalwazzjoni.

7.2. Deskrizzjoni tal-istrument ta' għajnuna

Għal kull strument ta' għajnuna magħżul mil-lista fil-punt 7.1, spjega l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-għajnuna (bħat-trattament fiskali, jekk l-**għajnuna** tingħatax b'mod awtomatiku fuq il-bażi ta' ċerti kriterji oġġettivi jew jekk hemmx xi element ta' diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

7.3. Sors ta' finanzjament

7.3.1. Speċifika l-finanzjament tal-għajnuna:

(a) ☐ Il-baġit ġenerali tal-Istat/reġjun/lokalità

(b) ☐ Permezz tal-ammonti dovuti jew taxxi parafiskali affettwati, li jridu jitħallsu minn benefiċjarju. Ipprovdi d-dettalji sħaħ tal-ammonti dovuti u l-prodotti/attivitajiet li jintalbu għalihom (b'mod partikolari għandek tispeċifika jekk il-prodotti importati minn Stati Membri oħrajn humiex soġġetti għal imposti). Jekk applikabbli, ehmeż kopja tal-bażi ġuridika tal-finanzjament.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(c) ☐ Riżervi akkumulati

(d) ☐ Intrapriżi pubbliċi

(e) ☐ Kofinanzjament tal-fond strutturali

(f) ☐ Oħrajn (speċifika)

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

7.3.2. Il-baġit huwa adottat kull sena?

☐ Iva

☐ Le: speċifika x'perjodu jkopri: ……………………………………………………………………

7.3.3. Jekk in-notifika tikkonċerna bidliet fi skema eżistenti, indika l-effetti baġitarji għal kull wieħed mill-istrumenti tal-għajnuna tal-bidliet notifkati fl-iskema fuq il-:

Baġit totali ……………………………………………………………………………………………

Baġit annwali ([15]) ……………………………………………………………………………………

7.4. Kumulazzjoni

L-għajnuna tista' tiġi kumulata ma' għajnuna jew għajnuniet *de minimis* ([16]) riċevuti minn għajnuna lokali, reġjonali jew nazzjonali ([17]) oħra sabiex tkopri l-istess spejjeż eliġibbli?

☐ Iva. Jekk disponibbli, agħti l-isem, l-iskop u l-għan tal-għajnuna

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([15]) Fil-każ ta' baġit annwali medju tal-għajnuna mill-Istat tal-iskema ta' aktar minn EUR 150 miljun, jekk jogħġbok imla t-taqsima dwar l-Evalwazzjoni ta' din il-formola ta' notifika. Ir-rekwiżit ta' Evalwazzjoni ma japplikax għal skemi ta' għajnuna koperti mill-formola ta' informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-Agrikoltura.

([16]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (ĠU L 190, 28.6.2014, p. 45).

([17]) Il-finanzjament tal-Unjoni amministrat ċentralment mill-Kummissjoni li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istat Membru, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Meta finanzjament tal-Unjoni bħal dak jingħata flimkien ma' finanzjament pubbliku ieħor, dan tal-aħħar biss jiġi kkunsidrat meta jiġi stabbilit jekk humiex rispettati l-limiti tan-notifika u l-intensitajiet massimi tal-għajnuna, sakemm l-ammont totali tal-finanzjament pubbliku mogħti b'rabta mal-istess spejjeż eliġibbli ma jaqbiżx ir-rati massimi ta' finanzjament stabbiliti fir-regolamenti Ewropej applikabbli.

Jekk jogħġbok spjega l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex jiġi żgurat li r-regoli tal-kumulazzjoni jiġu rispettati:

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

☐ Le

8. **Evalwazzjoni**

8.1. L-iskema hija kkunsidrata għall-evalwazzjoni ([18])?

☐ Le

Jekk l-iskema mhijiex ikkunsidrata għall-evalwazzjoni, spjega għaliex tqis li l-kriterji għall-evalwazzjoni mhumiex issodisfati.

……………………………………………………………………………………………………

☐ Iva

Skont liema kriterji l-iskema hija meqjusa għal evalwazzjoni *ex post*:

(a) ☐ Skema b'baġit ta' għajnuna kbair;

(b) ☐ Skema li tinkludi karatteristiċi ġodda;

(c) ☐ Skema fejn tibdil sinifikanti tas-suq, tat-teknoloġija jew regolatorju jista' jiġi previst;

(d) ☐ Skema li int tippjana għal evalwazzjoni anki jekk ma japplikawx il-kriterji l-oħrajn imsemmija f'dan il-punt.

Jekk ikun issodisfat xi wieħed mill-kriterji msemmija f'dan il-punt, indika l-perjodu tal-evalwazzjoni u imla l-formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni fl-Anness I, Parti III.8 ([19]).

……………………………………………………………………………………………………

8.2. Indika jekk twettqitx diġà xi evalwazzjoni *ex post* għal skema simili (fejn xieraq, b'referenza u link għal siti web relevanti)

……………………………………………………………………………………………………

9. **Rapportar u Monitoraġġ**

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja l-iskema ta' għajnuna u l-għajnuna individwali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li:

☐ Kull sena jibgħat lill-Kummissjoni r-rapporti mitlubin mill-Artikolu 26 tar- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/19992015/1589 ([20]).

☐ Għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha tingħata l-għajnuna (għajnuna individwali u għajnuna mogħtija mill-iskema), iżomm reġistri dettaljati li jkun fihom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ meħtieġa sabiex jiġi stabbilit li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibbiltà, u jipprovdihom, fuq talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

([18]) Ir-rekwiżit ta' Evalwazzjoni ma japplikax għal skemi ta' għajnuna koperti mill-formola ta' informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-Agrikoltura.

([19]) Biex jiggwidak, ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 'Metodoloġija Komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat', SWD(2014) 179 finali tat-28.5.2014 f'http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/state_aid_evaluation_methodology_en.pdf.

([20]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/19992015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

Għal skemi ta' għajnuna fiskali:

☐ Fil-każ ta' skemi li fihom tingħata għajnuna fiskali fuq bażi awtomatika tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-benefiċjarji, u meta ma jkun sar ebda kontroll *ex ante* li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà kollha għal kull benefiċjarju, l-Istat Membru jieħu impenn li jimplimenta mekkaniżmu xieraq ta' kontroll li bih jivverifika b'mod regolari (pereżempju darba kull sena fiskali), tal-inqas *ex post* u fuq bażi ta' kampjuni, li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha ta' kompatibbiltà, u li jimponi sanzjonijiet jekk isib frodi. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja skemi ta' għajnuna fiskali, l-Istat Membru notifikanti jieħu impenn li jżomm reġistri dettaljati tal-verifiki għal mhux inqas minn 10 snin mid-data li fiha jsiru l-verifiki, u jipprovdihom, b'talba bil-miktub, lill-Kummissjoni fi żmien perjodu ta' 20 jum tax-xogħol jew perjodu itwal skont kif jiġi stabbilit fit-talba.

10. **Kunfidenzjalità**

In-notifika fiha informazzjoni kunfidenzjali ([21]) li ma għandhiex tiġi żvelata lil terzi?

☐ Iva. Indika liema mill-formoli huma kunfidenzjali u agħti r-raġuni għall-kunfidenzjalità.

……………………………………………………………………………………………………………………

☐ Le

11. **Informazzjoni Oħra**

Meta applikabbli, indika kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

12. **Dokumenti mehmużin**

Elenka d-dokumenti kollha li huma mehmużin man-notifika u pprovdi kopji fuq karti jew indirizzi fuq il-web li jagħtu aċċess għad-dokumenti kkonċernati.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

13. **Dikjarazzjoni**

Niċċertifika li, sa fejn naf jien, l-informazzjoni pprovduta f'din il-formola, fl-Anness u fid-dokumenti mehmuża hija preċiża u sħiħa.

Data u post tal-firma ……………………………………………………………………………

Firma: ……………………………………………………………………………………………

Isem u kariga tal-persuna li qed tiffirma ……………………………………………………

14. **Formola ta' Informazzjoni Supplimentari**

14.1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-formola ta' informazzjoni ġenerali, agħżel il-formola ta' informazzjoni supplimentari li se timla:

(a) ☐ Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna reġjonali

1. ☐ għajnuna għall-investiment

([21]) Biex jiggwidak, ara l-Artikolu 339 TFUE li jagħmel referenza għal 'tagħrif li jirriferi għal impriżi u dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom jew l-elementi tal-costing tagħhom'. B'mod ġenerali, il-qrati tal-Unjoni fissru 'sigrieti kummerċjali' bħala informazzjoni 'li mhux biss l-iżvelar tagħha lill-pubbliku iżda saħansitra anki s-sempliċi mogħdija lil persuna oħra għajr dik li pprovdiet l-informazzjoni jista' jagħmel ħsara serja lill-interess ta' dik imsemmija l-aħħar' fil-Kawża T-353/94, *Postbank v. Il-Kummissjoni* ECLI:EU:T:1996:119, paragrafu 87.

2. ☐ għajnuna operatorja

3. ☐ għajnuna individwali

(b) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

(c) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għar-ristrutturar u s-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà

1. ☐ għajnuna għas-salvataġġ

2. ☐ għajnuna għar-ristrutturar

3. ☐ skemi ta' għajnuna

(d) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-produzzjoni awdjoviżiva

(e) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-broadband

(f) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-ambjent u l-enerġija

(g) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għall-finanzjament tar-riskju:

(h) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tat-trasport:

1. ☐ għajnuna għall-investiment għall-ajruporti

2. ☐ għajnuna operatorja għall-ajruporti

3. ☐ għajnuna tal-bidu għal-linji tal-ajru

4. ☐ għajnuna ta' natura soċjali skont l-Artikolu 107(2)(a) TFUE

5. ☐ għajnuna għat-trasport marittimu

(i) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni

(j) ☐ Formoli ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestijra u f'żoni rurali

(k) ☐ Formola ta' informazzjoni supplimentari dwar l-għajnuna għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura

14.2. Għal għajnuna li mhijiex koperta mill-ebda waħda mill-formoli ta' informazzjoni supplimentari, agħżel id-dispożizzjoni rilevanti tat-TFUE, linja gwida jew test ieħor applikabbli għall-għajnuna mill-Istat:

(a) ☐ Kreditu għall-esportazzjoni fuq tul ta' żmien qasir ([22])

(b) ☐ Skemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet ([23])

(c) ☐ Komunikazzjoni Bankarja ([24])

(d) ☐ Komunikazzjoni dwar proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew ([25])

(e) ☐ Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (l-Artikolu 106(2) TFUE) ([26])

(f) ☐ L-Artikolu 93 TFUE

([22]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni tal-esportazzjoni tal-kreditu fuq terminu qasir (ĠU C 392, 19.12.2012, p. 1).

([23]) Linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra wara l-2012 (ĠU C 158, 5.6.2012, p. 4).

([24]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1).

([25]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU C 188, 20.6.2014, p. 4).

([26]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għal kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4).

(g) ☐ L-Artikolu 107(2)(a) TFUE

(h) ☐ L-Artikolu 107(2)(b) TFUE

(i) ☐ L-Artikolu 107(3)(a) TFUE

(j) ☐ L-Artikolu 107(3)(b) TFUE

(k) ☐ L-Artikolu 107(3)(c) TFUE

(l) ☐ L-Artikolu 107(3)(d) TFUE

(m) ☐ Ieħor/Oħrajn, speċifika

……………………………………………………………………………………………………………………

Agħti ġustifikazzjoni għall-kompatibbiltà tal-għajnuna li taqa' fil-kategoriji magħżula f'dan il-punt:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

*Għal raġunijiet prattiċi, huwa rakkomandat li d-dokumenti mehmuża jiġu numerati u li ssir referenza għan-numri ta' dawk id-dokumenti fit-taqsimiet rilevanti tal-formoli ta' informazzjoni supplimentari.*"

(2) Il-Partijiet III.1, III.2, III.3, III.4, III.5, III.6, III.7, III.8, III.9, III.10 u III.11 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"PARTI III

**FORMOLI TA' INFORMAZZJONI SUPPLIMENTARI**

*PARTI III.1.A*

**Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-investiment reġjonali individwali**

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata kull għajnuna għall-investiment individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020* [1] *(l-'RAG'). Fejn bosta benefiċjarji jkunu involuti f'miżura ta' għajnuna individwali, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.*

1. **Kamp ta' applikazzjoni**

1.1. Raġunijiet għan-notifika tal-miżura:

(a) ☐ In-notifika tirrigwarda għajn una individwali mogħtija skont skema u l-għajnuna mis-sorsi kollha taqbeż il-livell limitu ta' notifika. Ipprovdi referenzi tal-għajnuna mill-Istat tal-iskemi tal-għajnuna kkonċernati approvati jew ta' eżenzjoni ta' kategorija:

(b) ☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna individwali mogħtija barra minn skema (għajnuna *ad hoc*).

(c) ☐ In-notifika tirrigwarda għajnuna mogħtija lil benefiċjarju li għalaq l-istess attività jew waħda simili [2] fiż-ŻEE sentejn qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew fejn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna l-benefiċjarju jkollu l-intenzjoni li jagħlaq dik attività fi żmien perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li jrid jiġi ssussidjat.

(d) ☐ In-notifika tirrigwarda investiment minn impriża kbira biex tiddiversifika stabbiliment eżistenti f'żona 'c' fi prodotti ġodda u/jew proċess ġdid ta' innovazzjoni. [Ħu nota li ż-żoni *'a'* u *'b'* huma definiti skont il-mappa dwar l-għajnuna reġjonali. Ara l-paragrafu 145 RAG]

(e) ☐ Oħrajn. Spjega:

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

1.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna

1.2.1. Ikkonferma li l-benefiċjarju mhux impriża f'diffikultà [3]

.......................................................................................................................................

1.2.2. Jekk il-miżura tkopri għajnuna għall-investiment għal netwerks tal-broadband, spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tiżgura li l-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu mħarsa u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika u/jew dokumenti ta' sostenn.

— l-għajnuna tingħata biss għal żoni fejn ma hemmx netwerk tal-istess kategorija (jew netwerk tal-broadband bażiku jew netwerks ta' aċċess ta' ġenerazzjoni ġdida (next generation access networks) u fejn aktarx mhu se jiġi żviluppat l-ebda netwerk fil-futur qrib;

[1] Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).
[2] 'L-istess attività jew waħda simili' tfisser attività li taqa' fl-istess klassi (kodiċi numeriku b'erba' ċifri) tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Rev. 2.
[3] Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

— l-operatur tan-netwerk issussidjat joffri aċċess bl-ingrossa attiv u passiv b'kundizzjonijiet ġusti u mhux diskriminatorji bil-possibbiltà ta' diżaggregazzjoni sħiħa u effikaċi;

— l-għajnuna ġiet jew se tiġi allokata fuq il-bażi ta' proċess ta' għażla kompetittiv skont il-paragrafi 78(c) u (d) tal-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-użu rapidu tan-netwerks tal-broadband ([4]).

………………………………………………………………………………………………………………

1.2.3. Jekk il-miżura tkopri l-għajnuna għall-infrastrutturi tar-riċerka ([5]), ikkonferma li l-għajnuna tingħata bil-patt li jingħata aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għal dik l-infrastruttura u jiġu pprovduti dokumenti ta' sostenn għal dak il-għan u/jew tiġi pprovduta referenza/i għall-partijiet rilevanti tal-bażi ġuridika (il-paragrafu 13 RAG).

………………………………………………………………………………………………………………

1.2.4. Ippreżenta kopja tal-formola tal-applikazzjoni u l-(abbozz) tal-ftehim tal-għoti tal-għajnuna.

## 2. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-benefiċjarju, il-proġett tal-investiment u l-għajnuna**

2.1. Benefiċjarju

2.1.1. L-identità ta' min jirċievi l-għajnuna:

………………………………………………………………………………………………………………

2.1.2. Jekk l-identità legali ta' min jirċieivi l-għajnuna hija differenti minn dik tal-impriża(i) li tiffinanzja/jiffinanzjaw il-proġett jew mill-benefiċjarju jew benefiċjarji effettivi tal-għajnuna, iddeskrivi dawk id-differenzi.

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

2.1.3. Agħti deskrizzjoni ċara tar-relazzjoni bejn il-benefiċjarju, il-grupp tal-intrapriżi li minnu jagħmel parti u intrapriżi oħra assoċjati, inklużi l-intrapriżi konġunti.

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

2.2. Il-proġett ta' investiment

2.2.1. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-proġett ta' investiment innotifikat:

| | |
|---|---|
| Data tal-applikazzjoni għall-għajnuna: | |
| Data (prevista) għall-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment: | |
| Data prevista tal-bidu tal-produzzjoni: | |
| Data prevista li fiha se tintlaħaq il-kapaċità sħiħa tal-produzzjoni: | |
| Data prevista ta' tmiem il-proġett ta' investiment: | |

([4]) ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1.

([5]) Kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERIC) (ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1).

2.2.2. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona 'a' jew investiment minn SME waħda jew aktar ([6]) f'żona 'c' (il-paragrafu 34 RAG), speċifika l-kategorija jew kategoriji tal-investiment inizjali li huma suġġetti tan-notifika (il-paragrafu 20(h) RAG):

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

(b) ☐ l-estensjoni tal-kapaċità ta' stabbiliment eżistenti

(c) ☐ id-diversifikazzjoni tar-rendiment ta' stabbiliment fi prodotti li qatt ma ġew prodotti fl-istabbiliment

(d) ☐ bidla fundamentali fil-proċess kollu tal-produzzjoni ta' stabbiliment eżistenti

(e) ☐ akkwiżizzjoni ta' assi marbutin direttament ma' stabbiliment sakemm l-istabbiliment ikun għalaq jew kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li jinxtara minn investitur li mhuwiex relatat mal-bejjiegħ ([7])

2.2.3. Jekk in-notifika tkopri investiment f'żona 'c' minn Intrapriża Kbira, speċifika l-kategorija jew kategoriji tal-investiment inizjali suġġetti tan-notifika (il-paragrafu 15 u l-paragrafu 20(i) RAG):

(a) ☐ it-twaqqif ta' stabbiliment ġdid

(b) ☐ id-diversifikazzjoni tal-attività ta' stabbiliment, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida ma tkunx l-istess attività jew waħda simili ([8]) għall-attività li kienet issir qabel fl-istabbiliment

(c) ☐ diversifikazzjoni ta' stabbiliment eżistenti fi prodotti ġodda

(d) ☐ proċess ġdid ta' innovazzjoni fi stabbiliment eżistenti

(e) ☐ l-akkwiżizzjoni tal-assi li jappartjenu lil stabbiliment li jkun għalaq jew li kien jagħlaq li kieku ma nxtarax, u li nxtara minn investitur li mhux relatat mal-bejjiegħ, bil-kundizzjoni li l-attività l-ġdida li għandha titwettaq permezz tal-użu tal-assi akkwistati ma tkunx l-istess attività jew waħda simili għall-attività li tkun twettqet fl-istabbiliment qabel l-akkwiżizzjoni

2.2.4. Iddeskrivi fil-qosor l-investiment billi tispjega kif il-proġett ikkonċernat jaqa' f'waħda jew f'iktar mill-kategoriji tal-investiment inizjali indikati hawn fuq:

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

2.3. L-ispejjeż eliġibbli kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż ta' investiment

……………………………………………………………………………………………………………………

3.2.3. Għajnuna individwali bl-iskema notifikata tingħata:

☐ awtomatikament, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jiġu ssodisfati jew

☐ b'mod diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet?

([34]) Din il-mistoqsija ma tapplikax għal self sussidjat, self pubbliku ta' kapital ta' ekwità jew parteċipazzjonijiet pubbliċi li ma jilħqux il-prinċipju ta' investitur tas-suq, garanziji mill-istat li fihom elementi ta' għajnuna, jew appoġġ pubbliku mogħti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regola *de minimis*.

([35]) Għal dan l-għan tista' ssir referenza, fost l-oħrajn, għal valutazzjonijiet tal-impatt tal-iskema proposta jew valutazzjonijiet *ex post* ta' skemi simili.

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

……………………………………………………………………………………………………………

Jekk għajnuna hija maħsuba biex tingħata fuq bażi diskrezzjonali, ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji li ġew segwiti u ehmeż kopja tad-dispożizzjonijiet amministrattivi interni tal-awtorità li tagħti l-għajnuna applikabbli għall-għoti tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

3.2.4. Jekk l-għajnuna mill-iskema tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett ([36]), uri għaliex forom oħrajn ta' għajnuna li potenzjalment ifixklu inqas bħal self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ekwità ([37]), mhumiex xierqa (il-paragrafu 57 RAG):

……………………………………………………………………………………………………………

3.3. L-effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-iskema

3.3.1. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li kull applikazzjoni għall-għajnuna għandha tiġi ppreżentata qabel ma jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' investiment ikkonċernat (il-paragrafu 64 RAG).

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.2. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li dawk li japplikaw għal għajnuna mill-iskema notifikata se jkunu obbligati jippreżentaw formola ta' applikazzjoni standard ipprovduta mill-awtorità li tagħti l-għajnuna li fiha jridu jispjegaw x'jiġri jekk ma jirċevux l-għajnuna u indika liema minn mix-xenarji (Xenarju 1 — deċiżjoni ta' investiment jew Xenarju 2 — deċiżjoni dwar il-post) japplikaw (il-paragrafu 66 u l-paragrafu 61 RAG). Jekk dik il-formola tal-applikazzjoni tkun differenti mill-eżempju mogħti fl-Anness V għar-RAG, ipprovdi kopja ta' dik l-applikazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.3. Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li Intrapriżi Kbar li japplikaw għall-għajnuna mill-iskema notifikata huma meħtieġa jipprovdu prova biex tissostanzja x-xenarju kontrafattwali deskritt. (il-paragrafu 67 RAG). Spjega wkoll x'tip ta' dokumenti se jkunu meħtieġa.

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.4. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tivvaluta applikazzjonijiet għal għajnuna individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna hija obbligata twettaq verifika tal-kredibilità tax-xenarju kontrafattwali pprovdut u tivverifika li l-għajnuna reġjonali għandha l-effett ta' inċentiv meħtieġ li jikkorrispondi għax-Xenarju 1 jew ix-Xenarju 2 ([38]) (il-paragrafu 68 RAG).

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.5. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li għajnuna individwali mogħtija lill-Intrapriżi Kbar bl-iskema notifikata se tkun limitata għall-ispejjeż netti żejda marbuta mal-implimentazzjoni tal-investiment fiż-żona kkonċernata, meta mqabbla max-xenarju kontrofattwali fin-nuqqas ta' għajnuna, bl-użu tal-metodu spjegat fil-paragrafu 79 u l-paragrafu 80 RAG (il-paragrafu 88 RAG).

……………………………………………………………………………………………………………

([36]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti oħrajn obbligatorji, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([37]) Pereżempju, self b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġużi.

([38]) Xenarju kontrofattwali jitqies kredibbli jekk ikun ġenwin u jekk ikun jirrigwarda l-fatturi prevalenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fiż-żmien li fih il-benefiċjarju jieħu d-deċiżjoni dwar l-investiment.

3.4. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

3.4.1. Spjega kif se jitnaqqas kemm jista jkun it-tfixkil fil-kompetizzjoni u l-kummerċ kkawżati mill-iskema ta' għajnuna nnotifikata (il-paragrafu 125 RAG) ([39]):

……………………………………………………………………………………………………………………

3.4.2. Agħti referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tagħti għajnuna mill-iskema għal proġetti individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna trid tivverifika u tikkonferma li mingħajr l-għajnuna l-investiment ma kienx isir f'reġjun b'intensità tal-għajnuna reġjonali ogħla jew daqs tar-reġjun li għalih hija maħsuba (il-paragrafu 126 RAG).

……………………………………………………………………………………………………………………

3.4.3. Agħti referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jistipulaw li meta tagħti għajnuna mill-iskema għal proġetti individwali, l-awtorità li tagħti l-għajnuna jeħtieġ li tinnotifika l-għotjiet tal-għajnuna individwali f'każijiet li fihom il-benefiċjarju jkun għalaq l-istess attività jew waħda simili f'żona oħra fiż-ŻEE matul is-sentejn qabel id-data ta' applikazzjoni għall-għajnuna jew fil-mument tal-applikazzjoni għall-għajnuna jkollu l-intenzjoni li jagħlaq attività ta' dak it-tip f'perjodu ta' sentejn wara li jitlesta l-investiment li se jiġi ssussidjat. (il-paragrafu 122 RAG)

……………………………………………………………………………………………………………………

## 4. Informazzjoni oħra

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont l-RAG:

……………………………………………………………………………………………………………………

*PARTI III.1.C*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar skemi tal-għajnuna operatorja reġjonali

*Din il-formula ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża biex tiġi notifikata kull skema ta' għajnuna operattiva koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat 2014-2020* ([40]) *(l-'RAG').*

## 1. Kamp ta' applikazzjoni

(a) Speċifika x'tip ta' għajnuna operatorja se tingħata:

i. ☐ Għajnuna operatorja biex jonqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs fiż-żoni 'a'

ii. ☐ Għajnuna operatorja biex tikkumpensa spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi

iii. ☐ Għajnuna operatorja biex tnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati

iv. ☐ Oħrajn. Speċifika:

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

(b) L-iskema ta' għajnuna notifikata tipprovdi li ma tingħatax l-ebda għajnuna operatorja lil kategoriji ta' kumpaniji u setturi li ġejjin? F'kull każ, elenka id-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema.

([39]) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-probabilità ta'effetti negattivi, l-Istat Membru jista' jippreżenta kull valutazzjoni tal-impatt li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, kif ukoll evalwazzjonijiet ex-post li twettqu qabel għal skemi simili preċedenti (kif speċifikat fil-paragrafu 125 RAG).

([40]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 (ĠU C 209, 23.7.2013, p. 1).

| Kategoriji ta' kumpaniji u setturi esklużi | Impriżi f'diffikultà (1) | Dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika tal-iskema |
|---|---|---|
| Is-settur tal-azzar (2) | ☐ Iva | |
| Is-settur tal-fibri sintetiċi (2) | ☐ Iva | |
| Il-produzzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE | ☐ Iva | |
| Ipproċessar u/jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I għat-TFUE (3) fi prodotti elenkati f'dak l-Anness I | ☐ Iva | |
| Il-produzzjoni, l-ipproċessar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd u prodotti tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tat-TFUE | ☐ Iva | |
| Is-settur tat-trasport | ☐ Iva | |
| Is-settur tal-enerġija | ☐ Iva | |
| Taqsima K 'Attivitajiet finanzjarji u ta' assigurazzjoni' tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2 | ☐ Iva | |
| NACE 70.10 'Attivitajiet ta' uffiċċji prinċipali' u NACE 70.22 'Negozju u attivitajiet oħra ta' konsulenza maniġerjali' | ☐ Iva | |

(1) Kif definit fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

(2) Kif definit fl-Anness IV tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020.

(3) Il-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali japplikaw għal skemi ta' għajnuna li jsostnu attivitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42 TFUE iżda li huma koperti mir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali (ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487)) u huma kofinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali jew jingħataw bħala finanzjament nazzjonali addizzjonali għal skemi ta' dak it-tip kofinanzjati, sakemm ma jkunx hemm regoli settorjali li jistipulaw mod ieħor.

## 2. Elementi bażiċi tal-Iskema

2.1. Ipprovdi deskrizzjoni tal-elementi ewlenin tal-iskema u l-objettivi tagħha:

……………………………………………………………………………………………………………

2.2. Indika liema tipi ta' għajnuna huma permessi skont din l-iskema:

(a) ☐ Għotjiet. Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

……………………………………………………………………………………………………………

(b) ☐ Self agevolat. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

……………………………………………………………………………………………………………

(c) ☐ Garanziji. Indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

……………………………………………………………………………………………………………

(d) ☐ Miżuri fiskali. Speċifika liema huma u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

…

(e) ☐ Oħrajn. Speċifika u indika kif l-ekwivalenti tal-għotja se jiġi kkalkolat. Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika:

…

2.3. L-għajnuna individwali tal-iskema notifikata se tingħata:

(a) ☐ b'mod awtomatiku, jekk il-kundizzjonijiet tal-iskema jitwettqu

(b) ☐ b'mod diskrezzjonali, wara deċiżjoni tal-awtoritajiet.

Jekk l-għajnuna tingħata skont kull każ individiwali, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira tal-kriterji li se jiġu applikati. Jekk teżisti gwida amministrattiva għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna, jekk jogħġbok ehmeż kopja tagħha:

…

2.4. L-iskema tal-għajnuna se tiġi kofinanzjata mill-Fondi ESI? Jekk iva, spjega skont liema programmi operattivi se jinkiseb il-finanzjament minn Fondi ESI. Indika wkoll l-ammont ta' finanzjament minn Fondi ESI li se jkun involut.

…

## 3. Kompatibilità tal-għajnuna

3.1. Kontribuzzjoni lejn l-għan reġjonali u l-effett ta' inċentiv:

*Għal għajnuna li tnaqqas ċerti diffikultajiet speċifiċi li jaffaċċaw l-SMEs* [41] *fiż-żoni 'a'*

3.1.1. Elenka d-diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs fir-reġjun ikkonċernat li għandu jiġi indirizzat mill-iskema (il-paragrafu 43 RAG) u uri l-eżistenza u l-importanza ta' dawn id-diffikultajiet (il-paragrafu 44 RAG).

…

3.1.2. Spjega għaliex id-diffikultajiet elenkati fil-punt 3.1.1 ma jistgħux jingħelbu mill-għajnuna għall-investiment u għalhekk hija meħtieġa l-iskema għall-għajnuna operatorja notifikata (il-paragrafu 44 RAG):

…

*Għal għajnuna biex tikkumpensa ċerti spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi*

3.1.3. Identifika l-ispejjeż addizzjonali speċifiċi [42] li se jiġu kkumpensati mill-iskema u uri kif dawk l-ispejjeż huma marbutin mal-iżvantaġġi permanenti stabbiliti fl-Artikolu 349 TFUE (il-paragrafu 45 RAG):

…

*Għal għajnuna biex titnaqqas id-depopolazzjoni f'żoni skarsament popolati*

3.1.4. Uri r-riskju ta' depopolazzjoni taż-żona rilevanti fl-assenza ta' għajnuna operatorja (il-paragrafu 46 RAG):

…

[41] 'SMEs' tfisser impriżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju — ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36.

[42] F'dan ir-rigward, innota li għajnuna operatorja biex tikkumpensa għal kostijiet addizzjonali tat-trasport ta' oġġetti li ġew prodotti f'żoni eliġibbli għal għajnuna operatorja tista' tingħata biss f'konformità mar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ('ĠBER') fis-seħħ fil-mument tal-għotja.

3.2. L-adegwatezza tal-iskema

Indika għaliex l-għajnuna proposta hija kkunsidrata xierqa biex jinkiseb l-objettiv tal-iskema. Spjega b'mod partikolari għaliex strumenti oħra ta' politika li jfixklu inqas u tipi oħra ta' strumenti ta' għajnuna li jfixklu inqas mhumiex xierqa biex tinkiseb l-istess kontribuzzjoni pożittiva għall-iżvilupp reġjonali (il-paragrafi 50, 56, 57, 58 RAG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.3. Proporzjonalità tal-iskema

*Għat-tipi kollha ta' għajnuna operatorja*

3.3.1. Iddetermina l-ispejjeż eliġibbli li huma kompletament attribwibbli għall-problemi li l-għajnuna għandha l-għan li tindirizza, (il-paragrafu 109 RAG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.3.2. Ikkonferma li imposti tad-deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament inklużi fl-ispejjeż eliġibbli rilevanti għal għajnuna għall-investiment reġjonali, ma jiġux inklużi fl-ispejjeż eliġibbli għal għajnuna operatorja (il-paragrafu 109 RAG), u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika.

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.3.3. Iddeskrivi l-mudell ta' kumpens (il-paragrafu 56 RAG) li se jiġi adottat u kif dak il-mudell se jippermetti kalkolu xieraq tal-ammont ta' għajnuna, billi jiżgura li ma jkun hemm ebda kumpens żejjed kif definit fil-paragrafu 109 RAG:

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.3.4. Indika jekk għajnuna operatorja hijiex mogħtija wkoll permezz ta' skemi oħra ta' għajnuna operatorja fir-reġjun, billi ssemmi r-referenza rilevanti tal-għajnuna mill-Istat ta' dawk l-iskemi.

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.3.5. F'każ li skemi oħra ta' għajnuna operatorja huma applikabbli fl-istess reġjun, spjega kif huwa assigurat li għajnuna operatorja mogħtija skont skemi differenti ta' għajnuna operatorja ma jwassalx għal kumpens żejjed:

……………………………………………………………………………………………………………………………

*Għal għajnuna operatorja f'żoni ultraperiferiċi biss*

3.3.6. Uri li l-ispejjeż addizzjonali li għandhom jiġu kumpensati skont l-iskema notifikata se jiġu kkwantifikati b'rabta mal-livell tal-ispejjeż imġarrba minn intrapriżi simili stabbiliti f'reġjuni oħra tal-Istat Membru kkonċernat (il-paragrafu 110 RAG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

*Għal għajnuna operatorja biex jitnaqqsu ċerti diffikultajiet speċifiċi affaċċati mill-SMEs f'ċerti żoni 'a' biss*

3.3.7. Spjega kif il-livell ta' għajnuna se jitnaqqas progressivament tul il-perjodu tal-iskema (il-paragrafu 111 RAG) u pprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika.

……………………………………………………………………………………………………………………………

3.4. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

Spjega għaliex mhux probabbli li l-għajnuna mogħtija skont l-iskema se toħloq tfixil sinifikanti ħafna fil-kompetizzjoni fis-suq (il-paragrafu 140 RAG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

## 4. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li hija rilevanti biex tiġi vvalutata l-miżura ta' għajnuna notifikata skont l-RAG:

……………………………………………………………………………………………………………………………

*PARTI III.2*

**Formola ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni**

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata kull miżura ta' għajnuna (skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali) koperta mill-Qafas għall-għajnuna mill-istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ('il-Qafas għar-RŻI')* ([43]).

*F'każ li jkun hemm bosta benefiċjarji involuti f'miżura ta' għajnuna waħda, jeħtieġ li tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.*

1. **Karatteristiċi tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

1.1. Skemi ta' għajnuna

A) Raġunijiet għan-notifika tal-iskema:

(a) ☐ l-iskema tinkludi fiha għajnuna li mhijiex trasparenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ([44]);

(b) ☐ raġunijiet oħra.

Speċifika:

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

B) Il-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-iskema notifikata:

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

C) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li kull għajnuna mogħtija mill-iskema notifikata se tiġi notifikata individwalment jekk taqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-GBER:

☐

1.2. Għajnuna individwali

A) F'każ li l-għajnuna tkun ibbażata fuq skema approvata, ipprovdi l-informazzjoni dwar dik l-iskema, inkluża r-referenza għall-pubblikazzjoni tagħha (indirizz fuq il-web) u n-numru ta' reġistrazzjoni tagħha tal-għajnuna mill-Istat tagħha:

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk applikabbli, ipprovdi r-rata tal-kambju li ntużat għall-finijiet tan-notifika:

………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………

1.3. Informazzjoni ġenerali

A) Speċifika t-tip ta' għajnuna:

(a) ☐ għajnuna għal proġetti ta' R&Ż;

(b) ☐ għajnuna għal istudji tal-fattibbiltà;

(c) ☐ għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib ta' infrastrutturi tar-riċerka;

([43]) ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1.
([44]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

(d) ☐ għajnuna għall-innovazzjoni għall-SMEs;

(e) ☐ għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċessi u fl-organizzazzjoni;

(f) ☐ għajnuna għar-raggruppamenti ta' innovazzjoni.

B) Il-miżura notifikata tinvolvi finanzjament mill-Unjoni amministrat ċentralment mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji, l-impriżi konġunti jew korpi oħrajn tal-Unjoni li mhuwiex direttament jew indirettament taħt il-kontroll tal-Istati Membri?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

C) Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi f'diffikultà, kif definiti mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji li jinsabu f'diffikultà ([45])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

D) Il-miżura notifikata tinvolvi impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti skont deċiżjoni meħuda qabel li tkun iddikjarat li għajnuna hija illegali u inkompatibbli mas-suq intern?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

E) Il-miżura notifikata tinvolvi organizzazzjonijiet ta' riċerka u tqassim tal-għarfien ('organizzazzjonijiet ta' riċerka') jew infrastrutturi tar-riċerka, kif iddefiniti fil-punti 15(ee) u (ff) tal-Qafas RŻI?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

F) Il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

([45]) ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1.

G) L-għajnuna mogħtija skont il-miżura notifikata tista' tingħata flimkien ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

H) Jekk applikabbli, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt sabiex tikkonferma li l-benefiċjarji huma konformi mad-definizzjoni ta' SME stabbilita fl-Anness I tal-GBER u, għal għajnuna individwali, agħti l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

☐

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2. **Organizzazzjonijiet ta' riċerka u infrastrutturi tar-riċerka**

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka kkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata jwettqu xi attività ekonomika li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari?

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u l-ispejjeż, il-finanzjament u d-dħul tagħhom jistgħu jiġu separati minn xulxin b'mod ċar?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-ammont ta' finanzjament pubbliku allokat lilha għal perjodu kontabilistiku speċifiku huwa limitat għall-ispejjeż tal-attivitajiet mhux ekonomiċi mġarrbin fl-istess perjodu?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

D) Jekk l-istess entità twettaq attivitajiet kemm ta' għamla ekonomika kif ukoll mhux ekonomika, l-użu ekonomiku jibqa' purament anċillari, jiġifieri jikkorrispondi għal attività li hija meħtieġa u direttament marbuta mal-operat tal-organizzazzjoni ta' riċerka jew l-infrastruttura tar-riċerka jew intrinsikament marbuta mal-użu mhux ekonomiku ewlieni tagħha, u li hija limitata fil-kamp ta' applikazzjoni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika u indika s-sehem tal-kapaċità kumplessiva li tintuża jew li hija stmata li tintuża għat-tali attivitajiet ekonomiċi fis-sena:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

E) Jekk huwa pprovdut finanzjament pubbliku għall-attivitajiet ekonomiċi mhux anċillari tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew tal-infrastrutturi tar-riċerka, jista' jintwera li kemm il-finanzjament pubbliku kif ukoll kull vantaġġ miksub bih jingħaddew kompletament lid-destinatarju finali, pereżempju permezz ta' prezzijiet imraħħsin, u li ma jingħata ebda vantaġġ ieħor lill-intermedjarju?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3. **Għajnuna indiretta mill-istat lil impriżi permezz ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-infrastrutturi ta' riċerka**

3.1. Riċerka f'isem l-impriżi

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka kkonċernati mill-miżura ta' għajnuna notifikata jwettqu riċerka kuntrattata jew ifornu servizzi ta' riċerka lill-impriżi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kuntrattata jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi, dawk is-servizzi jipprovduhom bi prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu riċerka kkuntrattata jew jipprovdu servizzi ta' riċerka lil impriżi u ma hemm ebda prezz tas-suq, dawk is-servizzi jipprovduhom bi prezz li jirrifletti l-ispejjeż kollha tas-servizzi u li ġeneralment jinkludi marġni stabbilit b'referenza għal dawk applikati b'mod ġenerali minn impriżi attivi fis-settur ikkonċernat, jew huwa r-riżultat tan-negozjati bil-kundizzjonijiet normali tas-suq li fihom l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jinnegozjaw sabiex jiksbu l-ikbar benefiċċju ekonomiku meta jkun qed jiġi konkluż il-kuntratt u mill-inqas ikopru l-ispejjeż marġinali tagħhom?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.2. Kollaborazzjoni ma' intrapiżi

A) L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka milquta mill-miżura ta' għajnuna notifikata jikkollaboraw ma' impriżi bil-għan li jwettqu proġetti speċifiċi b'mod konġunt?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi, indika jekk humiex issodisfati xi whud mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-impriżi parteċipanti jġarrbu l-ispiża kollha tal-proġetti;

☐ iva ☐ le

(b) ir-riżultati tal-kollaborazzjoni li ma jwasslux għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali ('DPI') jistgħu jitqassmu sew u kull DPI li jirriżulta mill-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew infrastrutturi tar-riċerka jiġu allokati kompletament lilhom

☐ iva ☐ le

(c) kull DPI li jirriżulta mill-proġett, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess relatati jiġu allokati lill-imsieħba ta' kollaborazzjoni differenti b'mod li jirrifletti kif xieraq il-pakketti ta' ħidma, il-kontribuzzjonijiet u l-interessi rispettivi tagħhom

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal xi waħda mill-mistoqsijiet ta' hawn fuq hija iva, agħti iktar dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jikkollaboraw b'mod effettiv ma' impriżi u ma tweġibx iva għall-ebda waħda mill-mistoqsijiet (B), indika jekk hijiex issodisfata xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens li l-ammont tiegħu ġie stabbilit permezz ta' proċedura ta' bejgħ kompetittiva miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja:

☐ iva ☐ le

(b) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu kumpens li l-ammont tiegħu huwa kkonfermat li tal-inqas jilħaq il-prezz minimu skont valutazzjoni ta' espert indipendenti:

☐ iva ☐ le

(c) l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka jistgħu juru li nnegozjaw b'mod effettiv il-kumpens, fil-kundizzjonijiet tas-suq normali, sabiex jiksbu l-benefiċċju ekonomiku massimu meta ġie konkluż il-kuntratt:

☐ iva ☐ le

(d) f'każijiet li fihom il-ftehim ta' kollaborazzjoni jipprovdi lill-impriżi li jikkollaboraw bi dritt tal-ewwel ċaħda fir-rigward tad-DPI iġġenerat mill-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew l-infrastrutturi tar-riċerka, dawn tal-aħħar jeżerċitaw dritt reċiproku li jfittxu offerti iktar ekonomikament vantaġġużi minghand terzi sabiex l-impriżi li jikkollaboraw ikollhom jilħqu l-offerta tagħhom kif xieraq.

☐ iva ☐ le

Jekk kull waħda mill-mistoqsijiet f'din it-taqsima twieġbet 'iva', agħti iktar dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

4. **Akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp**

A) Jekk il-miżura notifikata tinvolvi akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp mingħand l-impriżi, il-fornituri jintgħażlu permezz ta' proċedura ta' offerta miftuħa mwettqa skont id-direttivi applikabbli ([46])?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

B) Fil-każijiet kollha l-oħrajn li fihom il-miżura notifikata tinvolvi l-akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp mingħand impriżi, inkluż l-akkwist prekummerċjali, indika jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proċedura tal-għażla hija miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja, u bbażata fuq kriterji ta' għażla u ta' għoti li huma oġġettivi u speċifikati qabel issir il-proċedura tal-offerti

☐ iva ☐ le

Jekk le, ipprovdi dettalji biex tindika jekk ġietx segwita proċedura kompetittiva, trasparenti u mhux diskriminatorja f'konformità mad-direttivi applikabbli (pereżempju, proċedura kompetittiva b'negozjati, sħubija ta' innovazzjoni, djalogu kompettitiv):

……………………………………………………………………………………………………………………

(b) l-arranġamenti kuntrattwali previsti li jiddeskrivu d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet, inkluż fir-rigward tad-DPI, ikunu disponibbli għall-offerenti interessati kollha qabel il-proċedura tal-offerti:

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

(c) l-akkwist ma jagħtix trattament preferenzjali lil xi wieħed mill-parteċipanti fil-forniment ta' volumi kummerċjali tal-prodotti finali jew ta' servizzi lil xerrej pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat ([47]), u waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:

— ir-riżultati kollha li ma jwasslux għal DPI jistgħu jitqassmu b'mod ġenerali b'mod li impriżi oħrajn ikunu jistgħu jirriproduċuhom, u kull DPI jiġi allokat bis-sħiħ lix-xerrej pubbliku, jew

— kull fornitur ta' servizzi li lilu jiġu allokati riżultati li jwasslu għal DPI huwa meħtieġ jagħti lix-xerrej pubbliku aċċess illimitat għal dawk ir-riżultati mingħajr ħlas, u jagħti aċċess lil terzi bil-kundizzjonijiet tas-suq.

☐ iva ☐ le

Ipprovdi d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

([46]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

([47]) Mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jkopru kemm l-iżvilupp kif ukoll l-akkwist sussegwenti ta' prodotti jew servizzi uniċi jew speċjalizzati.

## 5. Deskrizzjoni tal-miżura ta' għajnuna notifikata

### 5.1. Għajnuna għall-proġetti ta' R&Ż

A) Indika liema stadji tar-R&Ż qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

(a) ☐ riċerka fundamentali;

(b) ☐ riċerka industrijali;

(c) ☐ l-iżvilupp sperimentali.

B) Għal għajnuna individwali, jekk il-proġett ikopri kategoriji differenti tar-riċerka, elenka u kkwalifika l-kompiti differenti divisi skont il-kategoriji tar-riċerka fundamentali, ir-riċerka industrijali jew l-iżvilupp sperimentali:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għal għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

| | Riċerka fundamentali | Riċerka industrijali | Żvilupp sperimentali |
|---|---|---|---|
| Spejjeż tal-persunal | | | |
| Spejjeż tal-istrumenti u l-apparat | | | |
| Spejjeż tal-bini u l-art | | | |
| Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrijin jew illiċenzjati minn sorsi esterni b'kundizzjonijiet tas-suq normali | | | |
| Spejjeż ġenerali addizzjonali mġarrba direttament bħala riżultat tal-proġett | | | |
| Spejjeż operattivi oħrajn | | | |

D) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

| | Intrapriża żgħira | Intrapriża ta' daqs medju | Intrapriża kbira |
|---|---|---|---|
| Riċerka fundamentali | | | |
| Riċerka industrijali | | | |
| — soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transkonfinali jew ma' mill-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew<br>— soġġetta għat-tixrid fil-wiesgħa tar-riżultati | | | |

| | Intrapriża żgħira | Intrapriża ta' daqs medju | Intrapriża kbira |
|---|---|---|---|
| Żvilupp sperimentali | | | |
| — soġġetta għal kollaborazzjoni effettiva bejn impriżi (għal intrapriżi kbar transkonfinali jew ma' tal-inqas SME waħda) jew bejn impriża u organizzazzjoni ta' riċerka; jew<br>— soġġetta għat-tixrid fil-wiesgħa tar-riżultati | | | |

5.2. Għajnuna għall-istudji tal-fattibbiltà

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna, inkluża kull żieda għall-SMEs ('bonuses fil-każ ta' SMEs'):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5.3. Għajnuna għall-kostruzzjoni u t-titjib ta' infrastrutturi tar-riċerka

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Speċifika l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jwettqu kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-ispejjeż ta' finanzjament u d-dħul ta' kull tip ta' attività huma meqjusa għalihom fuq il-bażi ta' prinċipji kontabilistiċi tal-ispejjeż ġustifikabbli b'mod oġġettiv u applikati b'konsistenza:

☐

Għal għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

D) Jekk l-infrastrutturi tar-riċerka jirċievu finanzjament pubbliku kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' rkupru li jiżgura li ma tinqabiżx l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna:

☐

Ipprovdi informazzjoni u provi rilevanti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

E) Il-prezz mitlub għall-operat jew l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka jikkorrispondi għal prezz tas-suq?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

F) L-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, agħti d-dettalji u indika s-sehem tal-ispejjeż ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5.4. L-għajnuna lill-SMEs għall-innovazzjoni

A) Indika liema attivitajiet qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

(a) ☐ il-kisba, il-validazzjoni u d-difiża ta' privattivi u assi intanġibbli oħrajn;

(b) ☐ is-sekondar ta' persunal ferm ikkwalifikat;

(c) ☐ ix-xiri ta' servizzi ta' konsulenza u appoġġ fl-innovazzjoni.

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5.5. L-għajnuna għall-innovazzjoni fil-proċess u fl-organizzazzjoni

A) Indika liema attivitajiet qed jingħataw appoġġ mill-miżura notifikata:

☐ innovazzjoni fil-proċess;

☐ l-innovazzjoni fl-organizzazzjoni.

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

| | |
|---|---|
| Spejjeż tal-persunal | |
| Spejjeż tal-istrumenti u t-tagħmir (sa fejn hu meħtieġ għall-użu fil-proġett u tul il- perjodu ta-proġett) | |
| Spejjeż tal-bini u l-art (puntsa fejn hu meħtieġ għall-użu fil-proġett u għall-tul il- perjodu użati fil-ta-proġett) | |
| Spejjeż tar-riċerka kuntrattwali, l-għarfien u l-privattivi mixtrijin jew illiċenzjati minn sorsi esterni b'kundizzjonijiet tas-suq normali | |
| Spejjeż ġenerali addizzjonali u spejjeż operattivi oħrajn imġarrbin direttament minħabba l-proġett ta' riċerka | |

C) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

D) Meta l-għajnuna tingħata lil intrapriżi kbar, immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li effettivament jikkollaboraw ma' SMEs fl-attività megħjuna u l-SMEs li jikkollaboraw iġarrbu tal-inqas 30 % tal-ispejjeż eliġibbli totali:

☐

Għal għajnuna individwali, ipprovdi l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5.6. Għajnuna għar-raggruppamenti ta' innovazzjoni

A) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-għajnuna tingħata b'mod esklussiv lill-entità legali li topera r-raggruppament ta' innovazzjoni:

☐

Għal għajnuna individwali, agħti d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) It-tariffi mitlubin għall-użu tal-faċilitajiet tar-raggruppamenti u l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tar-raggruppamenti jikkorrispondu għall-prezz tas-suq jew jirriflettu l-ispejjeż tagħhom?

☐ iva ☐ le

Speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) L-aċċess għall-bini, il-faċilitajiet u l-attivitajiet tar-raggruppamenti huwa miftuħ għal bosta utenti fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja?

☐ iva ☐ le

F'każ li jingħata aċċess preferenzjali lil ċerti impriżi, agħti d-dettalji u indika s-sehem tal-ispejjeż ta' investiment imġarrbin minn dawk l-impriżi:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

D) Għal għajnuna individwali, ipprovdi informazzjoni dwar l-ispeċjalizzazzjoni ppjanata jew mistennija tar-raggruppament ta' innovazzjoni, il-potenzjal reġjonali eżistenti u l-preżenza ta' raggruppamenti fl-Unjoni bi skopijiet simili:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5.6.1. L-għajnuna għall-investiment

A) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Speċifika l-intensitajiet massimi applikabbli tal-għajnuna, inkluża kull żieda ('bonuses') għal raggruppamenti li jinsabu f'reġjuni assistiti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 107(3)(a) jew 107(3)(c) TFUE:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

5.6.2. Għajnuna operatorja

A) Indika liema attivitajiet huma sostnuti mill-miżura notifikata:

(a) ☐ l-animazzjoni tar-raggruppament;

(b) ☐ il-kummerċjalizzazzjoni tar-raggruppament;

(c) ☐ il-ġestjoni tal-faċilitajiet tar-raggruppament;

(d) ☐ l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi.

B) Speċifika l-ispejjeż eliġibbli u, għall-għajnuna individwali, indika l-ammont tagħhom:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

C) Speċifika l-intensità massima applikabbli tal-għajnuna u t-tul ta' żmien tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

## 6. Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna notifikata

Għal għajnuna individwali, agħti deskrizzjoni komprensiva tal-proġett jew l-attività megħjuna:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

6.1. Il-kontribut lejn għan ta' interess komuni li huwa definit sew

A) Iddefinixxi bl-eżatt l-għan li jrid jintlaħaq u spjega kif il-miżura notifikata għandha l-għan li tippromwovi attivitajiet ta' RŻI fl-Unjoni:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

B) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna, hija parti minn programm komprensiv jew pjan ta' azzjoni li jistimola attivitajiet ta' RŻI jew strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti?

☐ iva ☐ le

Speċifika, fejn rilevanti għandek tinkludi wkoll referenza għal evalwazzjonijiet ta' miżuri ta' għajnuna simili fl-imgħoddi:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

*Għajnuna individwali*

A) Id-daqs tal-proġett se jikber minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-ispejjeż totali tal-proġett (mingħajr tnaqqis fl-infiq mill-benefiċjarju tal-għajnuna meta mqabbel mas-sitwazzjoni mingħajr għajnuna);

(b) ☐ żieda fl-għadd ta' nies assenjati għall-attivitajiet tar-RŻI;

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

B) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett se jitwessa' minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-għadd ta' riżultati mistennija mill-proġett;

(b) ☐ żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-proġett evidenzjata minn għadd akbar ta' sħab involuti, probabbiltà ogħla ta' avvanzi deċiżivi xjentifiċi jew teknoloġiċi jew riskju ogħla ta' falliment (notevolment b'rabta man-natura fit-tul tal-proġett u l-inċertezza dwar ir-riżultati tiegħu);

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

C) Il-veloċità tal-proġett se tiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi l-evidenza rilevanti:

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

D) L-ammont tan-nefqa totali se jiżdied minħabba l-miżura notifikata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika t-tip ta' tkabbir u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ żieda fl-infiq totali għar-RŻI min-naħa tal-benefiċjarju tal-għajnuna, f'termini assoluti jew bħala proporzjon tal-fatturat;

(b) ☐ bidliet fil-baġit impenjat għall-proġett (mingħajr tnaqqis korrispondenti fil-baġit allokat għal proġetti oħra);

(c) ☐ tip ieħor ta' żieda.

…………………………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………………………

E) Il-miżura notifikata se tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex post*, disponibbli pubblikament, tal-kontribut tagħha għall-interess komuni?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

6.2. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

A) Identifika l-fallimenti tas-suq li qed ixekklu l-attivitajiet ta' RŻI f'dan il-każ u li jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' għajnuna mill-istat u pprovdi evidenza rilevanti:

(a) ☐ esternalitajiet pożittivi/tixrid tal-għarfien;

(b) ☐ tagħrif imperfett jew asimettriku;

(c) ☐ falliment fil-koordinazzjoni u n-networking.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

B) Spjega kif il-miżura notifikata tista' tnaqqas b'mod effettiv il-fallimenti tas-suq assoċjati mal-ilħuq tal-għan ta' interess komuni mingħajr l-għajnuna

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

6.2.1. Għajnuna individwali

A) Spjega jekk l-għajnuna tindirizzax falliment ġenerali tas-suq fir-rigward tal-attivitajiet ta' RŻI fl-Unjoni, jew falliment speċifiku tas-suq rigward, pereżempju, settur partikolari jew linja tan-negozju:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk disponibbli, ipprovdi kull paragun settorjali u studju ieħor li jista' jissostanzja l-analiżi tal-fallimenti allegati tas-suq:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk disponibbli, ipprovdi kull informazzjoni dwar proġetti jew attivitajiet ta' RŻI mwettqa fl-Unjoni li, fir-rigward tal-kontenut teknoloġiku, il-livell ta' riskju u d-daqs tagħhom, jixbhu lil dawk ikkonċernati mill-miżura notifikata u spjega għaliex hemm bżonn tal-għajnuna fil-każ ikkonċernat:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

6.3. Adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna

A) Spjega kif ġew stabbiliti l-vantaġġi tal-użu ta' strument ta' politika selettiva bħall-għajnuna mill-istat sabiex jiżdiedu l-attivitajiet ta' RŻI, u pprovdi kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt relatata u dokument ta' sostenn:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ finanzjarju dirett (bħal għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis fit-taxxa jew miżati obbligatorji oħra, jew il-forniment ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet vantaġġużi), ipprovdi analiżi ta' possibbiltajiet oħrajn u spjega għaliex jew kif forom oħrajn ta' għajnuna huma inqas adattati biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq identifikati:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.4. Effett ta' inċentiv

A) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li meta tingħata l-għajnuna mill-miżura notifikata, se jiġi żgurat li l-ħidma fuq l-attivitajiet rilevanti ta' RŻI mhijiex diġà se tkun bdiet qabel ma l-benefiċjarju japplika għall-għajnuna mal-awtoritajiet nazzjonali ([48]) u, għal għajnuna individwali, speċifika d-dati rilevanti:

☐

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Immarka l-kaxxa ta' hawn taħt biex tikkonferma li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna jinkludu tal-inqas l-isem tal-applikant u d-daqs tal-impriża, deskrizzjoni tal-proġett, inkluż fejn se jsir u d-dati tal-bidu u tmiem, l-ammont ta' appoġġ pubbliku meħtieġ biex isir, u l-lista tal-ispejjeż eliġibbli:

☐

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

C) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, ipprovdi d-detalji u, għal miżuri mhux inkrementali, kull studju ta' evalwazzjoni li jistabbilixxi l-effett ta' inċentiv tagħha:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.4.1. Għajnuna individwali

A) Agħti deskrizzjoni, permezz ta' analiżi kontrafattwali, tal-imġiba tal-benefiċjarju fin-nuqqas tal-għajnuna u speċifika l-bidla intenzjonata:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Speċifika l-elementi li huma rilevanti għall-miżura notifikata u agħti evidenza ta' sostenn, bħal dokumenti tal-bord, valutazzjonijiet ta' riskju, rapporti finanzjarji, pjanijiet kummerċjali interni, opinjonijiet ta' esperti u studji oħrajn marbutin mal-proġett ivvalutat:

(a) ☐ il-livell ta' profitabilità;

(b) ☐ l-ammont ta' investiment u l-perjodu ta' żmien tal-flussi tal-flus;

(c) ☐ il-livell ta' riskju involut.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([48]) Jekk l-applikazzjoni għall-għajnuna tkun għal proġett ta' R&Ż, din ma teskludix li l-benefiċjarju potenzjali jkun diġà wettaq studji tal-fattibbiltà li mhumiex koperti mit-talba għall-għajnuna.

C) Jekk disponibbli, ipprovdi dejta speċifika għall-industrija li turi li x-xenarju kontrafattwali tal-benefiċjarju, il-livell meħtieġ ta' profittabilità tiegħu u l-flussi tal-flus mistennija tiegħu huma raġonevoli:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.5. Il-proporzjonalità tal-għajnuna

A) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self bil-quddiem li jitħallas lura mogħti bħala ekwivalenti gross tal-għotja, agħti dettalji dwar il-metodoloġija applikata sabiex tiġi kkalkolata l-għotja grossa ekwivalenti, inkluża dejta verifikabbli sottostanti jew, għal għajnuna individwali, speċifika fuq il-bażi ta' liema skema ta' għajnuna approvata tingħata l-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' self li jitħallas lura mogħti bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli u taqbeż, b'mhux iktar minn 10 punti perċentwali, l-intensitajiet massimi tal-għajnuna stabbiliti fil-Qafas tar-RŻI, ikkonferma li:

(a) ☐ fil-każ li l-eżitu jkun suċċess, il-miżura notifikata tipprovdi li s-self irid jitħallas lura b'rata ta' imgħax li ma tkunx inqas mir-rata ta' skont li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont ([49]);

(b) ☐ fil-każ ta' suċċess li jmur lil hinn l-eżitu definit bħala wieħed ta' suċċess, l-Istat Membru kkonċernat jitlob pagamenti ogħla mir-ripagament tal-ammont tas-self inkluż l-imgħax skont ir-rata ta' skont applikabbli;

(c) ☐ fil-każ ta' falliment jew suċċess parzjali, ir-ripagament ikun proporzjonat mal-grad ta' suċċess miksub.

Agħti dettalji dwar ir-ripagament tas-self u ddefinixxi biċ-ċar liema eżitu ikun meqjus suċċess għall-attivitajiet megħjuna, fuq il-bażi ta' ipoteżi raġonevoli u prudenti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

B) Jekk l-għajnuna tingħata fil-forma ta' miżura fiskali, speċifika kif inhuma kkalkolati l-intensitajiet tal-għajnuna u pprovdi kull dettall rilevanti:

☐ fuq il-bażi tal-proġetti individwali;

6.6. Spjega fuq il-bażi ta' liema kriterji l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutaw kemm il-problemi tal-benefiċjarju huma marbutin mal-likwidità jew is-solvenza, jew mat-tnejn, u kif se jagħżlu l-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat li se jindirizzaw il-problemi identifikati bl-iktar mod xieraq:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar*

6.7. L-appoġġ temporanju għar-ristrutturar li se jingħata mill-iskema huwa ristrett għal garanziji tas-self jew self?

☐ iva ☐ le

6.8. L-iskema teħtieġ li l-ispiża finanzjarja tas-self (jew, fil-każ ta' garanziji tas-self, l-ispiża finanzjarja totali tas-self iggarantit, inkluża r-rata tal-imgħax tas-self u l-primjum tal-garanzija) se tkun stabbilita f'rata li ma tkunx inqas mir-rata ta' referenza stabbilita mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Rata ta' Referenza għal impriżi dgħajfin li toffri livelli normali ta' garanziji?

☐ iva ☐ le

6.9. L-iskema teħtieġ li r-remunerazzjoni għall-appoġġ temporanju għar-ristrutturar tiżdied b'għallinqas 50 punt bażi, 12-il xahar wara li jitħallas l-ewwel ħlas parzjali lill-benefiċjarju (nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ)?

☐ iva ☐ le

6.10. L-iskema tipprovdi li l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar mhuwiex se jingħata għal iktar minn 18-il xahar, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ?

☐ iva ☐ le

6.11. L-iskema tipprovdi li mhux inqas minn sitt xhur wara li jsir l-ewwel ħlas parzjali tal-appoġġ temporanju għar-ristrutturar lill-benefiċjarju, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ, l-awtoritajiet nazzjonali se japprovaw pjan ta' ristrutturar simplifikat?

☐ iva ☐ le

6.12. L-iskema tipprovdi li, fi 18-il xahar mid-data li fiha jingħata l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar, nieqes kull perjodu li jaħbat eżatt qabel l-għajnuna għas-salvataġġ, is-self se jitħallas lura jew il-garanzija tintemm, sakemm qabel dak iż-żmien ma jkunx ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali pjan ta' ristrutturar jew pjan ta' likwidazzjoni tal-benefiċjajru?

☐ iva ☐ le

7. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna jew l-għajnuna limitata għall-minimu**

*Fil-każ ta' għajnuna għas-salvataġġ u appoġġ temporanju għar-ristrutturar*

7.1. L-ammont tal-għajnuna

(a) L-iskema tipprovdi li l-ammont tal-għajnuna mhuwiex se jkun iktar mir-riżultat tal-kalkolu fuq il-bażi tal-formula stabbilita fl-Anness I għal-Linji Gwida?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għall-punt (a) hija le, l-iskema teħtieġ it-tħejjija ta' pjan ta' likwidità li jfassal il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-benefiċjarju għas-sitt xhur li jmiss (18-il xahar fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar)?

☐ iva ☐ le

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija iva, spjega skont liema informazzjoni l-awtoritajiet nazzjonali se jistħarrġu jekk il-pjan ta' likwidità li jfassal il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-benefiċjarju għas-sitt xhur li jmiss (18-il xahar fil-każ ta' appoġġ temporanju għar-ristrutturar) huwiex iġġustifikat kif suppost:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar*

7.2. Il-kontribuzzjoni proprja

(a) L-iskema teħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni vera u ħielsa mill-għajnuna għall-ispejjeż ta' ristrutturar mir-riżorsi proprji tal-benefiċjajru, l-azzjonisti, il-krédituri tiegħu, il-grupp kummerċjali li minnu jagħmel parti, jew mingħand investituri ġodda f'ammont inqas minn 40 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs mejdu jew 25 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi żgħar?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għall-punt a) hija iva, spjega liema elementi l-awtoritajiet nazzjonali se jikkunsidraw biex jivvalutaw jekk il-kontribuzzjoni proprja hijiex vera u ħielsa mill-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(c) L-iskema teħtieġ li l-kontribuzzjoni prorpja tkun paragunabbli mal-għajnuna mogħtija f'termini ta' effetti fuq il-pożizzjoni ta' solvenza jew likwidità tal-benefiċjarju ([93])?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk it-tweġiba għall-punt (c) hija iva, spjega kif l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutawha:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

7.3. Il-kondiviżjoni tal-piż

*Għandha timtela jekk l-iskema tipprovdi li l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata f'forma li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-ekwità ta' benefiċjarju* ([94])*:*

(a) L-iskema tipprovdi li l-intervent tal-Istat jista' jseħħ biss wara li t-telf ikun ġie kontabilizzat u attribwit bis-sħiħ lill-azzjonisti eżistenti u/jew lid-detenturi ta' dejn subordinat?

☐ iva ☐ le

(b) Il-flus li jgħaddu mingħand il-benefiċjarju lejn id-detenturi ta' ekwità u ta' dejn subordinat se jkun evitat matul il-perjodu ta' ristrutturar safejn ikun legalment possibbli?

☐ iva ☐ le

([93]) Pereżempju, meta l-għajnuna li għandha tingħata ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ekwità tal-benefiċjarju, il-kontribuzzjoni proprja għandha tinkludi miżuri simili li daqstant ieħor għandhom effett ta' tisħiħ, bħal pereżempju jżidu l-ekwità ġdida mingħand azzjonisti eżistenti, it-tħassir tad-dejn eżistenti u noti kapitali jew il-konverżjoni ta' dejn eżistenti f'ekwità, jew iż-żieda ta' ekwità esterna ġdida b'termini tas-suq.

([94]) Pereżempju meta l-Istat jipprovdi għotjiet, jinjetta kapital jew iħassar dejn.

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija le, spjega fuq il-bażi ta' liema kriterji l-awtoritajiet nazzjonali se jivvalutaw jekk dawk il-moviment ta' flus huwiex se jaffettwa b'mod sproporzjonat dawk li injettaw ekwità ġdida.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

(d) L-awtoritajiet nazzjonali se jippermettu li jsiru eċċezzjonijiet mill-kundizzjonijiet deskritti fil-punti (a) u (b) iktar 'il fuq?

☐ le

☐ iva. Jekk iva, spjega.

……………………………………………………………………………………………………………………

(e) L-iskema tipprovdi li l-Istat se jirċievi sehem raġonevoli tal-gwadann futur fil-valur li se jkollu l-benefiċjarju, fid-dawl tal-ammont ta' ekwità li jinjetta l-Istat f'paragun mal-ekwità meta mqabbel mal-ekwità li jifdal tal-kumpanija wara li jkun ġie kontabilizzat id-dejn?

☐ iva ☐ le

8. **Effetti negattivi**

8.1. Il-prinċipju ta' 'darba u tal-aħħar':

L-iskema teskludi ([95]) il-forniment tal-għajnuna lil kull SME li diġà rċiviet għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar fl-imgħoddi ([96]) u/jew kull għajnuna mhux notifikata?

☐ iva ☐ le

*Fil-każ ta' għajnuna għar-ristrutturar*

8.2. Miżuri biex jiġi limitat it-tfixkil fil-kompetizzjoni ([97]):

*Il-miżuri strutturali — iċ-ċessjonijiet u t-tnaqqis fl-attivitajiet tan-negozju*

(a) L-iskema teħtieġ ċessjonijiet ta' assi, tnaqqis tal-kapaċità jew preżenza fis-suq ([98]) mingħand il-benefiċjarji flimkien ma' indikazzjoni tas-swieq rilevanti li fihom se jseħħu ċ-ċessjonijiet ([99]) u meta jridu jsiru ([100])?

☐ iva ☐ le

---

([95]) Tinibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li meta jkunu għaddew inqas minn 10 snin minn meta jkunu ngħataw l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar jew ikun wasal fi tmiemu l-perjodu ta' ristrutturar jew twaqqfet l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar (skont liema jseħħ l-aħħar), għajnuna għas-salvataġġ, għajnuna għar-ristrutturar jew appoġġ temporanju għar-ristrutturar ulterjuri jistgħu jingħataw biss: (a) meta l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (b) meta l-għajnuna għar-ristrutturar issegwi l-għoti tal-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar bħala parti minn operazzjoni waħda ta' ristrutturar; (c) meta l-għajnuna għas-salvataġġ jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar ikunu ngħataw skont dawn il-linji gwida u dik l-għajnuna ma kinitx segwita minn għajnuna għar-ristrutturar, jekk: (i) meta ngħatat dik l-għajnuna skont il-linji gwida, wieħed seta' jemmen b'mod raġonevoli li l-benefiċjarju se jkun vijabbli fit-tul, u (ii) l-għajnuna l-ġdida għas-salvataġġ jew ir-ristrutturar jew l-appoġġ temporanju għar-ristrutturar isiru neċessarji wara tal-inqas ħames snin minħabba ċirkustanzi imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju; (d) f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li mhumiex tort tal-benefiċjarju.

([96]) Inkluża kull għajnuna bħal din mogħtija qabel id-data minn meta l-Kummissjoni tapplika l-Linji Gwida, jiġifieri qabel l-1.8.2014.

([97]) L-Istati Membri mhumiex obbligati jitolbu miżuri ta' dak it-tip mingħand intrapriżi żgħar, ħlief meta jkun stipulat mod ieħor mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat f'settur partikolari. Madankollu, l-intrapriżi ż-żgħar normalment ma għandhomx iżidu l-kapaċità tagħhom waqt il-perjodu ta' ristrutturar.

([98]) Ċessjonijiet, tħassiriet u għeluq ta' attivitajiet li jagħmlu t-telf li dejjem ikunu meħieġa sabiex terġa' tinkiseb il-vijabbiltà fit-tul ġeneralment ma jitqisux biżżejjed.

([99]) Dawk il-miżuri għandhom isiru fis-suq/swieq fejn il-benefiċjarju jkollu pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar, b'mod partikolari meta jkun hemm kapaċità żejda sinifikanti.

([100]) Iċ-ċessjonijiet biex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni għandhom isiru mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jiġu kkunsidrati t-tipi ta' assi li jiġu ċeduti u kwalunkwe ostakoli għaċ-ċessjoni tagħhom, u f'kull każ fil-qafas ta' żmien tal-pjan ta' ristrutturar.

(b) L-iskema tiddikjara li l-miżuri strutturali normalment għandhom ikunu fil-forma ta' ċessjonijiet, fuq il-bażi ta' negozju avvjat, ta' negozji awtonomi vijabbli li, jekk operat minn xerrej xieraq, ikunu jistgħu jikkompetu b'mod effettiv u fit-tul?

☐ iva ☐ le

(c) Jekk it-tweġiba għall-punt (b) hija le, l-iskema tipprovdi li, fin-nuqqas ta' entitajiet bħal dawk, il-benefiċjarju jista' jwarrab u mbagħad iċedi attività ffinanzjata kif xieraq u eżistenti, billi joħloq entità ġdida u vijabbli li għandha tkun kapaċi tikkompeti fis-suq?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk l-iskema tippermetti li jsiru miżuri strutturali fil-forma ta' ċessjonijiet ta' assi biss, bla ma jkun involut il-ħolqien ta' entità vijabbli li kapaċi tikkompeti fis-suq, teħtieġ li l-benefiċjarju juri li ebda forma oħra ta' miżuri strutturali ma tkun fattibbli jew li miżuri strutturali oħrajn jixħtu f'riskju serju l-vijabbiltà ekonomika tal-impriża?

☐ iva ☐ le

*Il-miżuri ta' mġiba*

(e) L-iskema teħtieġ li l-benefiċjarju jżomm lura milli jixtri ishma fi kwalunkwe kumpanija matul il-perjodu ta' ristrutturar, ħlief meta dawn ikunu indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul?

☐ iva ☐ le

(f) L-iskema teħtieġ li l-benefiċjarju jżomm lura milli jirreklama l-appoġġ mill-Istat bħala vantaġġ kompetittiv meta jqiegħed il-prodotti u s-servizzi tiegħu fis-suq?

☐ iva ☐ le

(g) L-iskema tipprovdi sabiex il-benefiċjarju jżomm lura milli jadotta imġiba kummerċjali li għandha l-għan ta' espansjoni mgħaġġla tas-sehem mis-suq tiegħu b'rabta ma' prodotti jew swieq ġeografiċi speċifiċi billi joffri kundizzjonijiet (pereżempju fir-rigward ta' prezzijiet u kundizzjonijiet kummerċjali oħra) li l-kompetituri li ma jirċivux għajnuna mill-Istat ma jistgħux ilaħħqu magħhom?

☐ iva ☐ le

(h) Jekk it-tweġiba għall-punt (g) hija iva, f'liema ċirkustanzi? Spjega.

……………………………………………………………………………………………………………

(i) L-iskema tipprevedi xi miżura ta' mġiba oħra??

☐ le

☐ iva. Jekk iva, iddeskrivi.

……………………………………………………………………………………………………………

*Il-miżuri ta' ftuħ tas-suq*

(j) L-iskema tippermetti li tiġi adottata xi miżura mill-awtoritajiet nazzjonali jew il-benefiċjarju tiegħek li jkollha l-għan li tippromwovi swieq iktar miftuħin, solidi u kompetittivi, pereżempju billi tiffavorixxi d-dħul u l-ħruġ ([101])?

☐ iva ☐ le

([101]) B'mod partikolari, dan jista' jinkludi miżuri li jiftħu ċerti swieq direttament jew indirettament marbutin mal-attivitajiet tal-benefiċjarju għal operaturi oħrajn tal-Unjoni, b'konformità mal-liġi tal-Unjoni. Inizjattivi bħal dawn jistgħu jissostitwixxu miżuri oħrajn li jillimitaw it-tfixkil fill-kompetizzjoni, li normalment jintalbu mingħand il-benefiċjarju.

(k) Jekk it-tweġiba għall-punt j) hija iva, iddeskrivi:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

9. **Ġenerali**

9.1. L-iskema tapplika għal SMEs f'żona assistita?

☐ iva ☐ le

9.2. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi għal SMEs f'żoni assistiti skont l-iskema?

☐ iva ☐ le

9.3. Jekk it-tweġiba għall-punt 9.3 hija iva, spjega liema dispożizzjonijiet speċifiċi japplikaw u għaliex huma ġġustifikati.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

9.4. L-awtoritajiet nazzjonali bi ħsiebhom jaċċettaw kontribuzzjoni li tkun inqas minn 40 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi ta' daqs medju jew inqas minn 25 % tal-ispejjeż ta' ristrutturar fil-każ ta' intrapriżi żgħar?

☐ iva ☐ le

9.5. Jekk it-tweġiba għall-punt 9.4 hija iva, spjega kif l-awtoritajiet nazzjonali se japplikaw ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-miżuri sabiex jillimitaw it-tfixkil fil-kompetizzjoni bil-għan li jillimitaw l-impatti sistematiċi negattivi fuq ir-reġjun:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

10. **Informazzjoni oħra**

Ipprovdi kull informazzjoni oħra li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura nnotifikata skont il-Linji Gwida (pereżempju fir-rigward ta' miżuri biex tiżdied l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja jew assistenza biex isibu impjieg ġdid):

……………………………………………………………………………………………………………

*PARTI III.4*

**Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn**

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi notifikata għajnuna koperta mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn* ([102])

1. **Il-karatteristiċi tal-miżura/i ta' għajnuna notifikata/i**

1.1. Iddeskrivi bl-iktar mod preċiż possibbli l-iskop tal-għajnuna, fejn xieraq, għal kull miżura:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([102]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat għall-films u xogħlijiet awdjoviżivi oħra (ĠU C 332, 15.11.2013, p. 1).

1.2. Iddeskrivi l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull miżura, f'termini ta':

1.2.1. it-tip ta' attivitajiet koperti (pereżempju żvilupp, produzzjoni, distribuzzjoni)

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.2.2. it-tip ta' xogħlijiet koperti (pereżempju xogħlijiet ċinematografiċi, sensiliet televiżivi, proġetti tat-transmedja:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.3. Jekk l-iskema ta' għajnuna tinkludi miżura ta' appoġġ għal proġetti ta' transmedja, l-attivitajiet megħjuna huma marbutin b'mod dirett mal-komponent ta' produzzjoni tal-film?

☐ iva ☐ le

1.4. Indika x'dispożizzjonijiet jeżistu li jiggarantixxu l-għan kulturali tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2. **Kondizzjonijiet għall-eliġibbiltà**

2.1. Indika l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-attivitajiet jew ix-xogħlijiet tal-miżura ta' għajnuna ppjanata:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.2. Indika l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-benefiċjarji skont il-miżura ta' għajnuna ppjanata:

— L-iskema tagħmel distinzjoni fuq il-bażi taċ-ċittadinanza jew il-post ta' residenza?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Il-benefiċjarji huma obbligati jissodisfaw xi kundizzjoni għajr dik li jkunu rappreżentati minn aġenzija permanenti meta titħallas l-għajnuna?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Jekk l-għajnuna għandha komponent ta' taxxa, il-benefiċjarju jrid jissodisfa xi obbligu jew kundizzjoni għajr li jkollu dħul taxxabbli fit-territorju tal-Istat Membru?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Kundizzjonijiet oħrajn:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3. **L-obbligi ta' nfiq territorjali**

3.1. Indika jekk il-miżura tinkludix dispożizzjonijiet li jitolbu li l-produttur jonfoq il-baġit għall-produzzjoni, jew partijiet minnu, fit-territorju tal-Istat Membru jew f'waħda mis-subdiviżjonijiet tiegħu:

3.1.1. Sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-għajnuna?

☐ iva ☐ le

3.1.2. Bħala kundizzjoni għall-għoti tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

3.2. Il-kundizzjonijiet tal-infiq territorjali japplikaw għal ċerti intestaturi speċifiċi tal-baġit tal-produzzjoni?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.3. F'każ li bilfors trid tinżamm konformità ma' livell minimu ta' nfiq territorjali sabiex wieħed ikun eliġibbli għall-għajnuna, spjega r-rekwiżiti:

3.3.1. Ta' xorta impliċita (pereżempju għadd minimu ta' jiem ta' ffilmjar tal-produzzjoni fit-territorju):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.2. Ta' xorta espliċita (pereżempju ammont minimu jew perċentwal tan-nefqa):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.4. F'każ li jkun hemm kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tal-għajnuna, spjega:

3.4.1. L-għajnuna hija kkalkolata bħala perċentwal tan-nefqa territorjali?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.4.2. L-infiq territorjali meħtieġ huwa kkalkolat fid-dawl tal-baġit kumplessiv tal-film?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.4.3. L-infiq territorjali meħtieġ huwa kkalkolat fid-dawl tal-ammont tal-għajnuna mogħtija?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

4. **Spejjeż eliġibbli**

Speċifika l-ispejjeż li jistgħu jitqiesu biex jiġi stabbilit l-ammont tal-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5. **L-intensità tal-għajnuna**

5.1. Indika jekk l-iskema tippermettix intensitajiet tal-għajnuna ogħla minn 50 % tal-baġit tal-produzzjoni? Jekk iva, iċċara t-tipi ta' xogħlijiet ikkonċernati u l-limiti tal-intensità tal-għajnuna stabbiliti.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

5.2. Jekk jintuża l-kunċett ta' 'xogħlijiet awdjoviżivi diffiċli', indika l-kategoriji tax-xogħlijiet koperti minn dan il-kunċett (jiġifieri, indika d-definizzjoni użata).

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

5.3. Jekk il-kitba jew l-iżvilupp tal-iscipt ikunu megħjuna mill-iskema: l-ispejjeż tal-kitba u l-iżvilupp tal-iscript huma inklużi fil-baġit tal-produzzjoni u jitqiesu meta tiġi kkalkolata l-intensità tal-għajnuna tax-xogħol awdjoviżiv?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

5.4. Jekk l-attivitajiet ta' distribuzzjoni u promozzjoni huma sostnuti mill-iskema: x'inhuma l-intensitajiet tal-għajnuna permessi mill-iskema?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

6. **Il-patrimonju tal-films**

Jekk applikabbli, ipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri meħudin fir-rigward tal-patrimonju tal-films.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

7. **Kompatibbiltà**

7.1. Ipprovdi ġustifikazzjoni motivata biex tagħti sostenn lill-kompatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

7.2. Jekk l-iskema tikkonċerna għajnuna lil swali taċ-ċinema, ipprovdi ġustifikazzjoni motivata biex tagħti sostenn lill-kompatibbiltà tal-għajnuna bħala għajnuna li tippromwovi l-kultura skont it-tifsira tal-Artikolu 107(3)d TFUE, b'mod partikolari l-ħtieġa, l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

8. **Informazzjoni Oħra**

Indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i skont il-Komunikazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għal films u xogħlijiet awdjoviżivi oħrajn.

.....................................................................................................................................................

*PARTI III.5*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna mill-Istat għall-broadband

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari għandha tintuża sabiex tiġi notifikata għajnuna koperta mil-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband* ([103]) *('Linji Gwida dwar il-Broadband').*

1. **Il-karattersitiċi tal-miżura ta' għajnuna notifikata**

1.1. Iddeskrivi l-għan tal-miżura ta' għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2. Spjega kif il-miżura ta' għajnuna taqbel mal-istrateġija nazzjonali tal-broadband u l-objettivi tal-Unjoni (inkluż l-istrateġija UE2020 u l-Aġenda Diġitali ([104])).

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.3. Ippreżenta l-ħsieb wara l-intervent pubbliku u spjega l-benefiċċji antiċipati tal-miżura ta' għajnuna (pereżempju benefiċċji ekonomiċi u soċjali, żieda fil-kopertura tal-broadband u r-rata ta' diffużjoni tal-Internet, eċċ.).

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.4. X'kategorija ta' netwerk il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ netwerks 'backbone' (jew netwerks 'trunk');

☐ netwerks 'backhaul' (jew netwerks reġjonali, jew tan-nofs mil);

☐ netwerks ta' aċċess (jew netwerks tal-aħħar mil).

1.5. X'elementi tan-netwerk il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ Elementi tal-infrastruttura passiva;

☐ Elementi tal-infrastruttura attiva.

1.6. X'tip ta' netwerks tal-broadband il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li ssostni?

☐ netwerks tal-broadband bażiċi (li mill-inqas iniżżlu b'veloċità ta' 2Mbps);

☐ netwerks ta' aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss ('NGA') ([105]);

☐ netwerks ta' broadband ultraveloċi ([106]).

([103]) Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1).
([104]) EWROPA 2020 — Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, COM(2010) 2020.
([105]) Għad-dettalji, ara l-punti 56-60 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband.
([106]) Għad-dettalji, ara l-punti 82-85 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband.

1.7. X'tipi ta' żoni huma d-destinatarji tal-miżura ta' għajnuna? Ikklassifika ż-żoni destinatarji skont is-segment u t-tip differenti ta' netwerk sostnuti u elabora fuq il-klassifikazzjoni abbażi ta' dejta li tista' tiġi verifikata.

| | | |
|---|---|---|
| ☐ Abjad Bażiku | ☐ Griż Bażiku | ☐ Iswed Bażiku |
| ☐ NGA Abjad | ☐ NGA Griż | ☐ NGA Iswed |
| ☐ Ultraveloċi Abjad | ☐ Ultraveloċi Griż | ☐ Ultraveloġi Iswed |

1.8. Ipprovdi kull informazzjoni rilevanti oħra utli sabiex jiġi ċċarat il-kuntest ġenerali tal-miżura ta' għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.9. X'tip ta' investiment u mudell ta' negozju se jiġu adottati ([107])?

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

## 2. L-ipproċessar u l-għoti tal-miżura ta' għajnuna

*Analiżi tal-immappjar u tal-kopertura*

2.1. X'inhu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' għajnuna f'termini tal-kopertura territorjali?

2.2. Ipprovdi informazzjoni, inkluż id-data, u ippreżenta r-riżultati tal-analiżi dettaljata tal-kopertura u l-immappjar imwettqa sabiex jiġu identifikati biċ-ċar iż-żoni destinatarji.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

*Konsultazzjoni pubblika*

2.3. Iddeskrivi l-proċess u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika trasparenti u fejn il-partijiet interessati kollha setgħu jikkummentaw fuq il-miżura ta' għajnuna ppjanata. Ippreżenta l-links tal-Internet rilevanti fejn ġiet ippubblikata l-informazzjoni dwar il-miżura.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

*Proċedura tal-għażla kompetittiva*

2.4. F'każ ta' skjerament u/jew tħaddim tan-netwerk issussidjat minn operatur terz, ikkonferma li se ssir proċedura tal-għażla kompetittiva b'konformità mad-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku ([108]). Ipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha f'dan ir-rigward:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

([107]) Ara għal eżempju l-Gwida tal-Kummissjoni għall-investiment fil-broadband b'veloċità għolja (http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/presenta/broadband2011/broadband2011_en.pdf).

([108]) Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1), id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65) u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE, (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

2.5. Ipprovdi informazzjoni dwar kif se tingħażel l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża (inklużi l-kriterji tal-għoti u l-piż relattiv li jingħata lil kull wieħed mill-kriterji magħżulin), filwaqt li tqis il-kriterji kwalitattivi (pereżempju, il-kopertura, is-sostenibbiltà tal-approċċ teknoloġiku jew l-impatt tas-soluzzjoni fuq il-kompetizzjoni) u l-prezz:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.6. Hemm xi rekwiżit ta' servizz minimu li n-netwerk issussidjat irid jikkonforma miegħu (bħal bandwidth minima, servizzi sostnuti, kopertura ġeografika minima, eċċ.)?

☐ iva ☐ le

2.7. Jekk iva, iddeskrivi:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Newtralità teknoloġika*

2.8. Il-miżura ta' għajnuna hija teknoloġikament newtrali?

☐ iva ☐ le

2.9. Jekk it-tweġiba għall-punt 2.8 hija iva, iddeskrivi kif inhu rrispettat dan il-prinċipju.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Użu tal-infrastruttura eżistenti*

2.10. Ippreżenta mappa li turi l-infrastrutturi eżistenti fis-seħħ fil-pajjiż jew reġjun ikkonċernat, inkluża kull infrastruttura ġdida ppjanata minn operaturi kummerċjali fil-futur qarib, jiġifieri perjodu ta' tliet snin.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.11. Spjega kif inhu żgurat li l-operaturi li jixtiequ jieħdu sehem fil-proċedura ta' parteċipazzjoni jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha dwar kwalunkwe infrastruttura eżistenti proprjetà tagħhom jew ikkontrollata minnhom fiż-żona destinatarja.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Aċċess bl-ingrossa*

2.12. Spjega x'tip ta' obbligi ta' 'aċċess għall-operaturi' se jkunu imposti fuq in-netwerk issussidjat (inkluż l-aċċess għal infrastruttura passiva u attiva, id-dritt li jintużaw kanali u arbli, fibri inattivi u unitajiet ta' kontroll fit-triq), u għal kemm se jinżammu l-obbligi ta' aċċess.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa*

2.13. Spjega kif se jitfassal parametru referenzarju għall-prezzijiet tal-aċċess.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Mekkaniżmu ta' rkupru u monitoraġġ*

2.14. Se jkun hemm mekkaniżmu ta' rkupru li japplika għall-miżura tal-għajnuna?

☐ iva ☐ le

2.15. Jekk it-tweġiba għall-punt 2.14 hija iva, iddeskrivi dan il-mekkaniżmu, il-karatteristiċi u d-durata tiegħu:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.16. Spjega kif se jkun organizzat il-monitoraġġ tal-miżura ta' għajnuna:

— liema awtorità pubblika se tieħu ħsieb il-monitoraġġ?

— liema aspetti tal-miżura se jkunu soġġetti għal monitoraġġ?

— liema kriterji tal-prestazzjoni se jiġu analizzati?

— meta se jsir il-monitoraġġ?

*Awtorità regolatorja nazzjonali ('NRA')*

2.17. Iddeskrivi r-rwol tal-NRA, b'mod partikolari rigward: l-identifikazzjoni taż-żoni destinatarji, l-ipprezzar tal-aċċess bl-ingrossa inklużi t-tfassil ta' parametri referenzjarji, ir-risoluzzjoni għat-tilwim, eċċ:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.18. Spjega l-pożizzjoni tal-NRA dwar l-intervent ta' għajnuna propost u, fejn possibbli, l-opinjoni tal-awtorità nazzjonali għall-kompetizzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3. **Kriterji ta' kompatibbiltà**

Spjega kif il-miżura ta' għajnuna notifikata tikkonforma mal-kundizzjonijiet speċifikati fit-Taqsima 2.5 tal-Linji Gwida dwar il-Broadband, b'mod partikolari rigward:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*L-għan ta' interess komuni*

(a) Il-miżura ta' għajnuna għandha l-għan li tindirizza għanijiet definiti sew ta' interess komuni?

☐ iva ☐ le

(b) Jekk it-tweġiba għal (a) hija iva, agħti deskrizzjoni tal-għanijiet ta' interess komuni li lejhom timmira l-miżura ta' għajnuna.

*Falliment tas-suq*

(c) Il-miżura ta' għajnuna tindirizza falliment tas-suq jew inugwaljanzi importanti li jxekklu d-disponibbiltà tas-servizzi tal-broadband?

☐ iva ☐ le

(d) Jekk it-tweġiba għal (c) hija iva, iddeskrivi dan il-falliment tas-suq u pprovdi ħarsa ġenerali lejn is-suq tal-broadband fil-pajjiż jew reġjun ikkonċernat u lejn iż-żoni destinatarji tal-miżura ta' għajnuna.

Dik il-ħarsa ġenerali għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-livell attwali ta' kopertura tal-broadband, ir-rata ta' penetrazzjoni tal-Internet (l-għadd ta' djar u intrapriżi mqabbdin), disaggregazzjoni tad-disponibbiltà tas-servizzi skont it-teknoloġija, ix-xejriet ewlenin fis-suq (nazzjonali jew reġjonali) tal-broadband, il-qasma rurali/urbana f'termini ta' kopertura tal-broadband, paragun tal-prezzijiet bl-imnut ma' dawk mitluba għall-istess servizzi offruti f'żoni jew reġjuni aktar kompetittivi tal-pajjiż iżda li huma xort paragunabbli, is-soluzzjonijiet teknoloġiċi disponibbli għall-iżvilupp tal-broadband u l-forniment ta' servizzi ta' konnessjoni, is-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tal-komunikazzjoni elettronika (struttura u dinamika tas-swieq), ħarsa ġenerali lejn il-qafas regolatorju nazzjonali u tal-obbligi regolatorji eżistenti għall-operaturi tal-komunikazzjoni elettronika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Strument xieraq*

(e) Uri kemm hija adattata l-miżura ta' għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(f) Diġà ġie implimentat xi strument alternattiv (li jfixkel inqas) ieħor sabiex jiġu forniti s-servizzi tal-broadband u jingħeleb in-nuqqas ta' konnettività tal-broadband, inklużi regolament *ex ante* jew stimolazzjoni tad-domanda?

☐ iva ☐ le

(g) Jekk it-tweġiba għal (f) hija iva, iddeskrivi dawk l-inizjattivi u spjega għaliex ma tqisux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp tal-broadband mixtieqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(h) L-operaturi tan-netwerk eżistenti wettqu xi investiment privat fiż-żoni destinatarji tul l-aħħar tliet snin?

☐ iva ☐ le

(i) Jekk it-tweġiba għal (h) hija iva, iddeskrivi dawk l-investimenti u spjega għaliex l-infrastruttura eżistenti tal-broadband mhijiex biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u l-utenti kummerċjali u għaliex hemm bżonn tal-għajnuna mill-Istat.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Effett ta' inċentiv*

(j) Iddeskrivi l-effetti pożittivi li l-miżura ta' għajnuna hija mistennija tiġġenera.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Bidla fil-Pass*

(k) Il-miżura tal-għajnuna se tiżgura 'bidla fil-pass' f'termini tad-disponibbiltà tal-broadband?

☐ iva ☐ le

(l) Jekk it-tweġiba għal (k) hija iva, uri dak il-fatt permezz ta' paragun mal-iskjerament eżistenti u ppjanat tan-netwerk (jiġifieri qabel u wara l-intervent ippjanat). B'mod partikolari, iddeskrivi fid-dettall jekk u kemm l-investiment sinifikanti l-ġdid fin-netwerk tal-broadband se jitwettaq u x'kapaċitajiet ġodda se jiddaħħlu fis-suq f'termini ta' disponibilità u kwalità tas-servizz tal-broadband.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(m) Spjega l-bidliet mistennijin fl-imġiba tal-benefiċjarju/i tal-miżura ta' għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(n) Uri li ma sarx xi investiment simili fin-netwerk tal-broadband matul l-istess perjodu ta' żmien u/jew bl-istess patti u kundizzjonijiet mingħajr l-għajnuna mill-Istat.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Proporzjonalità*

(o) Spjega kif inhu żgurat li l-miżura ta' għajnuna hija limitata għall-minimu meħtieġ.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ*

(p) Jekk jogħġbok spjega x'effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ il-miżura ta' għajnuna jista' jkollha (pereżempju: il-potenzjal li tieħu post (crowding out) l-investimenti privati jew tisħiħ ta' pożizzjoni dominanti) u liema elementi fit-tfassil tal-miżura ([109]) jistgħu jimminimizzaw dawk ir-riskji.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

4. **Informazzjoni oħra**

Indika hawnhekk kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti sabiex tiġi vvalutata l-miżura kkonċernata skont il-Linji Gwida dwar il-Broadband jew kull informazzjoni oħra rilevanti mill-perspettiva tar-regoli tal-Unjoni dwar il-Kompetizzjoni u s-Suq Intern ([110]).

……………………………………………………………………………………………………………

([109]) Pereżempju, il-mudell ta' investiment u negozju magħżul, id-daqs u l-karatteristiċi taż-żoni ta' intervent ġeografiku jew il-miżuri biex jiġu kkontrollati l-ispejjeż tal-proġett.

([110]) Il-lista tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-broadband jinsabu fil-paġna ewlenija tad-DĠ Kompetizzjoni: http://ec.europa.eu/competition/sectors/telecommunications/broadband_decisions.pdf.

*PARTI III.6*

## Formola ta' informazzjoni supplimentari għall-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u l-enerġija

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid tintuża sabiex tiġi nnotifikata kull għajnuna koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020 (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'l-EEAG')* ([111]).

*Id-dokumenti kollha pprovduti mill-Istati Membri bħala annessi għall-formola ta' notifika jridu jiġu enumerati u n-numru tad-dokumenti jridu jiġu indikati fit-taqsimiet rilevanti ta' din il-formola ta' informazzjoni supplimentari.*

*Jekk hemm bosta benefiċjarji involuti f'miżura ta' għajnuna waħda, trid tiġi pprovduta l-informazzjoni rilevanti għal kull wieħed minnhom.*

*Din il-formola ta' informazzjoni supplimentari trid timtela flimkien mal-formola 'Parti I. Informazzjoni ġenerali'.*

### Kamp ta' applikazzjoni

*Ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija*

Qabel ma timla din il-formola għandek tikkunsidra jekk din il-miżura setgħetx tiġi implimentata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 (ir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-GBER') ([112]), u b'mod partikolari it-taqsima 7 tal-Kapitolu III tiegħu (Għajnuna għall-Ħarsien Ambjentali u l-Enerġija).

L-għajnuna tista' tiġi implimentata skont il-GBER?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tista' tiġi implimentata skont il-GBER, spjega għaliex il-miżura hija notifikata.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

*Regolament* de minimis

Qabel ma timla din il-formola ta' notifika, għandek tqis jekk din il-miżura tistax tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis* ([113]):

L-għajnuna tista' tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis*?

☐ iva ☐ le

Jekk l-għajnuna tista' tiġi implimentata skont ir-Regolament *de minimis*, spjega għaliex il-miżura hija notifikata.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

*Din il-formola għandha timtela biss sabiex tiġi notifikata għajnuna mill-Istat li hija maħsuba li tiġi implimentata skont l-EEAG. Imla l-partijiet rilevanti tal-formola tan-notifika li tikkorrispondi man-natura tal-miżura nnotifikata.*

([111]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1. Għal xi dettalji dwar l-użu ta' din il-formola ta' notifika supplimentari fl-agrikoltura u fis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura, ara l-punt 14 tal-EEAG.

([112]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1)

([113]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1).

**Taqsima A: Informazzjoni ġenerali dwar il-miżuri ta' għajnuna għall-enerġija u l-ambjent**

1. Speċifika t-tip ta' għajnuna hawn taħt u mbagħad imla l-parti rilevanti tat-Taqsima B ta' din il-formola ta' informazzjoni supplimentari ('Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ġenerali'): Jekk l-iskema qed tipprovdi iktar minn tip wieħed ta' għajnuna fil-lista ta' hawn taħt, għandek timla t-Taqsima B għal kull kaxxa mmarkata.

   Jekk il-miżura hija għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali jew mill-iffinanzjar tal-appoġġ għall-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli ([114]), imla t-Taqsima C tal-formola ('Valutazzjoni tal-kompatibbiltà għal għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali u fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ għall-finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli').

   (a) ☐ Għajnuna għal impriżi li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

   (b) ☐ Għajnuna għax-xiri ta' vetturi tat-trasport ġodda li jmorru lil hinn mill-istandards tal-Unjoni jew li jżidu l-livell ta' ħarsien ambjentali fin-nuqqas ta' standards tal-Unjoni;

   (c) ☐ Għajnuna għal adattament bikri għall-istandards tal-Unjoni futuri;

   (d) ☐ Għajnuna għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif definiti fil-punt 19(5) u 19(11) tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   — Għal bijokarburanti, ikkonferma li l-miżura ssostni biss bijokarburanti sostenibbli kif definiti fil-punt 19(9) tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   (e) ☐ Għajnuna għal miżuri għall-effiċjenza enerġetika;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss miżuri ta' effiċjenza kif definiti fil-punt 19(2) tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   (f) ☐ Għajnuna għal miżuri effiċjenti fl-enerġija ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss miżuri ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali effiċjenti fl-enerġija kif definit fil-punt 19(14) tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   (g) ☐ Għajnuna għal koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

   — Ikkonferma li l-miżura ssostni biss koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja kif definita fil-punt 19(13) tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

([114]) Ara t-taqsima 3.7 tal-għajnuna EEAG fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali fil-forma ta' tnaqqisiet f'appoġġ b'finanzjament għall-elettriku minn sors rinnovabbli.

(h) ☐ Għajnuna għall-immaniġġar tal-iskart;

(i) ☐ Għajnuna għal studji ambjentali;

(j) ☐ Għajnuna għar-rijabilitazzjoni ta' siti kontaminati;

(k) ☐ Għajnuna għar-rilokazzjoni tal-impriżi;

(l) ☐ Għajnuna involuta fi skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet;

(m) ☐ Għajnuna għall-infrastruttura tal-enerġija;

(n) ☐ Għajnuna għall-ġbir, it-trasport u l-ħżin tas-$CO_2$ (CCS);

(o) ☐ Għajnuna għal miżuri ta' adegwatezza tal-ġenerazzjoni;

(p) ☐ Għajnuna f'forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet mit-taxxi ambjentali;

(q) ☐ Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ finanzjarju għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

2. Ipprovdi deskrizzjoni ddettaljata tal-karatteristiċi ewlenin tal-miżura notifikata (għan, l-effetti li probabbli jkollha l-għajnuna, strument tal-għajnuna, intensità tal-għajnuna, benefiċjarji, baġit, kundizzjonijiet eċċ.).

3. Tistal-għajnuna tingħaqad ma' għajnuna oħra?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba tkun iva, spjega u imla t-taqsima dwar il-kumulazzjoni fit-taqsima dwar il-proporzjonalità tat-Taqsima B.

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

4. F'każ li l-miżura notifikata tikkonċerna skema, immarka l-kaxxa f'dan il-punt biex tikkonferma li kull għajnuna mogħtija mill-iskema notifikata se tiġi notifikata b'mod individwali jekk tmur lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-punt 20 tal-EEAG:

☐ iva

5. Fil-każ li l-għajnuna individwali nnotifikata hija bbażata fuq skema approvata, ipprovdi d-dettalji dwar dik l-iskema (in-numru tal-każ, it-titlu tal-iskema, id-data tal-approvazzjoni mill-Kummissjoni):

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

6. Jekk applikabbli, indika x'inhi r-rata tal-kambju li ntużat għall-iskopijiet tan-notifika:

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

7. Indika jekk dawk il-kundizzjonijiet marbutin mal-miżura, inkluż il-metodu ta' finanzjament tagħha meta jifforma parti integrali minnha, li jistgħu jinvolvu ksur in solidum tal-liġi tal-Unjoni (punt 29 tal-EEAG).

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija iva, spjega kif jiġi żgurat li jkun hemm konformità mal-liġi tal-Unjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

**Taqsima B: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà ġenerali**

1. **Kontribut għal għan ta' interess komuni**

*Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.1 tal-EEAG u kif inhu speċifikat iktar fit-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.*

*Skemi ta' għajnuna mill-Istat*

1. Fid-dawl tal-għanijiet ta' interess komuni indirizzati mill-EEAG, indika l-għanijiet ambjentali jew enerġetiċi identifikati mill-miżura notifikata. ([115]) Agħti deskrizzjoni dettaljata ta' kull tip differenti ta' għajnuna li se jingħata skont il-miżura notifikata:

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

2. Il-miżura notifikata diġà ġiet applikata fl-imgħoddi?

   ☐ iva ☐ le

   Jekk iva, indika r-riżultati tagħha f'termini tal-ħarsien ambjentali jew it-titjib fis-sistema enerġetika, in-numru tal-każ rilevanti u d-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni u, jekk possibbli, ehmeż rapporti nazzjonali dwar l-evalwazzjoni fuq il-miżura:

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

3. Jekk il-miżura hija ġdida, indika r-riżultati mistennijin u l-perjodu li matulu se jinkisbu, kif ukoll kif dawk ir-riżultati jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq l-għan mixtieq:

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

4. Jekk jogħġbok spjega kif tiżgura li l-iġġenerar ta' investiment adegwat ma jikkontradixxix l-għan li gradwalment jitneħħew is-sussidji dannużi għall-ambjent inkluż għall-fjuwils fossili, f'konformità mal-punt 220 tal-EEAG. Kif huma kkunsidrati, pereżempju, il-ġestjoni mil-lat tad-domanda u l-kapaċità ta' interkonnessjoni? Hemm pereżempju preferenza għal fornituri ta' kapaċità b'livell baxx ta' karbonju f'każ ta' prestazzjoni teknika ekwivalenti?

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

5. Fil-każ tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni, jekk jogħġbok spjega u ddefinixxi b'mod ċar il-problema tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni li hija mistennija li tirriżulta u l-konsistenza mal-analizi tal-adegwatezza tal-ġenerazzjoni mwettqa regolarment mill-ENTSO-E ([116]). Jekk jogħġbok ipprovdi fit-tweġiba dettalji fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punt 221 tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

([115]) Meta tiġi introdotta miżura kofinanzjata minn Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, l-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq ir-raġunament fil-Programmi Operatorji rilevanti biex jindikaw l-għanijiet ambjentali jew tal-enerġija.

([116]) In-Netwerk Ewropew tal-Operaturi ta' Sistemi ta' Trażmissjoni għall-Elettriku.

6. Fil-każ tal-immaniġġar tal-iskart, ikkonferma li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ☐ il-prinċipju ta' ġerarkija tal-iskart huwa rrispettat; Ara l-punt 118 tal-EEAG

(b) ☐ l-investiment huwa maħsub sabiex inaqqas it-tniġġiż maħluq minn impriżi ('min iniġġeż') u ma jestendix għal tniġġiż maħluq mill-benefiċjarju tal-għajnuna; Ara l-punt 158(a) tal-EEAG

(c) ☐ l-għajnuna ma teħlisx b'mod indirett lil dawk li jniġġsu minn piż li għandhom iġġarrbu skont il-liġi tal-Unjoni, jew minn piż li għandu jitqies bħala spiża normali tal-kumpanija għal dawk li jniġġsu; Ara l-punt 158(b) tal-EEAG

(d) ☐ l-investiment imur lil hinn mill-'ogħla livell ta' żvilupp tekniku'; Ara l-punt 158(c) tal-EEAG

(e) ☐ l-materjal ittrattat kieku jintrema, jew jiġi ttrattat b'mod li jirrispetta anqas lill-ambjent; Ara l-punt 158(d) tal-EEAG

(f) ☐ l-investiment ma jillimitax ruħu għal żieda fid-domanda ta' riċiklaġġ tal-materjal mingħajr ma jżid il-ġbir ta' dak il-materjal. Ara l-punt 158 tal-EEAG

Barra minn hekk, ipprovdi dettalji u evidenza ta' konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin f'dan il-punt:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

53. Fil-każ ta' infrastruttura tal-enerġija, l-ispejjeż eliġibbli huma għalhekk id-diskrepanza fil-likwidità. Uri li l-għajnuna ma taqbiżx dik id-diskrepanza fil-likwidità billi tipprovdi kalkolu u ġustifikazzjoni ddettaljata għad-dejta użata, pereżempju rata ta' redditu. (ara l-punt 211 tal-EEAG):

……………………………………………………………………………………………………

54. Kemm hu twil iż-żmien tal-miżura tal-għajnuna operatorja?

……………………………………………………………………………………………………

5.1.2.5. Għajnuna operatorja mogħtija għall-adegwatezza tal-ġenerazzjoni.

55. Iddeskrivi l-miżuri inkorporati fis-seħħ li jevitaw qligħ mhux mistenni

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

56. Iddeskrivi l-mekkaniżmu li bih il-prezz imħallas jerġa' jsir żero meta l-kapaċità fornita tkun mistennija li tkun biżżejjed biex tilħaq il-livell ta' kapaċità mitlub (ara l-punt 231 tal-EEAG):

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

57. L-iskema hija bbażata fuq proċess kompetittiv ta' offerti? Ipprovdi d-dettalji(ara l-punt tal-229 EEAG).

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

58. Iddeskrivi r-rata mistennija ta' redditu tal-benefiċjarji mill-iskema.

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

5.1.2.6. Għajnuna operatorja f'awtorizzazzjonijiet skambjabbli. Ara l-punt 235 tal-EEAG

59. Ikkonferma li l-iskema tikkonforma mal-kriterji kollha li ġejjin:

(a) ☐ l-għażla ta' benefiċjarji hi bbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti u l-għajnuna tingħata bħala prinċipju bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jew suq rilevanti jekk ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali simili;

(b) ☐ irkant integrali jwassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali;

(c) ☐ iż-żieda fl-ispejjeż għall-iskema ta' awtorizzazzjonijiet skambjabbli ma tistax tingħadda lill-konsumatur mingħajr ma twassal għal tnaqqis sinifikattiv fil-bejgħ;

(d) ☐ l-użu tal-aqwa teknika għall-operat fiż-ŻEE bħala kejl għal-livell tal-konċessjoni mogħti.

Ipprovdi d-dettalji li juru kif jiġu applikati l-kriterji f'dan il-punt:

…

…

5.2. Għajnuna notifikabbli individwalment — informazzjoni addizzjonali

60. Għall-miżuri individwali ta' għajnuna, ipprovdi kalkolu dettaljat tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett ta' investiment notifikat, b'referenza għas-sitwazzjoni kontrofattwali, u pprovdi x-xhieda rilevanti:

…

…

61. Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjonijiet dettaljati għal kull waħda mill-miżuri soġġetti għal notifika individwali. L-informazzjoni ma għandhiex tkun ġenerali, pereżempju speċifika għas-settur, iżda kif inhi applikabbli għall-benefiċjarju individwali.

…

…

6. **Evitar ta' effetti negattivi**

*Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.6 tal-EEAG u fejn hu speċifikat iktar għat-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.*

6.1. Skemi ta' għajnuna mill-Istat

1. Spjega kif it-tfixkil fil-kompetizzjoni u l-kummerċ ikkaġunati mill-iskema tal-għajnuna notifikata se jkunu limitati għall-minimu (ara t-taqsima 3.2.6 tal-EEAG).

…

…

2. Il-miżura qed tevita risultati ambjentali effiċjenti mingħand prodotturi iktar effiċjenti u innovattivi?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le, spjega għaliex.

…

…

3. L-għajnuna se jkollha effetti ta' tfixkil billi ssaħħaħ jew iżżomm il-pożizzjonijiet b'saħħitha tal-benefiċjarju fiss-suq?

…

…

4. L-għajnuna kienet tippermetti li l-partijiet xierqa jagħmlu aċċess għall-miżura? Spjega x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li jkun hemm aċċess.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*Għall-adegwatezza fil-ġenerazzjoni:*

5. Spjega kif il-miżura tikkonforma mal-punt 233 tal-EEAG

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6. Spjega kif il-miżura tippermetti li jkun hemm parteċipazzjoni min-naħa ta' kwalunkwe kapaċità li tkun tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-indirizzar tal-problema tal-adegwatezza fil-ġenerazzjoni (ara l-punt 232 tal-EEAG).

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

6.2. Għajnuna notifikabbli individwalment — informazzjoni addizzjonali

7. Jekk l-għajnuna hija maħsuba biex titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriżi individwali, ipprovdi evidenza ċara dwar l-effetti negattivi fil-livell tal-impriża. (Ara 3.2.4.2 EEAG) Trasparenza (Ara t-taqsima 3.2.4.2 tal-EEAG)

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

7. **Trasparenza**

*Biex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi għat-taqsima 3.2.7 tal-EEAG u fejn hu speċifikat iktar għat-taqsimiet 3.2 - 3.6 u 3.8 - 3.10 tal-EEAG.*

1. Jekk jogħġbok ipprovdi referenzi għad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika li jistipulaw li l-awtorità li tagħti l-għajnuna għandha tippubblika f'sit web ċentrali, jew sit web uniku li jiġbor informazzjoni minn bosta siti web (pereżempju, siti web reġjonali), mill-inqas l-informazzjoni segwenti dwar l-iskemi notifikati tal-għajnuna mill-Istat: it-test sħiħ tal-iskema ta' għajnuna approvata jew id-deċiżjoni individwali tal-għoti ta' għajnuna u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha, jew link għaliha, l-identità tal-awtorità jew awtoritajiet tal-għoti, l-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont ta' għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, l-impriża (SME/kumpanija kbira), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju u s-settur ekonomiku prinċipali li fih il-benefiċjarju jkollu l-attivitajiet tiegħu (ara t-taqsima 3.2.7 tal-EEAG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2. Ipprovdi l-link għas-sit web

……………………………………………………………………………………………………………

**Taqsima C: Valutazzjoni tal-kompatibbiltà għall-għajnuna fil-forma ta' tnaqqis jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali u fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ mogħti permezz ta' finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli**

*Sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet f'din it-taqsima, irreferi b'mod partikolari għat-taqsima 3.2.7 tal-EEAG.*

*Imla t-Taqsima C1 għal miżuri li jikkonċernaw tnaqqis minn taxxi ambjentali u t-Taqsima C2, possibilment flimkien mat-Taqsima C3, għal miżuri li jikkonċernaw tnaqqis fl-appoġġ mogħti permezz ta' finanzjament għal sors ta' enerġija rinnovabbli.*

*Imla t-taqsima dwar it-Trasparenza fit-taqsima B, il-punt 7.*

**Taqsima C1: Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fit-taxxi ambjentali jew eżenzjonijiet minnhom** ([137])

1. Spjega kif it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet mit-taxxa jikkontribwixxu b'mod indirett għal titjib fil-livell tal-ħarsien ambjentali u spjega għaliex it-tnaqqisi u l-eżenzjonijiet mit-taxxa ma jxekklux l-għan ġenerali:

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

2. Għal tnaqqis fit-taxxi armonizzati fil-livell tal-Unjoni, jew eżenzjoni minnhom, ikkonferma li:

   (a) ☐ l-għajnuna tingħata għal perjodu massimu ta' 10 snin;

   u

   (b) ☐ il-benefiċjarji tal-għajnuna jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji;

   u

   (c) ☐ fil-prinċipju l-għajnuna tingħata bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jekk huma f'sitwazzjoni fattwali simili;

   u

   (d) ☐ il-benefiċjarji tal-inqas iħallsu l-livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni stabbilit mid-Direttiva applikabbli rilevanti. ([138]).

   Għal kull kategorija ta' benefiċjarji pprovdi evidenza dwar il-livell minimu ta' taxxa li trid titħallas (ir-rata imħallsa idealment f'EUR u fl-istess unitajiet bħal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni):

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   (e) ☐ it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet huma kompatibbli mal-leġiżlazzjoni applikabbli rilevanti tal-Unjoni u jikkonformaw mal-limiti u l-kundizzjonijiet stipulati fiha:

   Irreferi għad-dispożizzjoni(jiet) u pprovdi x-xhieda rilevanti:

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

3. Jekk il-kundizzjonijiet fil-punt 2, huma kkonfermati u sostanzjati kif xieraq, ma hemmx bżonn li timtela din it-taqsima, sakemm dawk il-kundizzjonijiet ma jkunux issodisfati fir-rigward tal-miżura kollha.

4. Għal tnaqqisi jew eżenzjonijiet minn taxxi ambjentali li ma ġewx armonizzati jew għal dawk li ġew armonizzati iżda l-benefiċjarji jħallsu somma aktar baxxa mil-livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni, ikkonferma li l-għajnuna tingħata għal perjodu massimu ta' 10 snin:

   ☐ iva ☐ le

([137]) Ara t-taqsima 3.7.1 tal-EEAG.

([138]) Kif stipulat fil-punt 19(16) tal-EEAG, 'Livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni' tfisser il-livell minimu ta' taxxa stipulat fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għal prodotti tal-enerġija u l-elettriku, il-livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni jfisser il-livell minimu ta' taxxa stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

Barra minn hekk, ipprovdi dan li ġej:

— deskrizzjoni dettaljata tas-settur(i) eżentat(i):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— lista tal-20 l-akbar benefiċjarji koperti mill-eżenzjonijiet jew tnaqqis kif ukoll deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni tagħhom, b'mod partikolari d-dħul min-negozju, is-sehem tagħhom mis-suq u d-daqs tal-bażi tat-taxxa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

5. Ikkonferma li:

(a) ☐ l-għażla ta' benefiċjarji hi bbażata fuq kriterji oġġettivi u trasparenti u l-għajnuna tingħata bħala prinċipju bl-istess mod għall-kompetituri kollha fl-istess settur jew suq rilevanti li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali simili

u

(b) ☐ it-taxxa ambjentali mingħajr tnaqqis għandha twassal għal żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull settur jew kategorija ta' benefiċjarji individwali;

u

(c) ☐ mingħajr l-għajnuna, iż-żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni, jekk tingħadda lill-konsumaturi, twassal għal tnaqqis sostanzjali fil-bejgħ ([139]).

6. Ipprovdi evidenza kwalitattiva u kwantitattiva marbuta mal-kundizzjonijiet fil-punt 2:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

7. Spjega f'liema forma jingħataw it-tnaqqis jew l-eżenzjoni mit-taxxa (il-punt 174 tal-EEAG).

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

8. Speċifika liema waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin hi ssodisfata:

(a) Il-benefiċjarji tal-għajnuna qed iħallsu mill-anqas 20 % tat-taxxa nazzjonali?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba hija le, uri kif tista' tkun iġġustifikata rata iktar baxxa minħabba t-tfixkil limitat fil-kompetizzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(b) It-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet huma kkundizzjonati mill-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istat Membru u l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jirċievu?

☐ iva ☐ le

([139]) F'dan ir-rigward, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu stimi ta', inter alia, l-elastiċità fil-prezzijiet tal-prodotti tas-settur ikkonċernat fis-suq ġeografiku rilevanti kif ukoll stimi ta' bejgħ mitluf u/jew profitti mnaqqsa għall-kumpaniji fis-settur jew kategorija kkonċernati.

Jekk iva, ipprovdi dettalji u evidenza li juru li l-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi ħadu impenn li jilħqu l-għanijieti tal-ħarsien ambjentali li għandhom l-istess effett tal-applikazzjoni ta' (i) 20 % tat-taxxa nazzjonali jew (ii) il-livell minimu ta' taxxa tal-Unjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Ikkonferma wkoll li:

(a) ☐ is-sustanza tal-ftehimiet ġiet innegozjata minn kull Stat Membru u tispeċifika l-għanijiet u tistabilixxi kalendarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet;

(b) ☐ l-Istati Membri għandhom jassiguraw monitoraġġ indipendenti u f'waqtu tal-impenji konklużi f'dawk il-ftehimiet;

(c) ☐ dawk il-ftehimiet għandhom ikunu riveduti perjodikament fid-dawl ta' żviluppi teknoloġiċi u żviluppi oħra u jistipulaw arranġamenti effettivi ta' penali li jkunu japplikaw jekk l-impenji ma jintlaħqux.

Speċifika għal kull settur l-għanijiet u l-kalendarju u ddeskrivi l-mekkaniżmi tal-monitoraġġ u r-reviżjoni (pereżempju l-persuni li jwettquhom u l-intervalli tagħhom) kif ukoll rigward il-mekkaniżmu tal-penali:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

9. Fejn tiġi introdotta taxxa tal-karbonju imposta fuq prodotti tal-enerġija użati għall-produzzjoni tal-elettriku u jkun previst kumpens għall-elettriku użat (il-punt 179 tal-EEAG), ipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Ir-rabta diretta mal-prezz tal-kwota tal-ETS

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(b) L-intensitajiet massimi tal-għajnuna tul iż-żmien u kif dawn jikkonformaw mal-intensitajiet stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ETS ([140])

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(c) Lista tal-benefiċjarji u jekk humiex eliġibbli skont il-Linji Gwida tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ETS

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(d) Agħti dettalji dwar il-mod li bih isir il-ħlas ta' somma f'daqqa.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([140]) Linji gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra wara l-2012 (ĠU C 158, 5.6.2012, p. 4).

**Taqsima C2: Għajnuna fil-forma ta' tnaqqis fl-appoġġ permezz ta'finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli**

1. Spjega x'inhuma l-ispejjeż addizzjonali ([141]) li jirriżultaw mill-finanzjament tal-enerġija rinnovabbli u kif inhuma riflessi l-prezzijiet tal-elettriku li huma stabbiliti. Agħti d-dettalji.

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

2. Ikkonferma li l-miżura tkopri biss tnaqqis mill-ispejjeż tal-finanzjament tal-appoġġ mogħti lill-enerġija rinnovabbli u li ma hija inkluża l-ebda spiża oħra. Agħti d-dettalji. L-ispejjeż addizzjonali ma jistgħux ikunu iktar mill-ispejjeż tal-finanzjament tal-appoġġ mogħti lill-enerġija rinnovabbli.

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

*Eliġibbiltà*

3. Ipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-benefiċjarji tal-miżura u stipula kemm il-benefiċjarji huma attivi fis-setturi msemmija fl-Anness 3 tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

4. Safejn il-benefiċjarji tal-miżura ma jkunux attivi f'setturi li huma parti mill-Anness 3 tal-EEAG, identifika sa liema punt il-benefiċjarji huma attivi fis-setturi li huma msemmija fl-Anness 5 tal-EEAG.

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

5. Għall-benefiċjarji msemmijin f'din it-taqsima, uri għall-impriżi l-livell ta' elettrointensità (il-punt 186 tal-EEAG). Meta possibbli, uri l-parametri referenzjarji standard tal-konsum tal-elettriku.

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………………………

6. Safejn il-benefiċjarji tal-miżura mhumiex attivi fis-setturi msemmijin fl-Anness 3 jew l-Anness 5 tal-EEAG;

   — Għall-impriżi uri l-livell ta' elettrointensità. Meta possibbli, uri l-parametri referenzjarji standard tal-konsum tal-elettriku.

     ……………………………………………………………………………………………………………………………

     ……………………………………………………………………………………………………………………………

   — Għall-impriżi uri l-livell ta' intensità tal-kummerċ fil-livell tal-Unjoni.

     ……………………………………………………………………………………………………………………………

     ……………………………………………………………………………………………………………………………

([141]) L-aktar mod dirett biex wieħed juri rabta kawżali hi b'referenza għal tariffa jew imposta fuq il-prezz tal-elettriku, li hi ddedikata għall-finanzjament ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Mod indirett biex wieħed juri l-ispejjeż addizzjonali jkun li jikkalkula l-impatt tal-ispejjeż netti ogħla għall-fornituri tal-elettriku miċ-ċertifikati ekoloġiċi u jikkalkula l-impatt fuq il-prezz tal-elettriku waqt li jassumi li l-ispejjeż netti ogħla jiġu mgħoddija mill-fornitur.

7. Ikkonferma billi tipprovdi l-evidenza rilevanti li l-għażla tal-benefiċjarji hija msejsa fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u li fil-prinċipju l-għajnuna tingħata bl-istess mod lill-kompetituri kollha fl-istess settur jew suq rilevanti li huma f'sitwazzjoni fattwali simili.

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

*Proporzjonalità*

8. Ikkonferma li l-benefiċjarji jħallsu b'mod sħiħ mill-inqas 15 % tal-ispejjeż addizzjonali.

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

9. Ikkonferma jekk il-kontribuzzjonijiet massimi għall-impriżi elettrointensivi għandhomx limitu massimu.

   ☐ f'4 % Valur miżjud Gross (gross value added, GVA)

   ☐ f'0,5 % GVA (għal impriżi b'elettrointensità ta' mill-inqas 20 %)

   Jekk iva,

   (a) Uri kif inhuma kkalkolati l-livelli massimi u l-GVA (ara l-Anness 4 tal-EEAG).

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

   (b) Spjega jekk sarx xi aġġustament fil-kalkolu sabiex ikunu koperti l-ispejjeż lavorattivi kollha (il-punt 191 tal-EEAG)

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

   (c) Spjega kif il-limitu massimu japplika għall-impriżi eliġibbli kollha.

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

   ………………………………………………………………………………………………………………………………

**Taqsima C3: Regoli tranżitorji għat-tnaqqis fl-appoġġ permezz ta' finanzjament għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli**

*Din it-tasqima tapplika biss jekk ikun ġie ppreżentat pjan ta' aġġustament lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju 2015.*

1. Spjega fid-dettall jekk it-tnaqqis jew l-eżenzjonijiet mill-appoġġ permezz ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli kinux diġà ngħataw qabel l-1 ta' Lulju 2014.

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

   Jekk iva, uri jekk daħlux benefiċjarji ġodda fl-iskema wara l-1 ta' Lulju 2014.

………………………………………………………………………………………………………………………………

………………………………………………………………………………………………………………………………

2. Ipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-benefiċjarji li bbenefikaw mill-miżura qabel l-1 ta' Lulju 2014.

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

3. Aqsam dawn il-benefiċjarji f'żewġ gruppi: wieħed eliġibbli għall-għajnuna skont l-EEAG (grupp 1) u ieħor li ma jkunx eliġibbli għall-għajnuna skont l-EEAG (grupp 2).

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

4. Ipprovdi pjan ta' aġġustament li progressivament iġib il-livelli tal-għajnuna konformi mal-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibblità u proporzjonalità stabbiliti fit-Taqsima C.

(a) Uri kif il-pjan jipprevedi kontribuzzjoni proprja minima ta' 15 % sal-2019 għall-grupp 1 imsemmi fil-punt 3.

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

(b) Uri kif il-pjan jipprevedi kontribuzzjoni proprja minima ta' 20 % sal-2019 għall-grupp 2 imsemmi fil-punt 3.

.......................................................................................................................................................

.......................................................................................................................................................

*PART III.7*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-finanzjament ta' riskju

*Imla din il-formola ta' informazzjoni supplimentari, minbarra l-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali', sabiex tinnotifka kwalunkwe skema ta' għajnuna koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' finanzjament ta' riskju ('RFG')* ([142]).

*Għad-definizzjonijiet mur lura għall-paragrafu 52 RFG.*

### 1. Kamp ta' applikazzjoni

1.1. Raġunijiet għan-notifika tal-iskema:

(a) ☐ L-iskema ma tikkonformax mar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa ('GBER') ([143]). Identifika d-dispożizzjonijiet fil-bażi ġuridika tal-iskema li jmorru lil hinn mill-GBER u indika liema huma dawk id-dispożizzjonijiet tal-GBER:

.......................................................................................................................................................

(b) ☐ L-iskema ma tikkonformax mar-Regolament *de minimis* ([144]). Indika r-raġunijiet għaliex

.......................................................................................................................................................

([142]) Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi investimenti ta' finanzjament ta' riskju (ĠU C 19 tat-22.1.2014, p. 4).
([143]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq komuni skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).
([144]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU L 352, 24.12.2013 p. 1).

(c) ☐ L-iskema ma tikkonformax mat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq f'livell wieħed jew iktar (fil-livell tal-investituri, l-intermedjarju finanzjarju u l-maniġer tiegħu, u l-impriżi li fihom isir l-investiment) (Ara t-Taqsima 2.1 RFG; għas-self, issir referenza għall-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza ([145]), u għal garanziji għall-Avviż ta' Garanzija ([146])). Speċifika ir-raġunijiet għaliex:

.......................................................................................................................................

(d) ☐ L-iskema ma fihiex għajnuna u hija notifikata għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

1.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema notifikata: Immarka kif xieraq biex tikkonforma:

(a) ☐ L-iskema notifikata hija skjerata permezz ta' intermedjarji finanzjarji jew pjattaformi ta' negozjar alternattivi, għajr għal inċentivi fiskali għal investimenti diretti f'impriżi eliġibbli, (il-paragrafu 20 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(b) ☐ L-iskema notifikata teskludi kumpaniji kbar, għajr għal impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja jew impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi (il-paragrafu 21 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(c) ☐ L-iskema notifikata teskludi għajnuna ta' finanzjament ta' riskju lil kumpaniji elenkati fil-lista uffiċjali ta' borża jew suq regolat (il-paragrafu 22 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(d) ☐ L-iskema ta' finanzjament tar-riskju tinvolvi investituri privati (il-paragrafu 23 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(e) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju tipprovdi li fir-rigward ta' qsim asimmetriku tar-riskji u l-gwadanji bejn l-Istat u investituri privati, hemm riskju sostanzjali mġarrab mill-investituri privati jew li l-Istat jirċievi ċertu gwadann mill-investiment tiegħu (il-paragrafu 24 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(f) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju ma tistax tintuża sabiex issostni akkwiżizzjonijiet maġġoritarji (il-paragrafu 25 RFG).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

(g) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju tipprovdi li ma hija se tingħata ebda għajnuna ta' finanzjament ta' riskju lil impriżi f'diffikultà, kif definiti fl-RFG. (Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li skont l-RFG, l-SMEs li jikkwalifikaw għal investimenti ta' finanzjament ta' riskju, fi żmien seba' snin mill-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom wara d-diliġenza dovuta mill-intermedjarji finanzjarji magħżula, ma jiġux ikkunsidrati bħala impriżi f'diffikultà, sakemm ma jkunux soġġetti għal proċedimenti ta' insolvenza jew jissodisfaw il-kriterji fil-liġi domestika tagħhom sabiex jitqiegħdu fi proċedimenti ta' insolvenza kollettivi fuq it-talba tal-kredituri tagħhom).

([145]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14 tad-19.1.2008, p. 6).
([146]) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

Ipprovdi r-referenza tad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

..............................................................................................................................................

(h) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju teskludi għajnuna lil impriżi li rċivew għajnuna illegali li għadha ma ġietx irkuprata bis-sħiħ (il-paragrafu 26 RFG).

(i) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju ma għandhiex x'taqsam ma' għajnuna għal attivitajiet marbutin mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta b'mod dirett mal-kwantitajiet esportati, l-istabbiliment u t-tħaddim ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' spejjeż oħrajn marbutin mal-attività ta' esportazzjoni, kif ukoll għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta' prodotti domestiċi flok dawk importati (il-paragrafu 27 RFG).

(j) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju ma tagħmilx l-għajnuna soġġetta għall-obbligu li jintużaw prodotti manifatturati fl-istess pajjiż jew servizzi nazzjonali; ma tiksirx il-libertà tal-istabbiliment, fejn l-għajnuna tkun soġġetta għall-obbligu fuq l-intermedjarji finanzjarji, il-maniġers jew il-benefiċjarji finali tagħhom li jkollhom jew li jieħdu l-kwartieri ġenerali tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

2. **Deskrizzjoni tal-iskema**

2.1. Baġit tal-iskema:

— X'inhu l-ammont ta' investiment ta' finanzjament ta' riskju totali (inkluż kemm is-sehem pubbliku kif ukoll privat) għal kull impriża destinatarja tul iċ-ċiklu ta' investiment sħiħ għal kull impriża li tibbenefika mill-iskema, jiġifieri mhux fis-sena? Speċifika:

..............................................................................................................................................

— X'ammonti jinvolvi l-baġit annwali tal-iskema?

— X'inhu l-ammont kumplessiv tal-baġit tal-miżura għat-tul ta' żmien kollu tagħha? Speċifika:

..............................................................................................................................................

— X'ammont jinvolvi l-fond(i) ta' investiment imwaqqaf bl-iskema?

— L-iskema se tiġi kofinanzjata minn fondi tal-Unjoni (Fond Soċjali Ewropew, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, oħrajn)? Speċifika:

..............................................................................................................................................

2.2. Tul ta' żmien tal-iskema:

(a) X'inhu t-tul ta' żmien tal-iskema? (Speċifika d-dati tad-dħul fis-seħħ tagħha u d-data ta' tmiem tagħha) ..............................................................................................................................................

(b) X'inhu t-tul ta' żmien previst tal-perjodu ta' investiment? ..............................................................................

(c) X'inhu t-tul ta' żmien tal-perjodu ta' parteċipazzjoni? ..............................................................................

2.3. Impriżi destinatarji li huma l-benefiċjarji finali tal-iskema:

Il-valutazzjoni *ex ante* ([147]) turi l-ħtieġa li l-impriżi li ġejjin ikunu id-destinatarji tal-iskema bħala benefiċjarji (il-paragrafi 63-79 RFG) (ipprovdi dettalji):

..............................................................................................................................................

..............................................................................................................................................

([147]) L-RFG (il-paragrafi 46-49) jeħtieġu li ssir valutazzjoni *ex ante* u li tiġi ppreżentata għall-miżuri kollha ta' finanzjament ta' riskju notifikabbli.

(a) ☐ impriża żgħira b'kapitalizzazzjoni medja (impriża (i) li l-għadd ta' impjegati tagħha jkunx iktar minn 499, u (ii) li l-fatturat annwali tagħha ma jkunx iktar minn EUR 100 miljun jew li l-karta bilanċjali annwali tagħha tkunx iktar minn EUR 86 miljun). B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(b) ☐ impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi (impriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li l-għadd ta' impjegati tagħhom ma jkunx iktar minn 1 500 u li l-ispejjeż tar-R u Ż u l-innovazzjoni tagħhom, kif definiti mill-GBER, jirrappreżentaw (a) mill-inqas 15 % tal-ispejjeż operatorji totali tagħhom f'mill-inqas waħda mit-tliet snin ta' qabel l-ewwel investiment skont il-miżura ta' finanzjament ta' riskju, jew (b) mill-inqas 10 % fis-sena tal-ispejjeż operatorji totali tagħhom fit-tliet snin ta' qabel l-ewwel investiment skont il-miżura ta' finanzjament ta' riskju). B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(c) ☐ Impriżi li jirċievu l-investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali iktar minn seba' snin wara l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom: B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(d) ☐ Impriżi li jeħtieġu investiment ta' finanzjament ta' riskju kumplessiv (inkluż pubbliku u privat) ta' ammont li jkun iktar mil-limitu massimu ta' EUR 15-il miljun stabbilit fil-GBER; B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(e) ☐ Pjattaformi ta' negozjar alternattivi li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 23 tal-GBER; B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(f) ☐ Oħrajn: ……………………………………………………………………………………………

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.4. Strumenti finanzjarji: il-valutazzjoni *ex ante* turi ħtieġa fir-rigward tal-parametri tat-tifsila li ġejjin li ma jikkonformawx mal-GBER (il-paragrafu 80 sa 86 RFG):

(a) ☐ Parteċipazzjoni tal-investimenti privati indipendneti inqas mill-proporzjonijiet meħtieġa fl-Artikolu 21(10) tal-GBER (il-paragrafi 80 sa81 RFG).

B'referenza għall-valuazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa għal proporzjonijiet inqas mill-proporzjonijiet meħtieġa fil-GBER:

……………………………………………………………………………………………………………

(b) ☐ Strumenti finanzjarji b'parametri tat-tifsila ogħla mil-limiti massimi pprovduti fl-GBER jiġififeri meta l-investitur pubbliku jieħu iktar riskju minn dak awtorizzat mill-GBER (il-paragrafi 82 sa 83 RFG).

B'referenza għall-valuazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa għal parametri tat-tifsila ogħla mil-limiti massimi stipulati fil-GBER:

…

(c) ☐ Strumenti finanzjarji minbarra garanziji fejn l-investituri, l-intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom jintgħażlu billi tingħata preferenza lill-protezzjoni negattiva minflok lill-kondiviżjoni asimmetrika tal-profitti.

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

…

(d) ☐ Oħrajn: …

B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika tagħha u ġustifikazzjoni xierqa:

…

2.5. Strumenti fiskali: il-valutazzjoni *ex ante* turi li huma meħtieġa l-parametri tat-tifsila li ġejjin li ma jikkonformawx mal-GBER:

(a) ☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi (inklużi intermedjarji finanzjarji jew il-maniġers tagħhom li jaġixxu bħala koinvestituri).

Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

…

(b) ☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi għall-investiment fl-SMEs permezz ta' pjattaforma tan-negozjar alternattiva.

Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

…

(c) ☐ Oħrajn: …

Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

…

2.6. Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni xierqa:

(a) Ipprovdi l-karatteristiċi tal-investituri privati li jieħdu sehem fil-miżura (pereżempju investituri korporattivi, persuni fiżiċi, eċċ.):

…

…

(b) L-investituri privati jipprovdu ekwità, self jew garanziji fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju (pereżempju finanzjament tal-fondi) jew fil-livell tal-benefiċjarji finali? Speċifika:

…

…

(c) L-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema jinvestu huma wkoll (u b'hekk huma meqjusin bħala investituri privati)?

☐ Iva. Jekk iva, speċifika: ..........

☐ Le

2.7. Intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema

(Ara d-definizzjoni wiesgħa fil-paragrafu 52 RFG; din tinkludi wkoll fondi bi u mingħajr personalità ġuridika)

(a) Speċifika l-għamla tal-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema:

..........

(b) L-implimentazzjoni tal-miżura tinvolvi 'entità inkarigata' (kif definita fil-paragrafu 52(v) RFG)?

☐ Iva. Jekk iva, agħti dettalji: ..........

☐ Le

(c) L-entità inkarigata tinvesti hi wkoll mal-Istat Membru mir-riżorsi tagħha stess?

☐ Iva. Jekk iva, ipprovdi r-referenza għall-bażi ġuridika li tawtorizza lill-entità inkarigata tagħmel dak il-koinvestiment:

..........

☐ Le. Jekk iva, spjega l-metodu għall-kalkolu tal-kumpens tagħha biex timplimenta l-miżura, sabiex jiġi żgurat li mhijiex ikkumpensata żżejjed:

..........

(d) L-entità inkarigata hija magħżula permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva jew hija maħtura direttament? Speċifika:

..........

(e) L-entità inkarigata tmexxi fond(i) li minnhom huwa pprovdut finanzjament skont l-iskema ta' finanzjament ta' riskju?

☐ iva ☐ le

(f) Il-karatteristiċi tal-kumpanija maniġerjali inkarigata mill-implimentazzjoni tal-miżura fil-livell tal-intermedjarju finanzjarju:

..........

(g) Fil-każ ta' bosta livelli ta' intermedjarji finanzjarji involuti fl-iskema (inklużi fondi tal-fondi), ipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha għal kull livell tal-intermedjarju finanzjarju:

..........

2.8. Hemm xi parti oħra involuta fl-iskema għajr l-awtorità pubblika li tagħti l-għajnuna, l-impriżi destinatarja, l-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema msemmija hawn fuq, u l-investituri privati involuti fiha?

☐ Iva. Jekk iva, speċifika: ..........

☐ Le

2.9. Deskrizzjoni dettaljata tal-istrument(i):

Nota: Sabiex tifhem aħjar, ehmeż tpinġija sabiex turi l-istruttura tal-iskema u l-istrument(i) tagħha, fejn ikunu indikati l-partijiet involuti kollha, sa liema punt huma involuti, kif ukoll, jekk xieraq, l-Anness li jiġbor fil-qosor it-tifsila kumplessiva tal-iskema notifikata.

Spjega l-parametri tat-tifsila li żammejt biex tqanqal l-intermedjarji finanzjarji potenzjali biex juru l-interess tagħhom li jieħdu sehem fl-iskema ta' finanzjament ta' riskju, billi twieġeb għall-mistoqsijiet dettaljati f'din it-taqsima.

2.9.1. Strumenti finanzjarji

Miżuri ta' għajnuna ta' finanzjament ta' riskju fil-forma ta' strumenti finanzajrji jridu jiġu skjerati permezz tal-intermedjarji finanzjarji (il-paragrafu 20 RFG). B'hekk, dawk il-miżuri huma fformati minn, tal-inqas, intervent mill-Istat f'intermedjarji finanzjarji, u investimenti ta' finanzjament ta' riskju minn intermedjarji finanzjarji fl-impriżi benefiċjarji finali.

2.9.1.1. Intervent fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji

A) **Intervent mill-Istat fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji**

L-Istat jipprovdi dawn li ġejjin lill-intermedjarji finanzjarji (Immarka u imla kif xieraq)

☐ INJEZZJONI TA' EKWITÀ (INKLUŻA KWAŻI EKWITÀ) MILL-ISTAT FIL-LIVELL TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI

1. Agħti l-informazzjoni li ġejja:

— Termini tal-injezzjoni ta' ekwità (qabbel mal-kundizzjonijiet tas-suq għal injezzjoni ta' ekwità bħal dik):

……………………………………………………………………………………………………………

— Tip ta' intermedjarju finanzjarju: ……………………………………………………………………………

— Tip ta' struttura ta' finanzjament tal-intermedjarju finanzjarju (pereżempju fond ta' investiment b'perċentwali ta' parteċipazzjoni privata u pubblika; struttura b'diversi stadji ta' finanzjament ta' fondi b'sotto-fondi speċjalizzati, fond pubbliku li jinvesti flimkien ma' investituri privati fuq bażi ta' kull tranżazzjoni individwali) Spjega fid-dettall:

……………………………………………………………………………………………………………

2. Fil-każ ta' kważi ekwità, iddeskrivi f'ċertu dettall in-natura tal-istrument previst:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3. Jekk hemm parteċipazzjoni privata (pereżempju investituri privati jipprovdu ekwità lill-intermedjarju finanzjarju flimkien mal-Istat):

— Indika l-proporzjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-investituri pubbliċi u privati:

……………………………………………………………………………………………………………

— Indika t-tip ta' trattament preferenzjali previst għall-benefiċċju tal-investituri privati li jieħdu sehem, kif deskritt fis-sejħa għal espressjoni ta' interess (agħti dettalji):

……………………………………………………………………………………………………………

☐ Inċentivi għal ċaqliq 'il fuq: ……………………………………………………………………

☐ Protezzjoni għal ċaqliq 'l isfel: ……………………………………………………………………

— Jekk karatteristiċi ta' kondiviżjoni tat-telf mhux pari passu jmorru lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-GBER, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 110 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

— Jekk rilevanti, indika jekk il-'first loss piece' mġarrba mill-investitur pubbliku għandhiex limitu massimu (il-paragrafu 110 RFG):

☐ Iva; speċifika kif ġie stabbilit dak il-limitu massimu:

……………………………………………………………………………………………………………

☐ Le; Spjega:

……………………………………………………………………………………………………………

4. X'inhi l-istrateġija tal-investitur pubbliku?

……………………………………………………………………………………………………………

Spjega kif l-istrument magħżul isostni l-għanijiet tal-politika pubblika tal-investitur privat:

……………………………………………………………………………………………………………

5. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-għanijiet tal-politika pubblika:

……………………………………………………………………………………………………………

6. Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tat-tul ta' żmien tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ fil-bażi tal-investiment fl-ekwità, u kif il-ħruġ huwa ppjanat b'mod strateġiku mill-investitur pubbliku:

……………………………………………………………………………………………………………

7. Informazzjoni rilevanti oħra:

……………………………………………………………………………………………………………

☐ STRUMENTI TA' DEJN IFFINANZJATI: STRUMENTI TA' SELF (MINN HAWN 'IL QUDDIEM 'SELF') FIL-LIVELL TA' INTERMEDJARJI FINANZJARJI

1. Agħti l-informazzjoni li ġejja:

— Tip ta' self (pereżempju subordinat, kondiviżjoni tar-riskju ta' portafoll): ipprovdi dettalji: ……

— Termini tas-self fil-miżura (inkludi ukoll paragun mat-termini tas-suq għal-tali self ta' dak it-tip):

……………………………………………………………………………………………………………

— Daqs massimu tas-self: ……………………………………………………………………………

— Tul ta' żmien massimu tas-self: ……………………………………………………………………

— Garanzija jew rekwiżiti oħrajn: ……………………………………………………………………

— Informazzjoni rilevanti oħra: ………………………………………………………………………

2. Ipprovdi referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-bażi ġuridika li jipprojbixxu l-użu tal-għajnuna sabiex terġa' tiffinanzja self eżistenti (il-paragrafu 115 RFG):

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

3. Jekk f'dan il-livell isseħħ parteċipazzjoni privata (pereżempju investituri privati jipprovdu self lill-intermedjarju finanzjarju flimkien mal-Istat):

   — Indika l-proporzjonijiet ta' parteċipazzjoni tal-investituri/mutwanti pubbliċi u privati:

     ……………………………………………………………………………………………………………

     ……………………………………………………………………………………………………………

     B'mod partikolari, fil-każ ta' self ta' kondiviżjoni tar-riskju tal-portafoll, x'inhi r-rata ta' kofinanzjament tal-intermedjarju finanzjarju partikolari? Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li r-rata ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-valur tal-portafoll ta' self sottostanti(il-paragrafu 114 RFG) … %

   — Iddeskrivi l-kondiviżjoni tar-riskju u l-gwadanji bejn l-investituri jew mutwanti pubbliċi u privati:

     ……………………………………………………………………………………………………………

     B'mod partikolari, jekk l-investitur pubbliku jassumi l-ewwel telf, f'liema livell huwa stabbilit il-limitu massimu? Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li huwa rakkomandat li dak il-livell massimu ma jkunx iktar minn35 % (il-paragrafu 113 RFG):

     Fejn l-investitur/mutwanti pubbliku jassumi pożizzjoni tal-ewwel telf li tkun iktar mil-limitu massimu stabbilit fil-GBER (25 %), għandu jiġi ġġustifikat b'referenza għal falliment serju tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 113 RFG). Ipprovdi sommarju ta' ġustifikazzjoni bħal dik:

     ……………………………………………………………………………………………………………

     ……………………………………………………………………………………………………………

   — Jekk hemm mekkaniżmi oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju għall-benefiċċju tal-investituri/mutwanti privati, spjega:

     ……………………………………………………………………………………………………………

     ……………………………………………………………………………………………………………

4. X'inhu l-mekkaniżmu 'pass-on' (kif meħtieġ mill-paragrafu 104 RFG) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat lill-impriżi benefiċjarji finali? X'rekwiżiti jrid japplika l-intermedjarju finanzjarju (pereżempju f'termini tar-rata tal-imgħax, tal-garanzija, tal-klassi tar-riskju) għall-benefiċjarji finali (ipprovdi dettalji preċiżi ħafna)? Agħti wkoll dettalji rigward kemm il-portafoll li se jinbena bil-miżura se jmur lil hinn mill-politika standard ta' riskju ta' kreditu tal-intermedjarju finanzjarju.

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

5. X'inhi l-istrateġija tal-investitur pubbliku?

   ……………………………………………………………………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………………………

   Spjega kif l-istrument magħżul isostni l-għanijiet tal-politika pubblika li lejhom jimmira l-investitur privat:

   ……………………………………………………………………………………………………………

6. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-għanijiet tal-politika pubblika:

………………………………………………………………………………………………………

7. Iddeskrivi kif l-istrument huwa mfassal sabiex jiżgura l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-għanijiet tal-politika pubblika:

………………………………………………………………………………………………………

8. Informazzjoni rilevanti oħra:

………………………………………………………………………………………………………

☐ STRUMENTI TA' DEJN MHUX IFFINANZJATI: GARANZIJI MILL-ISTAT FIL-LIVELL TAL-INTERMEDJARJI FINANZJARJI FUQ TRANŻAZZJONIJIET SOTTOSTANTI MAL-BENEFIĊJARJI FINALI

1. Agħti referenza għad-dispożizzjoni finali tal-bażi ġuridika li teħtieġ li t-tranżazzjonijiet eliġibbli koperti mill-garanzija jridu jkunu tranżazzjonijiet ta' self ta' finanzjament tar-riskju eliġibbli li għandhom kif joriġinaw, inklużi strumenti ta' lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, bl-esklużjoni ta' strumenti ta' ekwità (il-paragrafu 116 RFG): ……………………….

2. Il-garanziji għall-intermedjarji finanzjarji jkopru portafoll ta' tranżazzjonijiet sottostanti u, mhux tranżazzjoni sottostanti waħda?

☐ iva ☐ le

3. It-tip ta' garanzija:

☐ Limitu massimu: limitu massimu garantit huwa … %

(Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li dan il-limitu massimu japplika għal portafolli miżmuma minn intermedjarji finanzjarji u huwa rrakkomandat li r-rata massima ma tkunx ikar minn 35 % (il-paragrafu 118 RFG); Agħti r-raġunijiet għal dik ir-rata:

………………………………………………………………………………………………………

Barra minn hekk, immarka sabiex tispeċifika jekk:

(a) ☐ Ir-rata massima tkopri biss it-telf mistenni; jew

(b) ☐ Ir-rata massima tkopri telf mhux mistenni wkoll; f'dan il-każ, uri kif l-ipprezzar tal-garanzija jirrifletti dik il-kopertura addizzjonali tar-riskju: ………………………………

☐ Mingħajr rata massima; f'dak il-każ, iġġustifika l-bżonn u kif l-ipprezzar tal-garanzija jirrifletti din il-kopertura addizzjonali tar-riskju mill-garanzija:

………………………………………………………………………………………………………

☐ Kontrogaranzija (garanzija għal istituzzjonijiet ta' garanzija)

☐ Oħrajn: speċifika: ………………………………………………………………………………

4. Rata ta' garanzija (perċentwal tat-telf kopert mill-investitur pubbliku ta' kull tranżazzjoni sottostanti (Ara d-definizzjoni fil-paragrafu 52(xvi) RFG u kun af li r-rata ta' garanzija ma tistax tkun iktar minn 90 % (il-paragrafu 117 RFG)): … %;

Agħti r-raġuni wara dak il-livell ta' kopertura:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

5. It-tranżazzjonijiet sottostanti koperti mill-garanzija:

— L-għamla tat-tranżazzjonijiet sottostanti: ............................................................................

— Daqs nominali totali tat-tranżazzjonijiet sottostanti (f'EUR): ...............................................

— L-ammont nominali massimu tat-tranżazzjoni sottostanti għal kull benefiċjarju finali: .........

— Durata tat-tranżazzjonijiet sottostanti: ...............................................................................

— Karatteristiċi rilevanti oħrajn tat-tranżazzjonijiet sottostanti (klassifikazzjoni tar-riskju, oħrajn): .....................................................................................................................

6. Iddeskrivi l-karatteristiċi l-oħrajn tal-garanzija (qabbel ukoll mal-kundizzjonijiet tas-suq għal garanzija bħal dik wkoll):

— Tul ta' żmien massimu tal-garanzija: ............................ (Kun af li normalment m'għandhux ikun iktar minn 10 snin (il-paragrafu 119 RFG))

— Ipprovdi referenza għad-dispożizzjoni rilevanti fil-bażi ġuridika li tistipula li l-garanzija trid titnaqqas jekk l-intermedjarju finanzjarju ma jinkludix ammont minimu ta' investiment fil-portafoll matul perjodu speċifiku; u li t-tariffi impenjati huma meħtieġa għall-ammonti mhux użati: ...........................................................................................................

— Huwa previst li tintalab tariffa ta' garanzija?

☐ iva ☐ le

Speċifika liema parti se jkollha tħallas it-tariffa ta' garanzija:

.....................................................................................................................................

Iddeskrivi f'dettall l-ipprezzar:

.....................................................................................................................................

Oħrajn: ..........................................................................................................................

7. X'inhu l-mekkaniżmu 'pass-on' (kif meħtieġ mill-paragrafu 104 RFG) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat lill-impriżi benefiċjarji finali? X'rekwiżiti jrid japplika l-intermedjarju finanzjarju (pereżempju f'termini tar-rata tal-imgħax, tal-kollateral, tal-klassi tar-riskju) għall-benefiċjarji finali? Ipprovdi dettalji preċiżi ħafna. Spjega wkoll fid-dettall kemm il-portafoll li se jinbena bil-miżura se jmur lil hinn mill-politika standard ta' riskju ta' kreditu tal-intermedjarju finanzjarju.

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

8. X'inhi l-istrateġija tal-investitur pubbliku?

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

Spjega kif l-istrument magħżul isostni l-għanijiet tal-politika pubblika li lejhom jimmira l-investitur privat:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

9. Iddeskrivi kif inhu mfassal l-istrument sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-interessi bejn l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarju finanzjarju u l-għanijiet tal-politika pubblika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

10. Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tat-tul ta' żmien tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li ssostni l-investiment fi strumenti ta' dejn, u kif il-ħruġ huwa ppjanat b'mod strateġiku mill-investitur pubbliku:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

11. Informazzjoni rilevanti oħra:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

☐ STRUMENTI FINANZJARJI OĦRAJN

Iddeskrivi l-istrument finanzjarju li jrid jiġi implimentat mal-miżura u pprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-elementi kollha fit-Taqsima 2.9.1.1 iktar 'il fuq safejn ikunu applikabbli għall-istrument finanzjarju magħżul:

……………………………………………………………………………………………………………

B) **Intervent mill-intermedjarji finanzjarji f'livelli ulterjuri ta' intermedjarji finanzjarji**

Jista' jkun hemm soluzzjonijiet (inklużi strutturi tal-fond ta' fondi), li bihom, pereżempju, l-Istat jipprovdi ekwità, self jew garanziji lil intermedjarju finanzjarju, li, min-naħa tiegħu, jipprovdi ekwità, self jew garanziji lil intermedjarju finanzjarju ieħor, li eventwalment jipprovdi investimenti ta' finanzjament ta' riskju lil benefiċjarji finali. F' każijiet bħal dawk fejn hemm it-tieni livell, jew livelli oħrajn ta' intermedjarji finanzjarji involuti fl-iskema, ipprovdi hawn l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa fit-Taqsima 2.9.1.1.A dwar Ekwità/Self/Garanziji/Strumenti finanzjarji oħrajn, kif applikabbli, għal kull livell addizzjonali ta' intermedjarju finanzjarju:

……………………………………………………………………………………………………………

2.9.1.2. Investiment ta' finanzjament ta' riskju minn intermedjarji finanzjarji f'benefiċjarji finali

L-investiment ta' finanzjament ta' riskju fil-benefiċjarji finali jieħu l-forma li ġejja (Immarka u imla kif xieraq):

☐ INVESTIMENT TA' EKWITÀ (INKL. KWAŻI EKWITÀ) MINN INTERMEDJARJI FINANZJARJI FIL-BENEFIĊJARJI FINALI

(a) Fil-każ ta' kważi ekwità, iddeskrivi fid-dettall in-natura tal-istrument previst:

……………………………………………………………………………………………………………

(b) Ipprovdi t-termini tal-investiment ta' ekwità f'dettall (inkludi wkoll paragun mat-termini tas-suq għal dak it-tip ta' investiment ta' ekwità):

……………………………………………………………………………………………………………

(c) Iddeskrivi l-karatteristiċi kollha tal-investimenti li jridu jsiru mill-intermedjarju finanzjarju f'dettall, inklużi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarji finanzjarji eliġibbli:

……………………………………………………………………………………………………………

(d) Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tat-tul ta' żmien tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li hija fil-bażi tal-investiment f'ekwità:

……………………………………………………………………………………………………………

(e) Jekk ikun hemm parteċipazzjoni privata(pereżempju investituri privati jipprovdu ekwità lill-benefiċjarji finali wkoll):

— Indika l-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata: …

— Indika t-tip ta' trattament preferenzjali previst għall-benefiċċju tal-investituri privati parteċipanti, kif deskritt fis-sejħa għal manifestazzjoni ta' interess (agħti d-dettalji):

…

☐ Inċentivi li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni fil-qligħ: …

☐ Protezzjoni mir-riskji: …

— Jekk karatteristiċi ta' kondiviżjoni tat-telf mhux pari passu jmorru lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-GBER, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 110 RFG): …

…

— Jekk rilevanti, indika jekk il-'first loss piece' imġarrba mill-investitur pubbliku għandhiex limitu massimu (il-paragrafu 110 RFG): …

☐ Iva; Speċifika kif ġie stabbilit il-limitu massimu:

…

☐ Le; Spjega:

…

☐ STRUMENTI TA' DEJN IFFINANZJATI: SELF MINN INTERMEDJARJI FINANZJARJI LIL BENEFIĊJARJI FINALI

— Tip ta' self: ipprovdi dettalji:

…

— Kundizzjonijiet tas-self skont il-miżura (qabbel ukoll mal-kundizzjonijiet tas-suq għal self ta' dak it-tip):

…

— Daqs massimu tas-self għal kull benefiċjarju: …

…

— Tul ta' żmien massimu tas-self: …

…

— Ipprovdi spjegazzjoni dettaljata tad-durata tal-istrument jew tal-istrateġija ta' ħruġ li hija l-bażi tal-investiment fl-istrumenti ta' dejn:

…

— Klassifikazzjoni tar-riskju tal-benefiċjarji finali: …

…

— Kollateral jew rekwiżiti oħrajn: …

…

— Informazzjoni rilevanti oħra: …

…

— Jekk isseħħ parteċipazzjoni privata f'dan il-livell (pereżempju investituri privati jipprovdu self lill-benefiċjarji finali wkoll):

Indika l-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata: ..........

Iddeskrivi l-kondiviżjoni ta' riskju u gwadann bejn l-investituri pubbliċi u dawk privati:

..........

B'mod partikolari, jekk l-investitur pubbliku jassumi l-ewwel telf, f'liema livell huwa stabbilit il-limitu massimu? Limitu massimu ta' … %. (Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li huwa rakkomandat li dak il-livell massimu ma jkunx iktar minn 35 % (il-paragrafu 113 RFG)

Fejnl-investitur jew mutwanti pubbliku jassumi pożizzjoni tal-ewwel telf li tkun iktar mil-limitu massimu stabbilit fil-GBER (25 %), iġġustifikaha b'referenza għal falliment serju tas-suq identifikat fil-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafu 113 RFG) u pprovdi sommarju għal dik il-ġustifikazzjoni: ..........

Jekk hemm mekkaniżmi oħrajn ta' tnaqqis tar-riskju għall-benefiċċju tal-investituri/mutwanti privati, spjega: ..........

☐ STRUMENTI TA' DEJN MHUX IFFINANZJATI: GARANZIJI MINN INTERMEDJARJI FINAZJARJI LIL BENEFIĊJARJI FINALI:

1. Ipprovdi dettalji dwar l-għamla u l-kundizzjonijiet tal-garanziji (qabbel ukoll mal-kundizzjonijeit tas-suq għal garanziji ta' dak it-tip):

   ..........

   ..........

2. Agħti referenza għad-dispożizzjoni finali tal-bażi ġuridika li teħtieġ li t-tranżazzjonijiet eliġibbli koperti mill-garanzija jridu jkunu tranżazzjonijiet ta' self ta' finanzjament tar-riskju eliġibbli li għadhom kif joriġinaw, inklużi strumenti ta' lokazzjoni, kif ukoll strumenti ta' investiment ta' kważi ekwità, bl-esklużjoni ta' strumenti ta' ekwità (il-paragrafu 116 RFG):

   ..........

   ..........

3. Ipprovdi l-għamla u l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjonijiet sottostanti:

   ..........

   ..........

☐ STRUMENTI FINANZJARJI OĦRAJN

Iddeskrivi l-istrument finanzjarju li l-miżura tfittex li timplimenta u pprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-elementi kollha li jinsabu fit-Taqsima 2.9.1.2 iktar 'il fuq safejn ikunu applikabbli għall-istrument finanzjarju magħżul:

..........

..........

2.9.2. Strumenti fiskali:

*Imla din it-taqsima kollha għal kull inċentivfiskali:*

— Inċentiv fiskali mogħti għal:

(a) ☐ Investimenti diretti f'impriżi

(b) ☐ Investimenti indiretti f'impriżi (jiġifieri permezz ta' intermedjarji finanzjarji)

(c) ☐ Investimenti indiretti f'impriżi li jsiru permezz ta' pjattaforma tan-negozjar alternattiva

— Inċentiv fiskali mogħti lil:

(a) ☐ investituri korporattivi

(b) ☐ investituri li huma persuni fiżiċi, għal investimenti li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER:

……

— Forma tal-inċentivfiskali:

(a) ☐ aġevolazzjoni fiskali fuq id-dħul applikabbli fuq il-bażi taxxabbli

(b) ☐ waqfien temporanju tat-taxxa fuq id-dħul applikabbli fuq l-obbligazzjoni ta' taxxa pagabbli

(c) ☐ aġevolazzjoni fiskali fuq il-qligħ kapitali

(d) ☐ aġevolazzjoni fiskali fuq id-dividendi

(e) ☐ oħrajn:

……

— Iddeskrivi fid-dettall il-kundizzjonijiet li jeħtieġ jiġu ssodisfati mill-investiment biex ikun jista' jibbenefika mill-inċentiv fiskali:

……

……

— Iddeskrivi fid-dettall kif jiġi kkalkolat l-inċentiv fiskali (inkluż il-perċentwali massimu tal-ammont investit li l-investitur jista' jitlob bi skop ta' agevolazzjoni fiskali, l-ammont massimu tal-waqfien temporanju tat-taxxa li jista' jitnaqqas mill-obbligazzjonijiet ta' taxxa tal-investitur, eċċ.):

……

……

— B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni għall-kategorija ta' impriżi eliġibbli (il-paragrafu 121 RFG):

……

……

— Ipprovdi evidenza li l-għażla tal-impriżi eliġibbli hija bbażata fuq sett strutturat sew ta' rekwiżiti ta' investiment, li jsir pubbbliku permezz ta' reklamar xieraq, u li jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-impriżi eliġibbli li huma soġġetti għal falliment ippruvat tas-suq(il-paragrafu 123 RFG):

……

……

— Tul ta' żmien massimu previst tal-inċentiv fiskali: …… (Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li t-tul ta' żmien tal-iskemi fiskali għandu jkun 10 snin massimu (il-paragrafu 124 RFG))

— Spjega l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema fiskali nazzjonali li huma rilevanti biex l-inċentiv fiskali jinfthiem kompletament:

……

……

— Iddeskrivi kull inċentiv fiskali relatat/simili/rilevanti li diġà jeżisti fl-Istat Membru kif ukoll ir-rabta bejniethom u l-l-inċentiv fiskali nnotifikat:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

— L-inċentiv fiskali huwa miftuħ għall-investituri kollha li jissodisfaw il-kriterji meħtieġa, mingħajr diskriminazzjoni skont fejn huma stabbiliti (il-paragrafu 126 RFG)?

☐ iva ☐ le

— Ġib prova tar-reklamar adegwat rigward il-kamp ta' applikazzjoni u l-parametri tekniċi (inklużi limiti massimi u livelli massimi, ammont massimu tal-investiment) tal-inċentiv fiskali (il-paragrafu 126 RFG): ……………………………………………………………………………………………………

— L-investiment totali għal kull impriża benefiċjarja huwa iktar mill-ammont massimu stabbilit mid-dispożizzjoni ta' finanzjament ta' riskju fil-GBER (il-paragrafu 149 RFG)?

☐ iva ☐ le

— L-ishma eliġibbli huma ishma b'riskju sħiħ, ordinarji li jinħarġu ġodda minn impriża eliġibbli kif definiti fil-valutazzjoni *ex ante*, u jridu jkunu ilhom miżmuma tal-inqas tliet snin (il-paragrafu 150 RFG)?

☐ Iva

☐ Le. Jekk iva, agħti d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

— L-aġevolazzjoni fiskali hija disponibbli għal investituri li mhumiex indipendenti mill-kumpanija li fiha jsir l-investiment (il-paragrafu 150 RFG)?

☐ Le

☐ Iva. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

— Fil-każ ta' aġevolazzjoni fit-taxxa fuq id-dħul, x'inhi l-perċentwali massima tal-ammont investit f'impriżi eliġibbli li l-aġevolazzjoni tista' tilħaq (il-paragrafu 151 RFG)?: Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li limitu massimu ta' aġevolazzjoni fiskali ta' 30 % tal-ammont investit huwa meqjus raġonevoli:

L-aġevolazzjoni fiskali tista' tkun iktar mill-obbligazzjoni massima ta' taxxa fuq id-dħul tal-investitur, kif stabbilit qabel il-miżura fiskali?

☐ Le

☐ Iva. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji: ……………………………………………………………………………

F'każ li l-miżura tkun tipprovdi għal bosta forom ta' inċentivi fiskali, imla s-sett ta' mistoqsijiet fit-Taqsima 2.9.2 ta' hawn fuq għal kull forma ta' għajnuna.

2.9.3. Miżuri li jsostnu pjattaformi ta' negozjar alternattivi:

— Pjattaforma eżistenti:

☐ Iva

☐ Le, trid tiġi stabbilita mill-ġdid

— Il-pjattaforma hija jew se tkun subpjattaforma jew sussidjarja ta' borża eżistenti?

☐ Iva. Jekk iva, identifikaha:

……………………………………………………………………………………………………………………………

☐ Le

— Diġà hemm pjattaformi ta' negozjar alternattivi eżistenti fl-Istat Membru (il-paragrafu 129 RFG):

☐ Iva. Jekk iva, identifikaha:

……………………………………………………………………………………………………………………………

☐ Le

— Il-pjattaforma hija mwaqqfa minn u operata fost bosta Stati Membri (il-paragrafu 128 RFG)?

☐ Iva. Jekk iva, speċifika

……………………………………………………………………………………………………………………………

☐ Le

— Tip ta' impriżi nnegozjati fuq il-pjattaforma:

……………………………………………………………………………………………………………………………

*Flimkien ma' din in-notifika, ipprovdi:*

— Evidenza li l-maġġoranza tal-istrumenti finanzjarji ammessi għan-negozjar fuq il-pjattaformi ta' negozjar alternattivi huma maħruġin jew se jinħarġu mill-SMEs.

— Kopja tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-operatur tal-pjattaforma li juri li l-pjattaforma tista' ssir awtosostenibbli f'inqas minn 10 snin (il-paragrafu 127 RFG).

— Xenarji kontrafattwali plawżibbli li jqabblu s-sitwazzjonijiet li kieku jkollhom jaffaċċaw l-impriżi negozjabbli fin-nuqqas tal-pjattaforma, f'termini ta' aċċess għall-finanzjament meħtieġ (il-paragrafu 127 RFG).

— Għal pjattaformi eżistenti, kopja tal-istrateġija kummerċjali tal-pjattaforma li turi li, minħabba nuqqas persistenti ta' kwotazzjonijiet, u għaldaqstant nuqqas ta' likwidità, il-pjattaforma trid tiġi sostnuta fit-terminu qasir, minkejja li hija vijabbli fit-tul (il-paragrafu 129 RFG).

*Forma tal-miżura:*

☐ Inċentivi fiskali għal investituri korporattivi fir-rigward tal-investimenti ta' finanzjament ta' riskju tagħhom li jsiru permezz ta' pjattaforma ta' negozjar alternattiva f'impriżi eliġibbli: imla t-Taqsima 2.9.2 dwar l-Istrumenti finanzjarji iktar 'il fuq.

☐ Appoġġ għal operaturi tal-pjattaforma:

— L-operatur tal-pjattaforma huwa: intrapriża żgħira jew intrapriża ikbar minn waħda żgħira

— Ammont massimu tal-miżura: … EUR.

L-ammont massimu huwa aktar mill-għajnuna tal-bidu permessa mill-GBER?

☐ iva ☐ le

— Spejjeż ta' investiment imġarrbin għall-istabbiliment tal-pjattaforma: … EUR

— L-għajnuna lill-operatur hija iktar minn 50 % ta' dawk l-ispejjeż ta' investiment (il-paragrafu 153 RFG)?

☐ iva ☐ le

— Huwa permess għajnuna għal kemm-il sena wara l-bidu tal-pjattaforma?

……………………………………………………………………………………………………………

— Għal pjattaformi li huma jew se jkunu subpjattaforma jew sussidjarja ta' borża eżistenti, ipprovdi evidenza għan-nuqqas ta' finanzjament li taffaċċa subpjattaforma bħal dik:

……………………………………………………………………………………………………………

— Informazzjoni rilevanti oħra:

……………………………………………………………………………………………………………

3. **Informazzjoni oħra dwar il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna**

3.1. Kontribuzzjoni lejn l-għan komuni u ħtieġa ta' intervent mill-Istat (3.2 u 3.3 RFG)

Skema ta' għajnuna ta' finanzjament ta' riskju tista' tiġi ġġustifikata biss jekk ikollha l-għan li tindirizza falliment speċifiku tas-suq, fil-forma tal-eżistenza ta' diskrepanza tal-likwidità li taffettwa lil impriżi speċifiċi fi stadju speċifiku tal-iżvilupp, żona ġeografika u, jekk applikabbli, settur ekonomiku.

Issottometti l-**valutazzjoni *ex ante* approfondita** li turi l-falliment speċifiku tas-suq, flimkien ma' din in-notifika.

3.1.1. Informazzjoni dwar il-valutazzjoni *ex ante* (il-paragrafi 65-66 RFG):

Data tal-valutazzjoni *ex ante*:

Il-valutazzjoni saret minn:

☐ entità indipendenti; jew

☐ entità assoċjata mal-awtorità pubblika li ġejja:

……………………………………………………………………………………………………………

Data li fuqha hija bbażata l-valutazzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

Immarka sabiex tikkonferma li l-valutazzjoni *ex ante* hija bbażata fuq dejta li tkopri l-ħames snin ta' qabel in-notifika: ☐

L-iskema ta' finanzjament ta' riskju hija parzjalment iffinanzjata mill-Fondi Ewropej Struttural u ta' Investiment u l-valutazzjoni tħejjiet skont l-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ir-Regolametn dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni ([148]): ☐

3.1.2. Identifikazzjoni fil-valutazzjoni *ex ante* tal-għanijiet speċifiċi tal-politika u l-indikaturi tal-prestazzjoni għall-iskema ta' finanzjament ta' riskju (il-paragrafi 58-59 RFG):

Elenka l-għanijiet identifikati speċifiċi tal-politika u agħmel referenza għat-taqsima rilevanti fil-valutazzjoni *ex ante*:

…

…

Elenka l-indikaturi tal-prestazzjoni definiti (ara l-eżempji fil-paragrafu 58 RFG) u agħmel referenza għat-taqsima rilevanti fil-valutazzjoni *ex ante*:

…

…

3.1.3. Evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni fil-valutazzjoni *ex ante* għall-ħtieġa ta' intervent mill-Istat (it-taqsima 3.3 RFG): ara t-taqsimiet 2.3, 2.4 u 2.5 ta' din il-formola.

3.2. Adegwatezza u effett ta' inċentiv tal-iskema ta' finanzjament ta' riskju (it-taqsimiet 3.4 u 3.5 RFG)

3.2.1. Ġenerali:

A) B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, spjega għaliex l-azzjonijiet politiċi eżistenti u previsti tal-Unjoni u dawk nazzjonali li jimmiraw lejn l-istess fallimenti identifikati tas-suq ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat il-fallimenti identifikati tas-suq (il-paragrafi 90-91 RFG):

…

…

B) Spjega għaliex l-istrument propost ta' għajnuna mill-Istat huwa dak imfassal l-aħjar sabiex tiġi żgurata struttura ta' finanzjament effiċjenti (il-paragrafi 92-93 RFG):

…

…

3.2.2. Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għall-istrumenti finanzjarji (it-taqsima 3.4.2 RFG)

1. Proporzjonijiet minimi ta' investiment privat (il-paragrafi 95-97 RFG):

— X'inhi r-rata aggregata minima tal-parteċipazzjoni tal-investiment privat (jiġifieri t-total, inklużi l-livelli kollha) fl-investiment ta' finanzjament ta' riskju fil-benefiċjarju finali?: … % tal-finanzjament (pubbliku u privat) ta' riskju pprovdut lill-benefiċjarju finali.

— Fil-każ ta' parteċipazzjoni ta' investituri privati indipendenti inqas mill-proporzjonijiet meħtieġa fil-GBER, ġib prova ekonomika u pprovdi ġustifikazzjoni dettaljata għal dak il-proprozjon (skont il-paragrafu 95 RFG), b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*:

…

…

([148]) Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

— Il-valutazzjoni *ex ante* turi li l-iskema tingranaġġa finanzjament privat addizzjonali li kieku ma kienx ikun ipprovdut, jew kien ikun f'forom differenti jew ammonti b'kundizzjonijiet differenti? Spjega:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Il-parteċipazzjoni privata fl-iskema ta' finanzjament ta' riskju ta' għamla mhux indipendenti hija aċċettabbli (il-paragrafu 96 RFG)?

☐ Iva. Jekk iva, ipprovdi evidenza ekonomika u ġustifikazzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

☐ Le

— Fil-każ ta' impriżi li jirċievu l-investiment ta' finanzjament ta' riskju inizjali iktar minn seba' snin wara l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħhom, x'restrizzjonijiet adegwati fiha l-iskema? ……………………… Il-proporzjon tal-parteċipazzjoni privata jilħaq mil-inqas 60 %

☐ Iva

☐ Le (il-paragrafu 97 RFG)

2. Bilanċ tar-riskji u l-gwadanji bejn l-investituri pubbliċi u privati (il-paragrafi 98 sa 100 RFG):

Spjega għaliex l-allokazzjoni tar-riskji u l-benefiċċji bejn l-investituri pubbliċi u privati kif deskritti hawn fuq fit-taqsimiet dwar l-istrumenti finanzjarji rilevanti tista' titqies ibbilanċjata (il-paragrafu 98 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3. L-għamla tal-inċentivi li jridu jiġu stabbiliti permezz tal-għażla tal-intermedjarji finanzjarji, kif ukoll maniġers tal-fondi jew investituri (il-paragrafi 101-102 RFG)

Ikkonferma billi tagħżel kif xieraq:

A) Għażla tal-intermedjarji finanzjarji li jimplimentaw l-iskema:

(a) ☐ L-intermedjarji finanzjarji jingħażlu permezz ta' proċess mhux diskriminatorju u miftuħ, li bih tiġi stabbilita l-għamla eżatta tal-inċentivi.

— Jekk le, spjega r-raġuni (li tispjega l-għażla tal-investituri): ………………………………………

— Iddeskrivi l-proċess kompetittiv u ddeskrivi kif il-proċess tal-għażla jirrispetta r-rekwiżiti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika li fiha r-rekwiżiti fl-RFG li l-proċess tal-għażla għandu jkun miftuħ u mhux diskriminatorju:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Elenka l-kriterji tal-għażla għall-intermedjarji finanzjarji, kif elenkati fis-sejħa għall-wiri ta' interess:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

— Ma' din in-notifika, ipprovdi wkoll il-grilja ta' evalwazzjoni użata għat-tgħarbil tal-intermedjarji finanzjarji matul il-proċess tal-għażla.

Iddeskrivi l-proċess ta' diliġenza dovuta fuq l-intermedjarji finanzjarji magħżulin:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

— Iddeskrivi kif inhi żgurata l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' ġestjoni kummerċjali u teħid ta' deċiżjonijiet orjentati lejn il-profitt stabbiliti fil-GBER (l-Artikolu 21(14) u (15)) (il-paragrafu 160 RFG):

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

— Ipprovdi evidenza, u referenza għall-bażi ġuridika:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

(b) ☐ Bħala parti mill-proċess tal-għażla, l-intermedjarji finanzjarji jridu juru kif l-istrateġija ta' investiment li ppproponew tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-politika (fuq il-bażi tal-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati fil-valutazzjoni *ex ante*)

— Għal kull wieħed mill-intermedjarji finanzjarji magħżulin, issottometti, ma' din in-notifika, id-dokumenti mill-intermedjarju finanzjarju li jispjegaw l-istrateġija ta' investiment tiegħu, inkluża l-politika dwar l-ipprezzar, u kif tikkontribwixxi għal kull għan u objettiv tal-politika.

— Ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-mekkaniżmu previst fl-iskema ta' finanzjament ta' riskju, li biha l-Istat Membru se jiżgura li l-istrateġija ta' investiment tal-intermedjarji dejjem tibqa' allinjata mal-objettivi tal-politika li dwarhom intlaħaq qbil (pereżempju permezz ta' monitoraġġ, rapportar, parteċipazzjoni fil-korpi ta' rappreżentazzjoni), u li l-bidliet materjali fl-istrateġija ta' investiment jeħtieġu li l-ewwel l-Istat Membru jagħti l-kunsens.

— Ipprovdi wkoll ir-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika:

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

(c) ☐ Kull wieħed mill-intermedjarji finanzjarji magħżulin intgħażel fi proċess kompetittiv filwaqt li ngħatat kunsiderazzjoni lill-politika tal-ipprezzar tiegħu fir-rigward tal-istrumenti skjerati fl-iskema ta' finanzjament ta' riskju (inkluża l-ispiża ta' finanzjament, il-primjums tar-riskju ta' kreditu, it-tariffi amministrattivi u t-tariffi kollha l-oħrajn). Ipprovdi evidenza għal dak l-għan għal kull wieħed mill-intermedjarji finanzjarji.

(d) ☐ Il-maniġer tal-intermedjarju finanzjarju jew il-kumpanija maniġerjali ('il-maniġer') jingħażel permezz ta' proċedura tal-għażla trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva jew ir-remunerazzjoni tal-maniġer tirrifletti bis-sħiħ il-livelli tas-suq.

— Jekk le, spjega r-raġuni (inkluża spjegazzjoni dwar l-għażla tal-investituri):

.....................................................................................................................................

.....................................................................................................................................

Iddeskrivi l-proċess kompetittiv u ddeskrivi kif il-proċess tal-għażla jirrispetta r-rekwiżiti ta' dan il-punt: ....................................................................................................................

— Ipprovdi r-referenza għad-dispożizzjoni rilevanti tal-bażi ġuridika li fiha dawk ir-rekwiżiti:

....................................................................................................................

....................................................................................................................

(e) ☐ Il-maniġers tal-fond ta' fondi huma meħtieġa jieħdu impenn legali bħala parti mill-mandat tal-investiment tagħhom, li jistabbilixxu bi proċess kompetittiv l-kundizzjonijiet preferenzjali li jistgħu japplikaw fil-livell tas-subfondi (il-paragrafu 101 RFG).

B) Għażla tal-investituri privati

☐ L-investituri privati jingħażlu permezz ta' proċess miftuħ u mhux diskriminatorju li bih tiġi stabbilita l-għamla preċiża tal-inċentivi (il-paragrafu 101 RFG). Iddeskrivi l-modalitajiet ta' kif jingħażlu u jiġu identifikati l-investituri privati:

....................................................................................................................

....................................................................................................................

4. Intermedjarju finanzjarju jew maniġer tal-fond li jikkoinvesti u li jieħu mil-inqas 10 % tal-'first loss piece' (il-paragrafu 103 RFG)

— Meta l-intermedjarju finanzjarju jew il-maniġer tal-fond jikkoinvesti mal-Istat Membru, kull kunflitt ta' interess għandu jiġi evitat u mil-inqas irid jieħu 10 % tal-'first loss piece' (il-paragrafu 103 RFG). Ikkonferma li dan huwa l-każ (jekk applikabbli):

....................................................................................................................

....................................................................................................................

5. Mekkaniżmu 'pass-on' fil-każ ta' strumenti ta' dejn (self jew garanziji)(il-paragrafu 104 RFG):

(a) ☐ L-iskema ta' finanzjament ta' riskju tipprovdi għal mekkaniżmu 'pass-on' (kif deskritt fit-Taqsima 2.9.1.1.A.) li jiżgura li l-intermedjarju finanzjarju jgħaddi l-vantaġġ li jirċievi mingħand l-Istat, lill-impriżi benefiċjarji aħħarija. Indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika:

....................................................................................................................

....................................................................................................................

(b) ☐ Il-mekkaniżmu 'pass-on' jinkludi arranġamenti ta' monitoraġġ u mekkaniżmu ta' rkupru. Iddeskrivi u indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika:

....................................................................................................................

....................................................................................................................

3.2.3. Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għall-istrumenti fiskali (it-taqsima 3.4.3 RFG)

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se tiġi kkunsidrata l-informazzjoni li pprovdejt fit-Taqsima 2.9.2.

Indika kull informazzjoni oħra li tqis li hija rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-adegwatezza:

....................................................................................................................

....................................................................................................................

3.2.4. Kundizzjonijiet tal-adegwatezza għal miżuri li jsostnu lil pjattaformi ta' negozjar alternattivi (it-taqsima 3.4.4 RFG):

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se tiġi kkunsidrata l-informazzjoni li pprovdejt fit-Taqsima 2.9.3.

Indika kull informazzjoni oħra li tqis li hija rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-adegwatezza:

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

3.3. Proporzjonalità tal-għajnuna (it-taqsima 3.6 RFG)

3.3.1. Proporzjonalità b'rabta mal-falliment identifikat tas-suq:

— Iddeskrivi u kkwantifika s-sorsi ta' finanzjament disponibbli għall-impriżi fil-mira, kif analizzati fil-valutazzjoni *ex ante* (cfr. il-paragrafu 65 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— B'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-għamla u d-daqs tad-diskrepanza tal-likwidità li taffaċċa kull kategorija ta' impriżi destinatarja kif muri mill-valutazzjoni *ex ante* (jiġifieri l-livell ta' domanda għal finanzjament mingħand l-impriżi destinatarji li mhijiex issodisfata mis-sorsi ta' finanzjament deskritti fil-punt 3.3.1; speċifika kif inhi kkalkolata d-diskrepanza tal-finanzjament)

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Iddeskrivi kif l-ammont totali ta' finanzjament konġunt (pubbliku u privat) ipprovdut bil-miżura ta' finanzjament huwa limitat għad-daqs tad-diskrepanza tal-likwidità (il-paragrafu 134 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— Spjega, b'referenza għall-valutazzjoni *ex ante*, kif it-trattament preferenzjali tal-investituri privati huwa limitat għall-minimu meħtieġ biex jintlaħqu l-proporzjonijiet minimi ta' parteċipazzjoni kapitali privata meħtieġa mill-iskema (il-paragrafu 134 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

— It-tul ta' żmien tad-diskrepanza tal-likwidità affaċċata minn kull kategorija ta' impriża destinatarja kif stmata fil-valutazzjoni *ex ante*:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika: ……………………………………………………………

— Il-valutazzjoni *ex ante* tipprovdi evidenza tal-falliment tas-suq ta' hawn fuq imsemmi fil-punt 3.3.1 fis-settur(i) li ġej(jin): …………………………………………………… u fiż-żona ġeografika li ġejja:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Ipprovdi sommarju tal-evidenza ekonomika: ……………………………………………………………

3.3.2. Kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-istrumenti finanzjarji (it-taqsima 3.6.1 RFG)

1. B'rabta mal-intermedjarji finanzjarji/maniġers tal-fondi:

Il-valur preċiż tal-inċentivi huwa stabbilit fil-proċess tal-għażla tal-intermedjarji finanzjarji jew maniġers tal-fond (il-paragrafu 136 RFG)?

☐ Iva ☐ Le

Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar ir-remunerazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji jew maniġers tal-fond (il-paragrafu 143 RFG):

— Tinkludi t-tariffa annwali tal-maniġment skont l-RFG (il-paragrafu 143 RFG)?

☐ Iva ☐ Le; ipprovdi dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

— Tinkludi inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni, inklużi inċentivi għall-prestazzjoni finanzjarja u inċentivi marbutin mal-politika, skont l-RFG (il-paragrafu 144 RFG)?

☐ Iva ☐ Le; ipprovdi dettalji:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

— Speċifika x'penali huma stabbiliti fil-każ li ma jintlaħqux l-għanijiet politiċi:

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

— Speċifika r-remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni u pprovdi paragun mal-prattika tas-suq (il-paragrafu 145 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

— Speċifika t-tariffi totali tal-maniġment u pprovdi paragun mal-prattika tas-suq (il-paragrafu 146 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………

— L-istruttura tat-tariffi kumplessiva hija evalwata bħala parti mill-punteġġ tal-proċess tal-għażla u r-remunerazzjoni massima stabbilita bħala riżultat ta' din l-għażla (il-paragrafu 147 RFG)?

☐ Iva ☐ Le; għaliex le:

Jekk l-intermedjarju finanzjarju u l-maniġer tiegħu jkunu entitajiet pubbliċi u ma ntgħażlux permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti, mhux diskriminatorja u oġġettiva, immarka biex tikkonferma u pprovdi prova ta' dawn li ġejjin (il-paragrafu 41 RFG):

(a) ☐ It-tariffa tal-maniġment tagħhom għandha limitu massimu, ir-remunerazzjoni ġenerali tagħhom tirrifletti l-kundizzjonijiet normali tas-suq u hija marbuta mal-prestazzjoni:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(b) ☐ L-intermedjarji finanzjarji pubbliċi huma ġestiti b'mod kummerċjali u l-maniġers tagħhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment b'mod orjentat lejn il-profitt u distakkati mill-Istat. Spjega b'mod partikolari l-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tiġi eskluża kull interferenza mill-Istat fil-ġestjoni ta' kuljum tal-fond pubbliku:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

(c) ☐ L-investituri privati jintgħażlu permezz ta' proċess tal-għażla miftuħ, trasparenti, mhux diskriminatorju u oġġettiv, fuq il-bażi ta' kull tranżazzjoni individwali.

Fil-każ ta' ħatra diretta ta' entità inkarigata, x'inhi t-tariffa tal-maniġment annwali tagħha, esklużi inċentivi bbażati fuq il-prestazzjoni?: … % tal-kapital li jrid jiġi kontribwit lill-entità. Qed tinġibed l-attenzjoni tiegħek lejn il-fatt li ma għandhiex tkun iktar minn 3 % (il-paragrafu 148 RFG).

2. B'rabta mal-investituri privati:

Fil-każ ta' koinvestiment minn fond pubbliku b'investituri privati li jieħdu sehem fuq il-bażi ta' kull negozjata individwali, l-investituri privati jintgħażlu permezz ta' proċess kompetittiv separat fir-rigward ta' kull tranżazzjoni, sabiex tiġi stabbilita r-rata tar-redditu ġusta (il-paragrafu 137 RFG)?

☐ Iva. Jekk iva, sostni permezz ta' provi.

☐ Le

Meta l-investituri privati ma jintgħażlux permezz ta' proċess bħal dan, ir-rata ta' redditu ġusta hija stabbilita minn espert indipendenti fuq il-bażi ta' analiżi tal-parametri referenzjarji tas-suq u riskju tas-suq bl-użu ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tal-fluss tal-flus skontat, u bi spjegazzjoni dettaljata tal-kalkolu ta' livell minimu tar-rata ta' redditu minima u marġni xieraq li jirrifletti r-riskji (il-paragrafu 138 RFG), u huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 139 RFG?

☐ Le

☐ Iva. Jekk iva, ipprovdi r-rapport li fih hemm l-evalwazzjoni, identifika l-espert, iddeskrivi r-regoli eżistenti għall-ħatra tiegħu, u pprovdi l-provi rilevanti:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Immarka biex tikkonferma li l-istess espert indipendenti ma jistax jintuża darbtejn fl-istess perjodu ta' tliet snin ☐

Spjega kif ir-redditu aġġustat għar-riskju għall-investituri privati huwa limitat għar-rata ta' redditu ġusta (il-paragrafu 140 RFG):

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Spjega, fuq il-bażi tal-valutazzjoni *ex ante*, il-ġustifikazzjoni ekonomika għall-parametri finanzjarji speċifiċi li huma l-bażi tal-miżura:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

3.3.3. Kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-istrumenti fiskali (it-taqsima 3.6.2 RFG):

Għall-iskopijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se titqies l-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 2.9.2.

Indika kull informazzjoni li tqis rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità: ……………………

3.3.4. Il-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità għall-pjattaformi ta' negozjar alternattivi (it-taqsima 3.6.3 RFG):

Għall-finijiet ta' dawn ir-rekwiżiti, se titqies l-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 2.9.3.

Indika kull informazzjoni li tqis rilevanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-proporzjonalità: ……………………

3.4. Evitar ta' effetti negattivi indebiti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ (it-taqsima 3.7 RFG)

— Ipprovdi, bħala parti mill-valutazzjoni *ex ante*, informazzjoni dwar l-effetti negattivi potenzjali tal-iskema ta' finanzjament ta' riskju. Għandha tinkludi l-effetti negattivi li potenzjalment jista' jkun hemm fit-tliet livelli kollha, jiġifieri fis-suq għall-forniment ta' finanzjament ta' riskju (pereżempju ir-riskju ta' eliminazzjoni ta' investituri privati), fil-livell ta' intermedjarji finanzjarji u l-maniġers tagħhom, u l-livell tal-benefiċjarji finali (inkluż fis-swieq fejn huma attivi l-benefiċjarji).

— L-iskema ta' finanzjament ta' riskju tiżgura li huma biss l-impriżi destinatarji tal-għajnuna mill-Istat għal finanzjament ta' riskju li huma potenzjalment vijabbli?

☐ iva ☐ le

Jekk it-tweġiba għal ta' hawn fuq hija iva, iddesrivi kif dan huwa żgurat u indika d-dispożizzjonijiet rilevanti fil-bażi ġuridika:

……………………………………………………………………………………………………………

— L-iskema ta' finanzjament ta' riskju hija ġeografikament jew reġjonalment limitata?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika: ……………………………………………………………………………………

— Il-bażi legali tal-iskema ta' finanzjament ta' riskju hija limitata (*de jure*) għal setturi speċifiċi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika: ……………………………………………………………………………………

— L-iskema ta' finanzjament ta' riskju hija mmirata lejn ċerti setturi fil-prattika?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, speċifika: ……………………………………………………………………………………

— L-effetti negattivi kif qed jiġu kemm jista' jkun minimizzati?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

4. **Il-kumulazzjoni tal-għajnuna (it-taqsima 3.9 RFG)**

L-għajnuna għal finanzjament ta' riskju tista' tiġi kumulata ma' miżuri ta' għajnuna mill-Istat oħrajn mingħajr spejjeż eliġibbli identifikabbli, jew b'għajnuna *de minimis*, sal-ogħla limitu massimu tal-finanzjament totali rilevanti stabbilit fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija adottat mill-Kummissjoni (il-paragrafu 168 RFG).

— Immarka biex tikkonferma l-konformità ma' din ir-regola: ☐

— Ipprovdi referenza għall-bażi ġuridika:

.......................................................................................................................................

— Spjega b'liema mod tintlaħaq konformità mar-regoli dwar il-kumulazzjoni:

.......................................................................................................................................

5. **Informazzjoni oħra**

Indika hawn kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-miżura/i kkonċernata/i mill-RFG:

.......................................................................................................................................

.......................................................................................................................................

*PARTI III.8*

**Formola ta' Informazzjoni Supplimentari għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni**

*L-Istati Membri jridu jużaw din il-formola għan-notifika ta' pjan ta' evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 ([149]) u fil-każ ta' skema ta' għajnuna notifikata soġġetta għal evalwazzjoni kif previst fil-linji gwida rilevanti tal-Kummissjoni.*

*Irreferi għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni 'Metodoloġija komuni għall-evalwazzjoni tal-għajnuna mill-Istat' ([150]) għal gwida dwar kif jiġi abbozzat pjan ta' evalwazzjoni.*

1. **Identifikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna li trid tiġi evalwata**

(1) Titolu tal-iskema ta' għajnuna:

.......................................................................................................................................

(2) Il-pjan ta' evalwazzjoni jikkonċerna:

(a) ☐ skema soġġetta għal evalwazzjoni skont l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014?

(b) ☐ skema notifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) TFUE?

(3) Referenza tal-iskema (trid timtela mill-Kummissjoni):

.......................................................................................................................................

([149]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).
([150]) SWD(2014) 179 finali tat-28.5.2014.

(4) Elenka l-evalwazzjonijiet *ex ante* jew il-valutazzjonijiet ta' impatt eżistenti kollha fir-rigward tal-iskema ta' għajnuna u l-evalwazzjonijiet *ex post* jew l-istudji li saru fl-imgħoddi fuq predeċessuri tal-iskema ta' għajnuna jew fuq skemi simili. Għal kull wieħed minn dawk l-istudji, jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni li ġejja: (a) ipprovdi deskrizzjoni fil-qosor tal-għanijiet, il-metodoloġiji użati, ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-istdju, u (b) sfidi speċifiċi li l-evalwazzjonijiet u l-istudji setgħu ffaċċjaw minn perspettiva metodoloġika, pereżempju d-disponibbiltà ta' dejta li hija rilevanti għall-valutazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni attwali. Jekk xieraq, identifika ż-żoni jew suġġetti mhux koperti mill-pjanijiet ta' evalwazzjoni preċedenti li għandhom ikunu s-suġġett tal-evalwazzjoni attwali. Ipprovdi s-sommarji ta' dawk l-evalwazzjonijiet u studji fl-anness u, fejn disponibbli, il-links tal-Internet għad-dokumenti kkonċernati.

……………………………………………………………………………………………………………

## 2. L-għanijiet tal-iskema ta' għajnuna li trid tiġi evalwata ([151])

2.1. Ipprovdi deskrizzjoni tal-iskema ta' għajnuna li tispeċifika l-ħtiġijiet u l-problemi li l-iskema biħsiebha tindirizza u l-kategoriji ta' benefiċjarji destinatarji tal-iskema, pereżempju daqs, setturi, post, għadd indikattiv.

……………………………………………………………………………………………………………

2.2. Indika l-għanijiet tal-iskema u l-impatt mistenni, kemm fil-livell tal-benefiċjarji intenzjonati kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-għan tal-interess komuni.

……………………………………………………………………………………………………………

2.3. Indika l-effetti negattivi li possibilment jista' jkun hemm, fuq il-benefiċjarji tal-għajnuna jew fuq l-ekonomija ġenerali, li jistgħu jkunu assoċjati b'mod dirett jew indirett mal-iskema ta' għajnuna ([152]).

……………………………………………………………………………………………………………

2.4. Indika (a) l-baġit annwali ppjanat skont l-iskema, (b) it-tul ta' żmien maħsub tal-iskema ([153]), (c) l-istrument jew strumenti ta' għajnuna u (d) l-ispejjeż eliġibbli.

……………………………………………………………………………………………………………

2.5. Ipprovdi sommarju tal-kriterji tal-eliġibbiltà u l-metodi għall-għażla tal-benefiċjarji tal-għajnuna. B'mod partikolari, iddeskrivi dan li ġej: (a) il-metodi tal-għażla tal-benefiċjarji (pereżempju l-mod kif jiġi allokat il-punteġġ), (b) il-baġit indikattiv disponibbli għal kull grupp ta' benefiċjarji, (c) il-probabbiltà li l-baġit jintuża kollu għal ċerti gruppi ta' benefiċjarji, (d) ir-regoli dwar il-punteġġ, jekk dawn jintużaw fl-iskema, (e) il-limiti tal-intensità tal-għajnuna u (f) il-kriterji li jitqiesu mill-awtorità li tagħti l-għajnuna meta tivvaluta l-applikazzjonijiet.

……………………………………………………………………………………………………………

2.6. Semmi r-restrizzjonijiet jew ir-riskji speċifiċi li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni tal-iskema, l-impatti mistennija tagħha u l-ilħuq tal-għanijiet tagħha.

……………………………………………………………………………………………………………

## 3. Mistoqsijiet tal-evalwazzjoni

3.1. Indika l-mistoqsijiet speċifiċi li l-evalwazzjoni għandha tindirizza billi tipprovdi evidenza kwantitattiva tal-impatt tal-għajnuna. Iddistingwi bejn (a) mistoqsijiet dwar l-impatt dirett ta' din l-għajnuna fuq il-benefiċjarji, (b) mistoqsijiet relatati ma' impatti indiretti u (c) mistoqsijiet relatati mal-proporzjonalità u l-adegwatezza tal-għajnuna. Spjega kif il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni huma marbutin mal-għanijiet tal-iskema.

……………………………………………………………………………………………………………

([151]) Minbarra deskrizzjoni ġenerali tal-għanijiet u r-regoli tal-eliġibbiltà tal-iskema, l-iskop ta' din it-taqsima huwa li tivvaluta kif jistgħu jintużaw ir-regoli tal-eliġibbiltà u l-esklużjoni tal-iskema sabiex jiġi identifikat l-effett tal-għajnuna. F'ċerti każijiet, ir-regoli eżatti tal-eliġibbiltà jaf ma jkunux magħrufin minn qabel. F'dawn il-każijiet, għandhom jiġu pprovduti l-aħjar aspettattivi disponibbli.

([152]) Eżempji ta' effetti negattivi huma l-preġudizzji reġjonali u settorjali jew l-eliminazzjoni ta' investimenti privati indotta mill-iskema ta' għajnuna.

([153]) Skemi ta' għajnuna definiti fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament sitt xhur wara li jidħlu fis-seħħ. Wara li tkun ivvalutat il-pjan ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-applikazzjoni tar-Regolament għal dawn l-iskemi għal perjodu itwal. L-Istati Membri huma mistiedna jindikaw b'mod preċiż it-tul ta' żmien maħsuba tal-iskema.

4. **Indikaturi tar-riżultat**

4.1. Uża t-tabella li ġejja biex tiddeskrivi liema indikaturi se jinbnew biex jitkejlu r-riżultati tal-iskema, kif ukoll il-fatturi ta' kontroll rilevanti, inklużi s-sorsi ta' dejta, u kif kull indikatur tar-riżultat jikkorrispondi għal mistoqsijiet dwar l-evalwazzjoni. B'mod partikolari, jekk jogħġbok semmi (a) il-mistoqsija rilevanti tal-evalwazzjoni, (b) l-indikatur, (c) is-sors tad-dejta, (d) il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta (pereżempju, annwali, kull xahar, eċċ.), (e) il-livell li fih tinġabar id-dejta (pereżempju, il-livell tad-ditta, tal-stabbiliment, reġjonali, eċċ.), (f) il-popolazzjoni koperta fis-sors tad-dejta (pereżempju, il-benefiċjarji tal-għajnuna, dawk li mhumiex benefiċjarji, l-intrapriżi kollha, eċċ.).

| Mistoqsija tal-evalwazzjoni | Indikatur | Sors | Frekwenza | Livell | Popolazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Spjega għaliex l-indikaturi magħżulin huma l-iktar rilevanti sabiex jitkejjel l-impatt mistenni tal-iskema.

……………………………………………………………………………………………………………………………

5. **Metodi previsti sabiex issir l-evalwazzjoni**

5.1. Fid-dawl tal-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni, jekk jogħġbok iddeskrivi l-metodi previsti li għandhom jintużaw fl-evalwazzjoni sabiex jiġi identifikat l-impatt kawżali tal-għajnuna fuq il-benefiċjarji u biex jiġu vvalutati impatti indiretti oħra. B'mod partikolari, spjega r-raġunijiet għall-għażla ta' dawk il-metodi u għar-rifjut ta' metodi oħra (pereżempju, raġunijiet relatati mat-tfassil tal-iskema) ([154]).

……………………………………………………………………………………………………………………………

5.2. Iddeskrivi preċiżament l-istrateġija tal-identifikazzjoni għall-evalwazzjoni tal-impatt kawżali tal-għajnuna u s-suppożizzjonijiet li fuqhom tiddependi l-istrateġija. Iddeskrivi f'ċertu dettall il-kompożizzjoni u l-importanza tal-grupp ta' kontroll.

……………………………………………………………………………………………………………………………

5.3. Spjega kif il-metodi previsti jindirizzaw il- potenzjal li jkun hemm preġudizzji waqt l-għażla. Jista' jingħad b'biżżejjed ċertezza li d-differenzi fl-eżiti osservati fl-eżiti fir-rigward tal-benefiċjarji tal-għajnuna huma proprju minħabba l-għajnuna?

……………………………………………………………………………………………………………………………

5.4. Jekk rilevanti, spjega kif il-metodi previsti bihsiebhom jindirizzaw sfidi speċifiċi marbutin ma' skemi kumplessi, pereżempju skemi li huma implimentati b'mod differenzjat f'livell reġjonali u skemi li jużaw bosta strumenti ta' għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………………………

6. **Ġbir tad-dejta**

6.1. Ipprovdi informazzjoni dwar il-mekkaniżmi u s-sorsi għall-ġbir u l-ipproċessar ta' dejta dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna u dwar il-kontrafattwali previsti ([155]). Ipprovdi deskrizzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha li hija marbuta mal-fażi tal-għażla: dejta miġbura fuq applikanti għall-għajnuna, dejta ppreżentata mill-applikanti, eżiti tal-għażla. Spjega wkoll kull kwistjoni li potenzjalment jista jkun hemm fir-rigward tad-disponibbiltà tad-dejta.

……………………………………………………………………………………………………………………………

([154]) Agħmel referenza għal SWD(2014)179 final tat-28.5.2014.

([155]) Kun af li l-evalwazzjoni tista' teħtieġ il-kisba kemm ta' dejta storika kif ukoll ta' dejta li se tkun disponibbli b'mod progressiv matul l-iskjerament tal-iskema ta' għajnuna. Identifika s-sorsi għaż-żewġ tipi ta' informazzjoni. Preferibilment għandek tiġbor iż-żewġ tipi ta' dejta mill-istess sors sabiex tiġi ggarantita konsistenza maż-żmien.

6.2. Ipprovdi informazzjoni dwar il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta rilevanti għall-evalwazzjoni. Hemm osservazzjonijiet disponibbli fuq livell disaggregat biżżejjed jiġifieri fil-livell tal-impriżi individwali?

……………………………………………………………………………………………………………………………

6.3. Indika jekk l-aċċess għad-dejta meħtieġa sabiex issir l-evalwazzjoni jistax ikun imxekkel minn liġijiet u regolamenti li jirregolaw il-kunfidenzjalità tad-dejta u kif jiġu indirizzati dawk il-kwistjonijiet. Semmi sfidi oħrajn possibbli marbutin mal-ġbir tad-dejta u kif jistgħu jingħelbu.

……………………………………………………………………………………………………………………………

6.4. Indika jekk huwiex previst li jsir stħarriġ dwar il-benefiċjarji tal-għajnuna jew ta' impriżi oħrajn u jekk hemmx il-ħsieb li jintużaw sorsi komplimentari ta' informazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

7. **Perjodu ta' żmien propost għall-evalwazzjoni**

7.1. Indika l-perjodu ta' żmien propost għall-evalwazzjoni, inklużi dati importanti għall-ġbir tad-dejta, ir-rapporti interim u l-involviment tal-partijiet interessati. Jekk rilevanti, ipprovdi anness li jispjega fid-dettall il-perjodu ta' żmien propost.

……………………………………………………………………………………………………………………………

7.2. Indika d-data sa meta se jintbagħat ir-rapport tal-evalwazzjoni finali lill-Kummissjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

7.3. Semmi l-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-perjodu ta' żmien previst.

……………………………………………………………………………………………………………………………

8. **Il-korp li jagħmel l-evalwazzjoni**

8.1. Ipprovdi informazzjoni speċifika dwar il-korp li jagħmel l-evalwazzjoni jew, jekk ma jkunx għadu ntgħażel, dwar il-perjodu ta' żmien, il-proċedura u l-kriterji għall-għażla tiegħu.

……………………………………………………………………………………………………………………………

8.2. Ipprovdi informazzjoni dwar l-indipendenza tal-korp li jagħmel l-evalwazzjoni u dwar kif se jiġu esklużi l-possibilitajiet ta' kunflitti ta' interess fil-proċess tal-għażla.

……………………………………………………………………………………………………………………………

8.3. Indika l-esperjenza u l-ħiliet rilevanti tal-korp li jagħmel l-evalwazzjoni jew kif dawk l-esperjenzi u l-ħiliet se jiġu żgurati fil-proċess tal-għażla.

……………………………………………………………………………………………………………………………

8.4. Indika x'arranġamenti se tagħmel l-awtorità li tagħti l-għajnuna biex timmaniġġa u tissorvelja t-twettiq tal-evalwazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

8.5. Ipprovdi informazzjoni, anki jekk ta' għamla indikattiva biss, fuq ir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa li se jkunu disponsibbli għat-twettiq tal-evalwazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

9. **Reklamar tal-evalwazzjoni**

9.1. Ipprovdi informazzjoni dwar il-mod li permezz tiegħu l-evalwazzjoni se ssir disponibbli għall-pubbliku, jiġifieri bil-pubblikazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni u r-rapport tal-evalwazzjoni finali fuq paġna tal-Internet.

……………………………………………………………………………………………………………………………

9.2. Indika kif se jiġi żgurat li jkunu involuti l-partijiet interessati. Indika jekk hijiex prevista l-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet pubbliċi jew avvenimenti marbutin mal-evalwazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

9.3. Speċifika kif inhu maħsub li l-awtorità li tagħti l-għajnuna jew korpi oħrajn biħsiebhom jużaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni, pereżempju għat-tfassil tas-suċċessuri tal-iskema jew għal skemi simili.

……………………………………………………………………………………………………………………………

9.4. Indika jekk u skont liema kundizzjonijiet id-dejta miġuba bi skop tal-evalwazzjoni jew użata għaliha se tkun aċċessibbli għal aktar studji u analiżi.

……………………………………………………………………………………………………………………………

9.5. Indika jekk il-pjan ta' evalwazzjoni fihx informazzjoni kunfidenzjali li l-Kummissjoni ma għandhiex tiżvela.

……………………………………………………………………………………………………………………………

10. **Informazzjoni oħra**

10.1. Indika hawn kull informazzjoni oħra li tqis rilevanti għall-valutazzjoni tal-pjan ta' evalwazzjoni.

……………………………………………………………………………………………………………………………

10.2. Elenka d-dokumenti kollha mehmużin man-notifika u pprovdi kopji fuq karti jew links tal-Internet diretti għad-dokumenti kkonċernati.

……………………………………………………………………………………………………………………………"

(3) Il-Parti III.13 hija ssostitwita b'dan li ġej:

*"PARTI III.13.A*

**Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għall-investiment għall-ajruporti**

*Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela flimkien mal-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali' sabiex tiġi notifikata kull għajnuna għall-investiment koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru* ([1]).

1. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-benefiċjarju, il-proġett tal-investiment u l-għajnuna**

1.1. Benefiċjarju

1.1.1. L-għajnuna tingħata direttament lil sid l-ajruport?

☐ iva ☐ le

1.1.2. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'Le': iddeskrivi, jekk applikabbli, (i) l-entità(jiet) legali li tirċievi l-għajnuna, u (ii) l-entità(jiet) li titrasferixxi l-għajnuna lil entità intermedjarja jew lill-ajruport li jwettaq il-proġett ta' investiment.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.3. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'le', spjega kif l-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw li ma hemm l-ebda vantaġġ mogħti fil-livelli intermedjarji.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.4. Fil-każ ta' għajnuna individwali, iddeskrivi r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u (i) l-impriżi li magħhom jifforma parti minn grupp ta' impriżi; (ii) is-sussidjarji tiegħu; (iii) kull intrapriża assoċjata oħra, inklużi intrapriżi konġunti.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu li bih l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji elenkati hawn fuq.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.5. Speċifika jekk il-benefiċjarju huwiex se jkun qiegħed iħaddem l-infrastruttura wkoll.

☐ iva ☐ le

1.1.6. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija ta' hawn fuq hija 'le', iddeskrivi (i) il-proċedura li biha se jingħażel l-operatur tal-infrastruttura/intgħażel rispettivament, u (ii) il-kriterji tal-għażla.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.7. Fejn l-ajruport(i) jintuża(w) mill-forzi armati nazzjonali, il-korp tal-pulizija, servizzi ta' salvataġġ tal-ajru mhux ekonomiċi, jew kull servizz ieħor tal-ajru ta' għamla mhux ekonomika, speċifika (a) l-għamla tas-servizz(i) u(b) ir-rata ta' użu tal-kapaċità tal-ajruport (pereżempju użu tar-runway u faċilitajiet oħrajn tal-ajruport, mogħti bħala perċentwal ta' movimenti annwali tal-inġenji tal-ajru).

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([1]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

1.1.8. Ipprovdi d-dejta li ġejja dwar it-traffiku tal-passiġġieri tal-ajruport(i) li jirċievi l-għajnuna:

(a) Ajruporti b'esperjenza ta' iktar minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: Traffiku medju tal-passiġġieri annwali matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha hija notifikata l-għajnuna jew li fiha ngħatat.

(b) Ajruporti b'esperjenza ta' inqas minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: It-traffiku annwali medju previst tal-passiġġieri matul is-sentejn finanzjarji minn meta jkun beda t-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri kummerċjali.

(c) Għall-ajruporti kollha, it-traffiku tal-passiġġieri annwali medju previst matul il-ħajja ekonomika prevista tal-infrastruttura sussidjata.

Ipprovdi d-dejta għal kull ajruport fil-forma ta' tabella, strutturata kif muri fit-tabella ta' hawn taħt;

| Sena | Għadd totali ta' passiġġieri |
|---|---|
| | |
| | |

L-għadd tal-passiġġieri jrid jingħadd 'f'direzzjoni waħda' u għal kull rotta individwali; pereżempju passiġġier li jtir lejn l-ajruport u lura jgħodd darbtejn. Jekk l-ajruport huwa parti minn grupp ta' ajruporti, id-dejta dwar it-traffiku tal-passiġġieri trid tkun stabbilita fuq il-bażi ta' kull ajruport individwali.

1.2. Il-proġett ta' investiment

1.2.1. Iddeskrivi l-proġett ta' investiment u l-istimi sottostanti kollha, u pprovdi l-pjan direzzjonali tan-negozju *ex ante* (fil-forma ta' tabella excel) li fuqu huwa msejjes il-proġett. Il-pjan direzzjonali tan-negozju għandu jkopri t-tul tal-ħajja ekonomika tal-investiment. L-istimi kollha għandhom ikunu bbażati fuq previżjonijiet solidi tad-domanda. Spjega jekk, u kemm tqiesu dawk l-istimi fil-pjan direzzjonali tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju..

…………………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………………

1.2.2. Ipprovdi l-informazzjoni li ġejja dwar il-proġett ta' investiment:

| | |
|---|---|
| Data tal-applikazzjoni għall-għajnuna: | |
| Data tal-bidu tax-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment: | |
| Data ppjanata ta' tmiem ix-xogħlijiet fuq il-proġett ta' investiment: | |
| Data ppjanata tal-bidu tat-tħaddim tal-investiment: | |
| Data ppjanata li fiha se tintlaħaq il-kapaċità sħiħa: | |

1.2.3. Ipprovdi f'tabella waħda analiżi dettaljata tax-xogħlijiet kollha li se jsiru, is-sors ta' finanzjament tagħhom, kemm hu previst li jdumu, l-elementi tal-ispejjeż tagħhom u d-data ppjanata biex jibdew joperaw.

Għal kull spiża indika jekk u għaliex għandha titqies bħala spiża ta' investiment (i) direttament marbuta mal-infrastruttura ta' għamla mhux ekonomika fil-mandat tal-politika pubblika (pereżempju għas-sikurezza, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru u kull attività oħra li għaliha Stat Membru huwa responsabbli bħala parti mis-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika), jew (ii) marbuta mal-infrastruttura ajrunawtika tal-ajruport ta' għamla ekonomika (pereżempju runway, infrastruttura tal-groundhandling), jew (iii) marbuta mal-infrastruttura mhux ajrunawtika ta' għamla ekonomika (pereżempju parkeġġ, lukandi).

| Tip ta' xogħlijiet | Finanzjament | Struttura tal-ispejjeż | Żmien |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |

1.2.4. Agħti ħarsa ġenerali lejn (i) l-ispejjeż eliġibbli totali ta' investiment ([2]) ta' natura ekonomika, u (ii) l-ispejjeż eliġibbli totali ta' natura mhux ekonomika. L-ispejjeż iridu jiġu skontati għall-valur kurrenti tagħhom; ir-rata ta' skont trid tkun indikata.

F'dik il-ħarsa ġenerali indika liema parti mill-għajnuna notifikata se ssostni investimenti li jagħmlu parti mill-kategorija (i) u liema se ssostni investiment li jagħmlu parti mill-kategorija (ii).

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.2.5. Jekk l-ispejjeż ta' investiment relatati ma' attivitajiet mhux ajrunawtiċi ta' natura ekonomika wkoll se jiġu ffinanzjati permezz ta' għajnuna mill-Istat: spjega fuq liema bażi l-awtoritajiet tiegħek jikkunsidraw li dik l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq intern.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.2.6. Ħadt impenn li twettaq Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali ('VIA') għall-investiment? (il-punt 20 tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat lil ajruporti u linji tal-ajru)?

☐ iva ☐ le

Jekk le, spjega għaliex mhijiex meħtieġa VIA għal dan il-proġett:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.3. Attivitajiet ta' natura mhux ekonomika li huma fil-mandat tal-politika pubblika

1.3.1. Ikkonferma jekk l-investiment ikoprix attivitajiet li jaqgħu fir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika (pereżempju kontroll tat-traffiku, pulizija, dwana, tifi tan-nar, attivitajiet meħtieġa biex tiġi salvagwardjata l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' xkiel illegali). Investimenti marbutin mal-infrastruttura u tagħmir meħtieġ biex jitwettqu attivitajiet ta' dak it-tip ġeneralment jitqiesu li huma ta' għamla mhux ekonomika u b'hekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Inkludi investimenti rilevanti fit-tabella mogħtija fit-Taqsima 1.2.3.

☐ Iva ☐ Le

([2]) L-ispejjeż marbutin mal-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruport, inklużi spejjeż tal-ippjanar, infrastruttura tal-groundhandling (bħal ktajjen tal-bagalji, eċċ.) u tagħmir tal-ajruport jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna għall-investiment lill-ajruporti. L-ispejjeż ta' investiment relatati ma' attivitajiet mhux ajrunawtiċi (partikolarment l-ipparkjar, lukandi, ristoranti, u uffiċċji) mhumiex eliġibbli. L-ispejjeż ta' investiment relatati mas-servizzi tal-groundhandling (bħal karozzi tal-linja, veikoli, eċċ.) mhumiex eliġibbli, billi mhumiex parti mill-infrastruttura tal-groundhandling.

1.3.2. Ipprovdi l-istrument nazzjonali, reġjonali jew legali ieħor li jikkonċerna l-kunċett ta' attivitajiet li jaqgħu fil-mandat tal-politika pubblika, u l-finanzjament tagħhom. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe strument legali bħal dan, iċċara kif dawk l-attivitajiet ġeneralment jiġu ffinanzjati mill-awtoritajiet rilevanti.

……

……

1.3.3. Ipprovdi evidenza li turi li l-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ma jwassalx għal diskriminazzjoni żejda bejn l-ajruporti. Diskriminazzjoni tirriżulta f'sitwazzjonijiet li fihom, skont l-ordinament ġuridiku rilevanti, l-ajruporti ċivili normalment ikollhom iġarrbu ċerti spejjeż inerenti għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tagħhom, filwaqt li ċerti ajruporit ċivili ma jkollhomx ikopru dawk l-ispejjeż. Speċifika l-materjal u l-applikabbiltà territorjali tar-regoli nazzjonali applikabbli għall-finanzjament ta' attivitajiet mhux ekonomiċi tal-ajruporti u, jekk applikabli, il-livell ta' kompetenzi reġjonali f'dik il-kwistjoni.

……

……

1.3.4. Filwaqt li ssostni l-argument bl-evidenza rilevanti, ikkonferma li l-kumpens tal-ispejjeż imġarrbin b'rabta mal-attivitajiet mhux ekonomiċi se jkun strettament limitat għal dawk l-ispejjeż, u li kull sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi permezz ta' kumpens bħal dak huwa eskluż b'mod effettiv.

……

……

1.3.5. Ikkonferma li l-ajruport se jkollu sistema ta' kontabilità separata għall-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi.

……

……

## 2. Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura

2.1. Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew

2.1.1. L-għajnuna għall-investiment:

(a) ☐ Iżżid il-mobilità taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet fl-Unjoni?

……

……

(b) ☐ Ittaffi l-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ċentrali ewlenin tal-Unjoni?

……

……

(c) ☐ Tħaffef l-iżvilupp reġjonali?

……

……

Speċifika kif l-għajnuna għall-investiment tikkontribwixxi għal kull wieħed mill-għanijiet magħżulin.

2.1.2. L-investiment huwa mmirat sabiex joħloq kapaċità tal-ajruport ġdida?

☐ iva ☐ le

2.1.3. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija fil-punt 2.1.2 hija 'iva', uri fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali *ex ante* tan-negozju msemmi fit-Taqsima 1.2 — 'Il-proġett ta' investiment' li l-infrastruttura l-ġdida, fuq tul ta' żmien medju, se tissodisfa d-domanda prevista tal-linji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-kumpanijiet li jġorru l-merkanzija fiż-żona ta' lħuq tal-ajruport.

2.1.4. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: l-ajruport benefiċjarju jinsab fl-istess żona ta' lħuq ([3]) bħal ajruport ieħor li *mhuwiex* qed jopera f'kapaċità sħiħa jew kważi?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi l-informazzjoni li ġejja: a) daqs u forma taż-żona ta' lħuq; b) id-distanza tal-ivjaġġar u l-ħin bejn l-ajruport benefiċjarju u l-ajruporti fl-istess żona ta' lħuq; c) it-traffiku ta' passiġġieri ta' ajruporti oħrajn fl-istess żona ta' lħuq tul il-ħames snin ta' qabel is-sena tan-notifika; d) id-domanda totali mistennija u l-kapaċità totali fiż-żona ta' lħuq tal-ajruport megħjun f'mill-inqas l-10 snin li jmiss, skont il-pjan direzzjonali tan-negozju fl-agħar xenarju, fix-xenarju bażi u fl-aħjar xenarju.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.1.5. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: a) indika l-post u ż-żoni ta' lħuq tal-ajruporti eliġibbli fiż-żona ta' applikabbiltà territorjali tal-iskema; b) id-distanza tal-ivjaġġar u l-ħin bejn l-ajruporti eliġibbli u l-ajruporti fl-istess żona ta' lħuq; c) il-metodu u l-kriterji li l-awtoritajiet nazzjonali se jużaw sabiex jiddefinixxu l-qies u l-forma taż-żoni ta' lħuq u l-użu tal-kapaċità tal-ajruporti fl-istess żona ta' lħuq.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.1.6. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: Jekk it-tweġiba għall-punt 2.1.4 hija 'Iva', ipprovdi l-informazzjoni li tidentifika l-effett li l-investiment probabbilment ikollu fuq l-użu tal-infrastruttura eżistenti fl-istess żona ta' lħuq. Dik l-informazzjoni trid turi prospettivi fuq it-terminu medju għall-użu, trid tkun ibbażata fuq previżjonijiet tal-passiġġieri u t-traffiku tal-merkanzija solidi, u trid tkun inkorporata fil-pjan direzzjonali tan-negozju *ex ante* tal-ajruport benefiċjarju.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.1.7. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: Jekk it-tweġiba għall-punt 2.1.4 hija 'Iva', ipprovdi l-projjezzjonijiet tat-traffiku f'termini ta' numri ta' passiġġieri fl-agħar xenarju, fix-xenarju bażi u fl-aħjar xenarju u spjega għaliex, fil-fehma tiegħek, dawk il-projjezzjonijiet jiġġustifikaw l-għajnuna għall-investiment sabiex tinħoloq kapaċità addizzjonali jew sabiex tinżamm il-kapaċità eżistenti.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([3]) 'Żona ta' lħuq ta' ajruport' tfisser periferija tas-suq ġeografiku li normalment tkun stabbilita f'distanza ta' madwar 100 kilometru jew madwar 60 minuta vvjaġġar bil-karozza, karozza tal-linja, ferrovija jew ferrovija b'veloċità għolja; madankollu, iż-żona ta' lħuq ta' ajruport partikolari tista' tvarja u trid tieħu f'kunsiderazzjoni l-partikolaritajiet ta' kull ajruport individwali. Id-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq tvarja minn ajruport għal ieħor, u tiddependi fuq diversi karatteristiċi tal-ajruport, inklużi l-mudell tan-negozju tiegħu, il-post u d-destinazzjonijiet li jaqdi.

2.2. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

2.2.1. Fil-każ ta' għajnuna għall-investiment individwali: spjega, fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali tan-negozju tal-ajruport, sa liema punt il-ħila tal-ajruport li jkopri l-ispejjeż kapitali tiegħu tiddependi mid-daqs tal-ajruport f'termini ta' traffiku tal-passiġġieri annwali.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.2.2. Fil-każ ta' għajnuna għall-investiment individwali: spjega għaliex l-ajruport ma jistax jikseb biżżejjed finanzjament privat.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.2.3. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: Ikkonferma li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivverifika l-ħtieġa ta' intervent mill-Istat f'kull każ individwali fuq il-bażi ta' i) id-daqs tal-ajruport ([4]); ii) il-ħila tal-ajruport li jattira finanzjament privat.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.3. L-adegwatezza tal-miżura

2.3.1. Uri li l-għajnuna inkwistjoni hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan maħsub jew jiġu solvuti l-problemi li hija maħsuba li tindirizza. B'mod partikolari, spjega kif l-awtoritajiet stabbilixxew li ma jistax jinkiseb l-istess objettiv, u li ma tistax tissolva l-istess problema, b'politika jew strumenti ta' għajnuna inqas distorsivi u li l-għajnuna inkwistjoni hija strument tal-politika xieraq. Pereżempju, jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ pekunarju dirett ([5]), uri għaliex forom potenzjalment inqas distorsivi ta' għajnuna bħal self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([6]) mhumiex adegwati:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.4. L-effett ta' inċentiv tal-għajnuna

2.4.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: ikkonferma li x-xogħlijiet fuq l-investiment individwali notifikat beda biss wara li l-applikazzjoni għall-għajnuna ġiet ippreżentata lill-awtorità li tagħti l-għajnuna. Ipprovdi kopja tal-applikazzjoni għall-għajnuna mibgħuta lill-awtorità li tagħti l-għajnuna mill-benefiċjarju u evidenza dokumentata tad-data tal-bidu tax-xogħlijiet.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.4.2. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: ikkonferma li x-xogħlijiet fuq il-proġetti ta' investiment eliġibbli se jibdew biss wara li tiġi sottomessal-applikazzjoni individwali għall-għajnuna lill-awtorità li tagħti l-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([4]) Uża l-kategoriji li ġejjin ta' daqsijiet: ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali li jasal sa 200 000 passiġġier; ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali ta' bejn 200 000 u miljun; ajruporti bi traffiku tal-passiġġieri annwali ta' 1 sa 3 miljuni.

([5]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti oħrajn obbligatorji, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([6]) Pereżempju, self b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqis tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħrajn ta' kapital b'kundizzjonijiet vantaġġużi.

2.4.3. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: iddeskrivi l-livelli ta' attività fil-mira f'xenarju bl-għajnuna u f'xenarju kontrafattwali mingħajr l-għajnuna. Ipprovdi evidenza biex ssostni dak li tgħid, pereżempju dokumentazzjoni interna marbuta ma' attivitajiet alternattivi meqjusin mill-ajruport benefiċjarju fit-teħid ta' deċiżjonijiet interni tiegħu.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2.4.4. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: fil-preżenza ta' xenarju kontrafattwali b'attivitajiet alternattivi, qabbel iż-żewġ xenarji biex tispeċifika l-attività addizzjonali li titwettaq biss bl-għajnuna (analiżi kontrafattwali).

Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: Fin-nuqqas ta' xenarju kontrafattwali b'attivitajiet alternattivi, speċifika d-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali stabbilita fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali *ex ante* tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju. Id-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali hija d-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u negattivi, inklużi l-ispejjeż ta' investiment f'assi kapitali fissi tul il-ħajja tal-investiment f'termini tal-valur preżenti nett.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2.4.5. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: ikkonferma (a) li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tagħti l-għajnuna individwali mill-iskema ta' għajnuna biss wara li tkun ivverifikat li hemm effett ta' inċentiv, billi tqabbel il-livelli ta' attività fil-mira bl-għajnuna u mingħajr l-għajnuna (analiżi kontrafattwali) jew, fin-nuqqas ta' attivitajiet alternattivi mingħajr l-għajnuna, billi tistabbilixxi d-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali *ex ante* tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju ([7]); b) iddeskrivi d-dejta input, il-parametri u s-suppożizzjonijiet sottostanti kollha li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta għall-iskopijiet tal-analiżi tal-effett ta' inċentiv.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2.5. Il-proporzjonalità tal-għajnuna

2.5.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: fil-preżenza ta' xenarju kontrafattwali b'attivitajiet alternattivi, a) ipprovdi fil-forma ta' tabelli tal-excel il-pjanijiet direzzjonali *ex ante* tan-negozju għax-xenarju bl-għajnuna u x-xenarju kontrafattwali mingħajr l-għajnuna; b) fuq dik il-bażi, speċifika l-ispejjeż żejda netti, wara li jitnaqqas id-dħul żejjed, li jirriżultaw mit-twettiq tal-proġett jew attività megħjuna meta mqabbla mal-proġett/attività kontrafattwali; c) spjega d-dejta input, il-parametri u s-suppożizzjonijiet sottostanti kollha.

Il-pjanijiet direzzjonali tan-negozju għandhom ikopru l-perjodu tal-ħajja ekonomika tal-investimenti.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

2.5.2. Fil-każ ta' għajnuna individwali għall-investiment: fin-nuqqas ta' xenarju kontrafattwali b'attivitajiet alternattivi, a) ipprovdi fil-forma ta' tabella tal-excel il-pjan direzzjonali *ex ante* tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju; b) indika fuq dik il-bażi d-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali li hija l-valur preżenti nett tad-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u negattivi, inklużi l-ispejjeż ta' investiment tul il-ħajja ekonomika tal-investiment; c) spjega d-dejta input, il-parametri u s-suppożizzjonijiet sottostanti kollha.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

([7]) Id-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali hija d-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u negattivi, inklużi l-ispejjeż ta' investiment f'assi kapitali fissi tul il-ħajja tal-investiment f'termini tal-valur preżenti nett.

2.5.3. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: ħu impenn li a) tinvestiga f'kull każ ix-xenarju kontrafattwali mingħajr l-għajnuna, fuq il-bażi tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*; b) tistabbilixxi l-ispejjeż żejda, wara li jitnaqqas id-dħul żejjed, li jirriżultaw mit-twettq tal-proġett jew attività megħjuna minflok il-proġett jew attività kontrafattwali f'każijiet li fihom ikun jeżisti xenarju kontrafattwali b'attivitajiet alternattivi; c) tistabbilixxi d-diskrepanza tal-likwidità fl-ispiża kapitali, li hija l-valur preżenti nett tad-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u negattivi, inklużi l-ispejjeż ta' investiment, tul il-ħajja ekonomika tal-investiment, f'każijiet li fihom ma tkun isseħħ l-ebda attività alternattiva.

Iddeskrivi d-dejta input, il-parametri u s-suppożizzjonijiet sottostanti kollha li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta għall-iskopijeit tal-investigazzjonijiet u l-analiżi.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5.4. L-intensità tal-għajnuna:

Indika l-perċentwal massimu tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jiġu koperti mill-għajnuna għall-investiment ('intensità tal-għajnuna'); inkluż kull pagament komplementari mal-intensità tal-għajnuna bażika:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Indika l-perċentwal massimu tal-ispejjeż eliġibbli li jridu jiġu koperti mill-għajnuna għall-investiment ('intensità tal-għajnuna'); inkluż kull pagament komplementari mal-intensità tal-għajnuna bażika:

| Id-daqs ta' ajruport ibbażat fuq il-medja tat-traffiku tal-passiġġieri (passiġġieri fis-sena) | Intensità massima ta' għajnuna għall-investiment |
|---|---|
| > 3-5 miljuni | |
| 1-3 miljuni | |
| < 1 miljun | |

2.6. L-evitar ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

2.6.1. Ikkonferma li l-ajruport, inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir kollha kemm huma li għalihom tingħata l-għajnuna għall-investiment, se jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u mhux iddedikat għal utent speċifiku wieħed.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.6.2. Ikkonferma li l-ajruport, inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir kollha kemm huma li għalihom tingħata l-għajnuna għall-investiment, se jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u mhux iddedikat għal utent speċifiku wieħed.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.7. Notifika tal-għajnuna individwali minn skema ta' għajnuna għall-investiment

2.7.1. Dawn il-miżuri ta' għajnuna individwali skont l-iskema ta' għajnuna ta' investiment iridu jiġu notifikati skont l-Artikolu 108(3) TFUE:

(a) għajnuna għall-investiment lil ajruporti bi traffiku annwali medju ta' iktar minn 3 miljun passiġġier;

(b) għajnuna għall-investiment b'intensità tal-għajnuna iktar minn 75 % lil ajruport bi traffiku annwali medju ta' inqas minn miljun passiġġier, bl-eċċezzjoni ta' ajruporti li jinsabu f'reġjuni mbiegħda;

(c) għajnuna għall-investiment għar-rilokazzjoni ta' ajruporti;

(d) għajnuna għall-investiment li tiffinanzja ajruport li jservi kemm passiġġieri kif ukoll merkanzija li jimmaniġġa aktar minn 200 000 tunnellata merkanzija matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha tkun ġiet notifikata l-għajnuna;

(e) għajnuna għall-investiment bl-għan li jinħoloq ajruport tal-passiġġieri ġdid (inkluż il-konverżjoni ta' mitjar eżistenti f'ajruport tal-passiġġieri);

(f) għajnuna għall-investiment immirata lejn il-ħolqien jew l-iżvilupp ta' ajruport li jinsab f'distanza ta' 100 kilometru jew 60 minuta ta' vvjaġġar bil-karozza, bix-xarabank, bil-ferrovija jew bil-ferrovija ta' velocità għolja.

*PARTI III.13.B*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna operatorja għall-ajruporti

*Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela, flimkien mal-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali', għan-notifika ta' kull għajnuna operatorja individwali koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru* ([8])

1. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-benefiċjarju u l-attivitajiet tiegħu**

1.1. Benefiċjarju

1.1.1. L-għajnuna tingħata direttament lill-operatur tal-ajruport?

☐ iva ☐ le

1.1.2. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'le' iddeskrivi, jekk applikabbli, (i) l-entità(jiet) legali li tirċievi/jirċievu l-għajnuna, u (ii) responsabbli għat-trasferiment tal-għajnuna bħala intermedjarju/intermedjarji lill-ajruport li jipprovdi s-servizzi eliġibbli għall-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.3. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'le', spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ fil-livelli intermedjarji.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.4. Il-benefiċjarju tal-għajnuna huwa sid l-ajruport ukoll?

☐ iva ☐ le

1.1.5. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.4 hija 'le': speċifika min hu s-sid tal-ajruport u ddeskrivi l-istruttura tas-sjieda.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.6. Fil-każ ta' għajnuna individwali, iddeskrivi r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u i) l-impriżi li magħhom jifforma parti minn grupp ta' impriżi; ii) is-sussidjarji tiegħu; iii) kull intrapriża assoċjata oħra, inklużi impriżi konġunti.

([8]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu li bih l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji msemmijin fil-punti 1.1.1 sa 1.1.5.

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

1.2. Informazzjoni ġenerali dwar l-operatur tal-ajruport

1.2.1. F'każ li l-ajruport jew l-ajruporti jintużaw mill-forzi armati nazzjonali, il-korp tal-pulizija, is-servizzi ta' salvataġġ tal-ajru mhux ekonomiċi, jew kull servizz ieħor tal-ajru ta' għamla mhux ekonomika, speċifika (a) l-għamla tas-servizz(i); u (b) ir-rata ta' użu tal-kapaċità tal-ajruport (pereżempju użu tar-runway u faċilitajiet oħrajn tal-ajruport, mogħti bħala perċentwal tal-movimenti annwali tal-inġenji tal-ajru).

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

1.2.2. Ipprovdi d-dejta li ġejja dwar it-traffiku tal-passiġġieri tal-ajruport(i) li jirċievi/u l-għajnuna:

(a) Ajruporti b'esperjenza ta' iktar minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: traffiku medju tal-passiġġieri annwali matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha hija notifikata l-għajnuna jew li fiha ngħatat.

(b) Ajruporti b'esperjenza ta' inqas minn sentejn finanzjarji ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali: it-traffiku annwali medju previst tal-passiġġieri matul is-sentejn finanzjarji wara l-bidu tal-operat tal-flussi tat-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri kummerċjali:

Ipprovdi l-infromazzjoni fl-għamla ta' tabella kif jidher hawn taħt:

| Sena | Għadd totali ta' passiġġieri |
|---|---|
| | |
| | |

L-għadd ta' passiġġieri jrid jingħadd 'f'direzzjoni waħda' u għal kull rotta individwali. Pereżempju: passiġġier li jtir lejn l-ajruport u lura jgħodd darbtejn. Jekk l-ajruport huwa parti minn grupp ta' ajruporti, id-dejta dwar it-traffiku tal-passiġġieri trid tkun stabbilita fuq il-bażi ta' kull ajruport individwali.

1.2.3. Fil-każ ta' għajnuna operattiva individwali: ipprovdi l-pjan direzzjonali tan-negozju implimentat mill-benefiċjarju fil-perjodu 2009 sa 2013, u dak li għandu l-ħsieb li jimplimenta fl-għaxar snin li ġejjin sal-4 ta' April 2024. Iddeskrivi s-suppożizzjonijiet sottostanti għal dak il-perjodu ta' għaxar snin.;

Il-pjan direzzjonali għandu jkun fih informazzjoni dwar it-traffiku u l-previżjonijiet ta' traffiku; l-ispejjeż u il-previżjonijiet tal-ispejjeż; dejta finanzjarja u previżjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-livell ta' profittabilità u flussi tal-flus (b'referenza għall-metodoloġiji li b'mod dimostrabbli jintużaw mill-ajruport, pereżempju bl-użu ta' metodi għall-evalwazzjoni tal-valur preżenti nett (net present value, NPV) ta' investiment, ir-rata ta' redditu interna (internal rate of return, IRR), u d-dħul medju fuq il-kapital użat (return on capital employed, ROCE). Il-pjan direzzjonali tan-negozju jrid ikun ipprovdut fil-forma ta' paġna excel inklużi spjegazzjonijiet tal-formuli sottostanti kollha.

F'każ ta' skemi ta' għajnuna: Speċifika fid-dettall a) il-kriterji formali u materjali li magħhom iridu jikkonformaw il-pjanijiet direzzjonali tan-negozju tal-ajruporti eliġibbli; b) il-metodu li l-awtoritajiet nazzjonali se jużaw biex jivvalutaw il-pjanijiet direzzjonali tan-negozju.

……………………………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………………………

1.2.4. Fil-każ ta' għajnuna operatorja individwali, ipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn it-telf operatorju ([9]) li ġarrab il-benefiċjarju fil-perjodu 2009 sa 2013, kif ukoll lejn it-telf operatorju previst fil-perjodu sal-4 ta' April 2024. Ipprovdi d-dejta fil-forma ta' tabella, imqassma kif ġej:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Dħul | | | | |
| … | | | | |
| … | | | | |
| Spejjeż operatorji | | | | |
| … | | | | |
| … | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| | | | | |
| … | | | | |
| Riżultati operatorji | | | | |

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, speċifika l-metodu li se jużaw l-awtoritajiet biex jistabbilixxu t-telf operatorju ta' ajruporti eliġibbli.

1.2.5. Fil-każ ta' għajnuna operatorja individwali, ipprovdi kopji tar-rapproti finanzjarji tal-ajruporti eliġibbli ([10]) għall-ħames snin ta' qabel is-sena li fiha ssir l-applikazzjoni għall-għajnuna operatorja.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ħu impenn li tinkludi r-rapporti finanzjarji deskritti hawn fuq fil-valutazzjoni tal-għajnuna individwali.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.2.6. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ħu impenn li tinkludi r-rapporti finanzjarji deskritti hawn fuq fil-valutazzjoni tal-għajnuna individwali.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.3. Attivitajiet tas-servizzi tal-ajruport

1.3.1. Speċifika s-servizzi tal-ajruport eliġibbli ([11]) u l-kategoriji ta' spejjeż operatorji eliġibbli ([12]) fir-rigward tal-forniment ta' dawk is-servizzi.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([9]) Id-diskrepanza fil-finanzjament operatorju jfisser it-telf operatorju ta' ajruport tul il-perjodu rilevanti, skontat għall-valur kurrenti tiegħu bl-użu tal-ispiża tal-kapital, jiġifieri d-diskrepanza (f'termini tal-Valur Preżenti Nett) bejn id-dħul tal-ajruport u l-ispejjeż operatorji tiegħu.

([10]) Il-karta bilanċjali, ir-rapport tal-introjtu, id-dikjarazzjoni tal-kontabilist ikkwalifikat jew id-ditta tal-awditjar.

([11]) Is-servizzi pprovduti minn ajruport jew xi waħda mis-sussidjarji tiegħu, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni tal-inġenji tal-ajru, mill-inżul sat-tlugħ, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, sabiex il-linji tal-ajru jkunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' trasport bl-ajru, inkluż il-forniment ta' servizzi tal-groundhandling u l-forniment ta' infrastruttura ċentralizzata tal-groundhandling.

([12]) L-ispejjeż sottostanti ta' ajruport fir-rigward tal-forniment ta' servizzi tal-ajruport, inklużi l-kategoriji ta' spejjeż bħall-ispiża tal-persunal, is-servizzi kuntrattati, il-komunikazzjonijiet, l-iskart, l-enerġija, il-manutenzjoni, il-kirja u l-amministrazzjoni, iżda esklużi l-ispejjeż kapitali, l-appoġġ tal-kummerċjalizzazzjoni jew kull inċentiv ieħor mogħti lil-linji tal-ajru mill-ajruport, u spejjeż li jaqgħu fl-ambitu ta' mandat tal-politika pubblika.

1.4. Attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-politika pubblika

1.4.1. L-għajnuna operatorja tkopri attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika (pereżempju kontroll tat-traffiku tal-ajru, pulizija, dwana, tifi tan-nar, attivitajiet meħtieġa għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' xkiel illegali)? Spejjeż operattivi marbutin mal-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa sabiex jitwettqu dawk l-attivitajiet ġeneralment jitqiesu li huma ta' għamla mhux ekonomika u b'hekk ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

☐ iva ☐ le

1.4.2. Ipprovdi l-istrument nazzjonali, reġjonali jew kwalunkwe strument ieħor rilevanti dwar il-kunċett ta' attivitajiet fil-mandat tal-politika pubblika u l-finanzjament tagħhom. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe strument legali bħal dan, iċċara kif dawk l-attivitajiet normalment jiġu ffinanzajti mill-awtoritajiet rilevanti.

……

……

1.4.3. Ipprovdi evidenza li turi li l-finanzjament pubbliku tal-attivitajiet mhux ekonomiċi ma jwassalx għal diskriminazzjoni żejda bejn l-ajruporti. Tirriżulta diskriminazzjoni f'sitwazzjonijiet li fihom, skont l-ordinament ġuridiku rilevanti, l-ajruporti ċivili normalment ikollhom iġarrbu ċerti spejjeż inerenti għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tagħhom, filwaqt li ċerti ajruporit ċivili ma jkollhomx iġarrbu dawk l-ispejjeż. Speċifika l-materjal u l-applikabbiltà territorjali tar-regoli nazzjonali applikabbli għall-finanzjament ta' attivitajiet mhux ekonomiċi tal-ajruporti u, jekk applikabli, il-livell ta' kompetenzi reġjonali f'dik il-kwistjoni.

……

……

1.4.4. Filwaqt li ssostni l-argument bl-evidenza rilevanti, ikkonferma li l-kumpens tal-ispejjeż imġarrbin b'rabta mal-attivitajiet mhux ekonomiċi se jkun strettament limitat għal dawk l-ispejjeż, u li kull sussidjar reċiproku tal-attivitajiet ekonomiċi permezz ta' dak il-kumpens huwa eskluż b'mod effettiv.

……

……

1.4.5. Ikkonferma li l-ajruport se jkollu sistema ta' kontabilità separata għall-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi.

……

……

2. **Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura**

2.1. L-għajnuna ngħatat qabel l-4 ta' April 2014?

☐ iva ☐ le

2.2. Il-kontribut lejn għan ta' interess komuni li huwa definit sew

2.2.1. L-għajnuna operatorja:

(a) ☐ Iżżid il-mobilità taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet fl-Unjoni?

(b) ☐ Ittaffi l-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ċentrali ewlenin tal-Unjoni?

(c) ☐ Tħaffef l-iżvilupp reġjonali?

Speċifika kif l-għajnuna operatorja tikkontribwixxi għall-għan(ijiet) magħżul(in).

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.2.2. Il-miżura notifikata tikkonċerna l-operatur ta' ajruport ġdid?

☐ iva ☐ le

2.2.3. Fil-każ ta' għajnuna operattiva individwali: L-ajruport benefiċjarju jinsab fl-istess żona ta' lħuq ([13]) ta' ajruport ieħor bl-istess kapaċità?

☐ iva ☐ le

2.2.4. Fil-każ ta' għajnuna operattiva individwali: Jekk it-tweġiba għall-punt 2.2.3 hija 'Iva': speċifika d-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq. Ipprovdi informazzjoni, li tidentifika l-effett probabbli fuq it-traffiku tal-ajruport l-ieħor li jinsab fiż-żona ta' lħuq. Dik l-informazzjoni għandha tkun parti mill-pjan direzzjonali tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju u għandha tkun ibbażata fuq previżjonijiet solidi ta' traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija.

F'każ ta' skemi ta' għajnuna: a) Ikkonferma li l-awtoritajiet huma impenjati sabiex jivvalutaw il-probabbilità li jkun hemm effett fuq it-traffiku ta' kull ajruport ieħor li jinsab fiż-żona ta' lħuq bħala ajruport eliġibbli fuq il-bażi tal-informazzjoni li hija parti mill-pjan tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju u li hija bbażata fuq previżjonijiet attendibbli dwar it-traffiku tal-passiġġieri u l-merkanzija; b) spjega l-metodu u l-kriterji li l-awtoritajiet nazzjonali se jużaw biex jivvalutaw il-probabilità li jkun hemm effett fuq it-traffiku ta' dak l-ajruport l-ieħor jew ta' dawk l-ajruporti l-oħra.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.3. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

2.3.1. Ikkonferma li t-traffiku annwali tal-ajruport/ajruporti eliġibbli mhux iktar minn 3 miljun passiġġier (ara wkoll il-mistoqsija 1.2.2 iktar 'il fuq).

……………………………………………………………………………………………………………

2.4. L-adegwatezza tal-miżura

2.4.1. Uri li l-għajnuna ikkonċernata hija xierqa sabiex jinkiseb l-għan jew jiġu solvuti l-problemi li jrid jindirizza dak l-għan irid. B'mod partikolari, spjega kif l-awtoritajiet stabbilixxew li l-istess għan ma jistax jinkiseb, jew li l-istess problema ma tistax tissolva, permezz ta' politika jew strumenti ta' għajnuna inqas distorsivi. Pereżempju, jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ ekonomiku dirett ([14]), uri għaliex forom potenzjalment inqas distorsivi ta' għajnuna bħal self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([15]) mhumiex adegwati:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([13]) 'Żona ta' lħuq ta' ajruport' tfisser periferija tas-suq ġeografiku li normalment tkun stabbilita f'distanza ta' madwar 100 kilometru jew madwar 60 minuta vvjaġġar bil-karozza, karozza tal-linja, ferrovija jew ferrovija b'veloċità għolja; madankollu, iż-żona ta' lħuq ta' ajruport partikolari tista' tvarja u trid tqis il-partikolaritajiet ta' kull ajruport individwali. Id-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq tvarja minn ajruport għal ieħor, u tiddependi fuq diversi karatteristiċi tal-ajruport, inklużi l-mudell tan-negozju tiegħu, il-post u d-destinazzjonijiet li jaqdi.

([14]) Pereżempju, għotjiet diretti, eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxi, sigurtà soċjali jew imposti oħrajn obbligatorji, jew il-provvista ta' art, prodotti jew servizzi bi prezzijiet favorevoli, eċċ.

([15]) Pereżempju, selfiet b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqisiet tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġużi.

2.4.2. Fil-każ ta' għajnuna operattiva individwali: L-ammont tal-għajnuna ġie stabbilit *ex ante* bħala somma fissa li tkopri d-diskrepanza tal-likwidità operatorja mistennija stabbilita fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali tan-negozju tal-benefiċjarju, matul perjodu tranżitorju ta' għaxar snin li jibda mill-4 ta' April 2014?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, ipprovdi l-informazzjoni rilevanti fil-pjan direzzjonali tan-negozju.

2.4.3. F'każ ta' skemi ta' għajnuna: l-ammont tal-għajnuna f'kull każ individwali se jiġi stabbilit *ex ante* bħala somma fissa li tkopri d-diskrepanza fil-likwidità operatorja mistennija stabbilita fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali tan-negozju tal-benefiċjarju, matul perjodu tranżitorju ta' għaxar snin li jibda mill-4 ta' April 2014?

☐ iva ☐ le

Jekk iva, il-benefiċjajru għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti fil-pjan direzzjonali tan-negozju.

2.4.4. Jekk it-tweġiba għall-punti 2.4.2 u 2.4.3 hija 'le', speċifika: (a) il-grad ta' inċertezza tal-previżjonijiet tal-ispejjeż u tad-dħul, (b) kwalunkwe nuqqas ta' qbil fl-informazzjoni li mhux iħalli lill-awtoriatjiet nazzjonali jikkalkolaw l-ammont tal-għajnuna *ex ante* fuq il-bażi ta' pjan direzzjonali tan-negozju.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.4.5. Jekk it-tweġiba għall-punti 2.4.2 u 2.4.3 hija 'le', ikkonferma li l-ammont massimu ta' għajnuna operatorja kompatibbli kienet/se tkun stabbilita skont il-mudell ibbażat fuq il-medja tad-differenzi fl-iffinanzjar operatorju ([16]) matul il-ħames snin mill-2009 sal-2013.

2.4.6. Ikkonferma li l-ammont tal-għajnuna operatorja mhuwiex se jiżdied *ex post*.

☐ iva ☐ le

2.4.7. Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija ta' hawn fuq hija 'le', spjega għaliex fil-fehma tiegħek il-possibbiltà ta' żieda *ex post* ma tnaqqasx l-inċentivi għall-ġestjoni effiċjenti tal-ajruport.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5. L-effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-għajnuna

2.5.1. Fil-każ ta' għajnuna operatorja individwali, iddeskrivi għaliex teżisti l-probabbiltà li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jonqos b'mod sinifikanti. Ipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fuq il-bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju (ara wkoll il-punt 1.2.3), billi tqabbel il-livelli tal-attività maħsuba bl-għajnuna u mingħajr l-għajnuna (ix-xenarju kontrafattwali), filwaqt li jitqiesu l-possibilità li jkun hemm għajnuna għall-investiment u l-livell ta' traffiku.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu applikat mill-awtorità li tagħti l-għajnuna sabiex tivvaluta l-pjanijiet direzzjonali tan-negozju kif ukoll il-probabbiltà li fin-nuqqas tal-għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat tonqos b'mod sinifikanti, filwaqt li jitqiesu l-possibilita li jkun hemm għajnuna għall-investiment u l-livell ta' traffiku.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([16]) Id-diskrepanza fil-finanzjament operatorju jfisser it-telf operatorju ta' ajruport tul il-perjodu rilevanti, skontat għall-valur kurrenti tiegħu bl-użu tal-ispiża tal-kapital, jiġifieri d-diskrepanza (f'termini tal-Valur Preżenti Nett) bejn id-dħul tal-ajruport u l-ispejjeż operatorji tiegħu.

2.5.2. Fil-każ ta' għajnuna operatorja individwali, uri li l-pjan direzzjonali tan-negozju tal-ajruport se jwassal biex l-ispejjeż operattivi jiġu koperti kollha sal-4 ta' April 2024. Speċifika l-parametri ewlenin rilevanti tal-pjan direzzjonalitan-negozju.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ikkonferma li l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tagħti l-għajnuna operatorja individwali biss jekk tkun ikkonkludiet li l-pjan direzzjonali tan-negozju tal-ajruport benefiċjarju se jwassal biex l-ispejjeż operattivi jiġu koperti kollha sal-4 ta' April 2024. Speċifika liema parametri ewlenin tal-pjan direzzjonali tan-negozju se jiġu vvalutati mill-awtoritajiet li jagħtu l-għajnuna sabiex jaslu għal dik il-konklużjoni f'kull każ.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5.3. Indika:

Fil-każ ta' għajnuna operattiva individwali: Id-diskrepanza fil-likwidità inizjali tal-ajruport benefiċjarju fuq perjodu ta' għaxar snin, billi tibda bil-kopertura tal-ispejjeż operattivi fl-4 ta' April 2014 fil-bidu tal-perjodu tranżitorju u tasal li tkopri kompletament l-ispejjeż operattivi sal-4 ta' April 2024, fi tmiem il-perjodu tranżitorju.

F'każ ta' skemi ta' għajnuna: ħu impenn li (a) li d-diskrepanza fil-likwidità tal-ajruporti eliġibbli se tiġi stabbilita permezz tal-metodu msemmi fil-punt 2.5.2; (b) l-ajruporti eliġibbli jridu juru li l-ispejjeż operattivi jkunu koperti kollha sal-4 ta' April 2024.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

L-ammont massimu permissibbli tal-għajnuna:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Il-perċentwal tad-diskrepanza tal-finanzjament se jkun kopert mill-għajnuna operatorja:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

Il-perjodu li matulu se tingħata l-għajnuna operatorja:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.6. L-evitar ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

2.6.1. Uri li l-ajruporti kollha li jinsabu fl-istess żona ta' lħuq bħall-ajruport jew ajruporti eliġibbli se jkunu jistgħu jkopru kompletament l-ispejjeż operattivi sal-4 ta' April 2024.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.6.2. Ikkonferma li l-ajruport, inklużi l-infrastruttura u t-tagħmir kollha kemm huma li għalihom tingħata l-għajnuna għall-investiment, se jkun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u mhux iddedikat għal utent speċifiku wieħed.

☐ iva ☐ le

2.6.3. Ikkonferma liema huma d-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom ikun żgurat li l-kapaċita tal-ajruport se titqassam bejn l-utenti fuq il-bażi ta' kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*PARTI III.13.C*

**Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għat-tnedija mogħtija lil-linji tal-ajru**

*Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela flimkien mal-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali' fil-Parti I, sabiex tiġi notifikata kull għajnuna għat-tnedija koperta mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru* ([17]).

*Din il-formola tapplika kemm għan-notifika ta' skemi ta' għajnuna kif ukoll għal għajnuna individwali.*

1. **Informazzjoni addizzjonali dwar il-benefiċjarju, il-proġett u l-għajnuna**

1.1. Benefiċjarju

1.1.1. L-għajnuna tingħata direttament lil-linja tal-ajru li topera r-rotta l-ġdida?

☐ iva ☐ le

1.1.2. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'le': iddeskrivi, jekk applikabbli, l-entità jew l-entitajiet legali li (a) tirċievi/jirċievu l-għajnuna; (b) tittrasferixxi/jitrasferixxu l-għajnuna lil entità intermedja jew lil-linja tal-ajru li topera r-rotta l-ġdida.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.3. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.1.1 hija 'le', spjega kif l-awtoritajiet jiżguraw li l-livelli intermedji ma jirċievu l-ebda vantaġġ.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.4. Fil-każ ta' għajnuna individwali, iddeskrivi r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji bejn il-benefiċjarju tal-għajnuna u (a) l-impriżi li magħhom jifforma parti minn grupp ta' impriżi; (b) is-sussidjarji tiegħu; (c) kull intrapriża assoċjata oħra, inklużi impriżi konġunti.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu li bih l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta r-relazzjonijiet legali, organizzazzjonali u finanzjarji:

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.1.5. Għażla tal-benefiċjarju: Iddeskrivi (a) il-proċedura li biha se jingħażel jew intgħażel il-benefiċjarju; (b) il-mezz u l-livell ta' reklamar tal-proċedura tal-għażla; (c) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà; (d) ir-rekwiżiti operattivi; (e) il-kriterji tal-għażla.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2. **Valutazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura**

2.1. Il-kontribut lejn għan ta' interess komuni li huwa definit sew

2.1.1. L-għajnuna għat-tnedija:

(a) ☐ Iżżid il-mobilità taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tiftaħ rotot ġodda?

(b) ☐ Tħaffef l-iżvilupp reġjonali ta' reġjuni mbiegħda?

([17]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

Spjega kif l-għajnuna tikkontribwixxi għall-għan magħżul.

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

2.1.2. Fil-każ tal-għajnuna individwali, uri li r-rotta jew rotot li se tkun/ikunu koperta/i mhijiex jew mhumiex diġà koperti minn servizz ferrovjarju b'veloċità għolja ([18]) jew minn ajruport ieħor fl-istess żona ta' lħuq ([19]) b'kundizzjonijiet paragunabbli. Jekk il-kundizzjonijiet ma jitqisux paragunabbli, spjega għaliex.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tiżgura li l-kundizzjoni f'dan il-punt tiġi rrispettata f'kull każ individwali ta' għajnuna għat-tnedija.

……………………………………………………………………………………………………

2.2. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

2.2.1. Indika jekk l-għajnuna għat-tnedija tikkonċernax:

(a) ☐ Rotot li jqabbdu ajruport b'inqas minn 3 miljun passiġġier fis-sena ([20]) ma' ajruport ieħor fl-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni ([21]);

(b) ☐ Rotot li jqabbdu ajruport li jinsab f'reġjun imbiegħed ma' ajruport ieħor (ġewwa jew barra l-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni), ikun xi jkun id-daqs tal-ajruporti kkonċernati;

(c) ☐ Rotot li jqabbdu ajruport bi traffiku ta' iktar minn 3 miljun passiġġier fis-sena u inqas minn 5 miljun passiġġier fis-sena, li ma jinsabux f'żoni mbiegħda. Elabora kif xieraq fuq iċ-ċirkustanzi speċifiċi f'dan il-każ;

(d) ☐ Oħrajn (Speċifika).

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

2.2.2. Fil-każ ta' għajnuna individwali, indika fejn jinsabu l-ajruporti konnessi permezz tar-rotot il-ġodda eliġibbli.

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

([18]) 'Servizz ferrovjarju b'veloċità għolja' huwa servizz ipprovdut b'ferroviji li kapaċi jilħqu veloċitajiet ta' iktar minn 200 km/siegħa.

([19]) 'Żona ta' lħuq ta' ajruport' tfisser il-limiti tas-suq ġeografiku li normalment ikun stabbilit f'distanza ta' madwar 100 kilometru jew madwar 60 minuta vvjaġġar bil-karozza, bil-karozza tal-linja, bil-ferrovija jew bil-ferrovija b'veloċità għolja; madankollu, iż-żona ta' lħuq ta' ajruport partikolari tista' tvarja u trid tqis il-partikolaritajiet ta' kull ajruport individwali. Id-daqs u l-forma taż-żona ta' lħuq tvarja minn ajruport għal ieħor, u tiddependi fuq diversi karatteristiċi tal-ajruport, inklużi l-mudell tan-negozju tiegħu, il-post u d-destinazzjonijiet li jaqdi.

([20]) It-traffiku medju annwali tal-passiġġieri attwali matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dik li fiha l-għajnuna hi nnotifikata jew attwalment mogħtija jew imħallsa fil-każ ta' għajnuna mhux innotifikata. Fil-każ ta' ajruport tal-passiġġieri maħluq ġdid għandu jitqies it-traffiku annwali tal-passiġġieri previst matul is-sentejn wara li jiba' jopera t-traffiku bl-ajru kummerċjali tal-passiġġieri. Dawn il-limiti jirreferu għal għadd lejn destinazzjoni waħda. B'riżultat ta' dan, passiġġier li jtir, pereżempju, lejn l-ajruport u lura jingħadd darbtejn; l-għadd japplika għal rotot individwali.

([21]) Id-Deċiżjoni 2006/682/KE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Multilaterali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, ir-Repubblika tal-Islanda, ir-Repubblika tal-Montenegro, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Serbja, u l-Missjoni ta' Amministrazzjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Avjazzjoni Komuni Ewropea (ECAA) (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 1).

2.2.3. Fil-każ ta' għajnuna individwali li fiha l-għajnuna għat-tnedija tkun għal rotot li jqabbdu ajruport li **ma jinsabx** f'reġjun imbiegħed ma' ajruport ieħor, ipprovdi d-dejta li ġejja dwar it-traffiku tal-passiġġieri tal-ajruporti mqabbdin bir-rotta/rotot il-ġdida/ġodda:

(a) rigward ajruporti b'esperjenza ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali ta' iktar minn sentejn finanzjarji: traffiku annwali medju tal-passiġġieri matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel is-sena li fiha hija notifikata jew ingħatat l-għajnuna;

(b) rigward ajruporti b'esperjenza ta' traffiku tal-passiġġieri kummerċjali ta' inqas minn sentejn finanzjarji: it-traffiku annwali medju ta' passiġġieri previst matul is-sentejn finanzjarji wara li jibda jopera t-traffiku tal-ajru tal-passiġġieri kummerċjali;

Ipprovdi d-dejta fil-forma ta' tabella, kif ġej:

| Sena | Ajruport | Ajruport |
|---|---|---|
| Sena | Għadd ta' passiġġieri | Għadd ta' passiġġieri |
| Sena | Għadd ta' passiġġieri | Għadd ta' passiġġieri |

L-għadd ta' passiġġieri jrid jingħadd 'f'direzzjoni waħda' u għal kull rotta individwali; pereżempju passiġġieri li jtiru lejn l-ajruport u lura jridu jingħaddu darbtejn. Jekk ajruport huwa parti minn grupp ta' ajruporti, id-dejta dwar it-traffiku tal-passiġġieri trid tkun stabbilita fuq il-bażi tal-ajruport individwali.

2.2.4. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta fuq il-bażi ta' fejn jinsab l-ajruport, id-dejta dwar it-traffiku ta' passiġġieri u r-rotot, jekk hemmx bżonn ta' intervent tal-Istat f'kull każ individwali ta' għajnuna għat-tnedija.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.3. L-adegwatezza tal-miżura

2.3.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali: uri li l-għajnuna ikkonċernata hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan jew jiġu solvuti l-problemi li trid tindirizza. B'mod partikolari, spjega kif l-awtoritajiet stabbilixxew li l-għan ma jistax jinkiseb, u l-istess problema ma tistax tissolva, b'politika jew strumenti ta' għajnuna li jfixklu inqas. Pereżempju, jekk l-għajnuna tingħata f'forom li jipprovdu vantaġġ ekonomiku dirett ([22]), uri għaliex forom ta' għajnuna bħal self bil-quddiem li jitħallas lura jew forom ta' għajnuna bbażati fuq strumenti ta' dejn jew ta' ekwità ([22]) mhumiex adegwati.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.3.2. Fil-każ ta' għajnuna individwali f'każ li l-linja tal-ajru benefiċjarja ħejjiet pjan direzzjonali tan-negozju *ex ante* għar-rotta li tirċievi l-għajnuna: ipprovdi dak il-pjan direzzjonali tan-negozju. Dak il-pjan direzzjonali tan-negozju jrid jindika jekk hemmx prospettivi li r-rotta tibda tagħmel qligħ għal-linja tal-ajru mingħajr finanzjament pubbliku wara tliet snin.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([22]) Pereżempju, selfiet b'rati baxxi tal-imgħax jew tnaqqisiet tal-imgħax, garanziji tal-istat, ix-xiri ta' parteċipazzjoni azzjonarja jew il-forniment b'modi oħra ta' kapital b'termini vantaġġużi.

2.3.3. Fil-każ ta' għajnuna individwali fin-nuqqas ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante* għar-rotta li tirċievi l-għajnuna: ipprovdi dokument li juri li l-linja tal-ajru inkwistjoni ħadet impenn irrevokabbli li topera r-rotta għal perjodu li tal-inqas daqs il-perjodu li matulu rċiviet għajnuna mill-istat.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.3.4. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tivvaluta jekk il-miżura hijiex xierqa f'kull każ individwali tal-għajnuna għat-tnedija.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.4. L-effett ta' inċentiv u l-proporzjonalità tal-miżura

2.4.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali, spjega għaliex, jekk disponibbli fuq il-bażi ta' pjan direzzjonali tan-negozju, hemm il-probabbiltà li fin-nuqqas ta' għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-linja tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat ma jikbirx.

.....................................................................................................................................................

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, iddeskrivi l-metodu applikat mill-awtorità li tagħti l-għajnuna sabiex tivvaluta l-probabbiltà li fin-nuqqas ta' għajnuna, il-livell ta' attività ekonomika tal-linja tal-ajru fl-ajruport ikkonċernat ma jiżdiedx.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.4.2. Fil-każ ta' għajnuna individwali, ikkonferma li r-rotta l-ġdida se tibda/bdiet topera biss wara li ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna lill-awtorità li tagħti l-għajnuna u pprovdi: (a) kopja tal-applikazzjoni għall-għajnuna mibgħuta mill-benefiċjarju lill-awtorità li tagħti l-għajnuna; (b) evidenza dokumentata tad-data tal-bidu tal-operazzjonijiet fuq ir-rotta l-ġdida.

Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna, ikkonferma li r-rotot eliġibbli l-ġodda se jibdew joperaw biss wara li tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-għajnuna lill-awtorità li tagħti l-għajnuna.

.....................................................................................................................................................

2.4.3. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata għal kull rotta għal mhux iktar minn tliet snin.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.4.4. Speċifika l-intensità tal-għajnuna, li hija l-ammont totali tal-għajnuna mogħti bħala perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli ([23]). Iż-żewġ ċifri jridu jingħataw f'termini tal-valur preżenti nett meta tingħata l-għajnuna u qabel titnaqqas kull taxxa jew tariffa oħra.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.4.5. Speċifika d-dispożizzjonijiet magħmula biex jiġi evitat kumpens żejjed u jiġu rkuprati mingħand il-linja tal-ajru benefiċjarja l-ammonti eċċessivi ta' għajnuna.

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

([23]) L-ispejjeż eliġibbli huma t-tariffi tal-ajruport fir-rigward tar-rotta.

2.4.6. Speċifika l-miżuri meħudin sabiex jiġi evitat sussidjar ta' rotot oħrajn tal-linja tal-ajru benefiċjarja lejn u mill-ajruport jew ajruporti ikkonċernati.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5. L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ

2.5.1. Fil-każ ta' għajnuna individwali: ikkonferma li l-konnessjoni (pereżempju, par ibliet) li se tiġi operata mir-rotta tal-ajru l-ġdida mhijiex moqdija diġà minn servizz ferrovjarju b'veloċità għolja jew ajruport ieħor fl-istess żona ta' lħuq b'kundizzjonijiet paragunabbli, partikolarment f'termini ta' tul tal-vjaġġ. Ara wkoll il-punt 2.1.2.

F'każ ta' skemi ta' għajnuna: Spjega kif l-awtorità li tagħti l-għajnuna se tiżgura li tiġ ssodisfata l-kundizzjoni f'dan il-punt f'kull każ individwali ta' għajnuna ġġat-tnedija.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5.2. Ġib prova li matul l-ippjanar biex tingaħta għajnuna għat-tnedija lil linja tal-ajru għar-rotta l-ġdida kemm jekk permezz ta' ajruport kif ukoll jekk le, il-pjanijiet tal-awtorità pubblika tqiegħdu jew se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku biżżejjed minn qabel u b'reklamar adegwat, sabiex il-linji tal-ajru kollha interessati jkunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.5.3. Ikkonferma li l-għajnuna għat-tnedija kkonċernata ma tistax tingħata flimkien ma' xi tip ieħor ta' għajnuna mill-Istat mogħtija għall-operat tal-istess rotta.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

*PARTI III.13.D*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna ta' karattru soċjali skont l-Artikolu 107 (2) (a) tat-Trattat, għal servizzi tat-trasport bl-ajru

*Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela flimkien mal-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali' fil-Parti I, sabiex jiġi notifikat kull għoti ta' għajnuna soċjali kopert mil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru* ([24])

### 1. Informazzjoni dwar il-benefiċjarju jew benefiċjarji, il-proġett u l-għajnuna

1.1. Spjega l-għan(ijiet) soċjali tal-miżura notifikata u għaliex kkunsidrajt li l-miżura tilhaq dal l-għan jew dawk l-għanijiet.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

1.2. Dettalji tal-għajnuna prevista

1.2.1. Iddeskrivi (a) il-metodu tal-għoti u d-distribuzzjoni tal-għajnuna lill-konsumaturi finali; (b) fejn applikabbli, iddeskrivi l-entità jew l-entitajiet legali li tirċievi/jirċievu l-għajnuna jew li tittrasferixxi l-għajnuna lil entità intermedjarja responsabbli milli tqassamha lill-konsumaturi finali eliġibbli.

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([24]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3)

1.2.2. Iddeskrivi l-kategoriji ta' konsumaturi finali eliġibbli. Pereżempju passiġġieri bi ħtiġijiet partikolari bħat-tfal, nies b'diżabilitajiet, nies bi dħul baxx, studenti u anzjani, eċċ. ([25]).

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.3. Ikkonferma li l-konsumaturi finali eliġibbli se jibbenefikaw b'mod effettiv mill-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.4. Iddeskrivi r-rotot eliġibbli għall-għajnuna.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.5. L-għajnuna se tingħata għal trasport ta' passiġġieri fuq rotta jew rotot li jqabbdu ajruport jew ajruporti f'reġjun imbiegħed ([26]) ma' ajruport ieħor jew ajruporti oħrajn fiż-Żona Ekonomika Ewropea?

☐ iva ☐ le

1.2.6. Jekk it-tweġiba għall-punt 1.2.5 hija 'iva', iddeskrivi ż-żoni ġeografiċi eliġibbli u r-rotot.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.7. Speċifika l-ispejjeż li jridu jiġu kkumpensati mill-għajnuna u kkonferma li l-ispejjeż eliġibbli huma limitati għall-prezz ta' biljett ta' ritorn, inklużi t-taxxi u t-tariffi kollha, u bil-ħruġ ta' fattura tal-operatur favur il-konsumatur finali eliġibbli.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.8. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata mingħajr diskriminazzjoni bejn il-kanali ta' distribuzzjoni, bħal aġenziji tal-ivjaġġar, servizzi fuq l-art tal-linji tal-ajru u siti web.

☐

1.2.9. Iddeskrivi (a) il-proċedura li biha se jintgħażel, intgħażel jew intgħażlu l-operatur(i) tas-servizzi tal-ajru; (b) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà u (c) il-kriterji tal-għażla.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

1.2.10. Ikkonferma li l-għajnuna se tingħata mingħajr diskriminazzjoni rigward l-oriġini tas-servizzi, jiġifieri indipendentement mil-linja tal-ajru li topera s-servizzi.

☐

1.2.11. Iddeskrivi l-kontrolli u s-salvagwardji li hemm fis-seħħ biex ikun żgurat li l-iskema tintuża biss minn konsumaturi finali eliġibbli u li ma hemm l-ebda kumpens żejjed.

……………………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………………

([25]) Meta r-rotta kkonċernata tkun tgħaqqad reġjuni mbiegħda, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, gżejjer, żoni skarsament popolati, l-għajnuna tista' tkopri l-popolazzjoni sħiħa ta' dak ir-reġjun.

([26]) Bħal reġjuni ultraperiferiċi, gżejjer u żoni skarsament popolati.

*PARTI III.13.E*

## Formola ta' Informazzjoni Supplimentari dwar l-għajnuna għat-trasport marittimu

*Huwa rakkomandat li din il-formola ta' informazzjoni supplimentari timtela flimkien mal-formola ta' 'Informazzjoni ġenerali' fil-Parti I, biex tiġi notifikata kull miżura koperta mil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu* ([27]) *('il-Linji Gwida').*

### 1. Informazzjoni dwar it-tip ta' skema

L-iskema hija jew tinkludi:

(a) ☐ Taxxa fuq it-Tunnellaġġ

(b) ☐ tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali

(c) ☐ tnaqqis fit-taxxi lokali

(d) ☐ tnaqqis tat-tariffi għar-reġistrazzjoni

(e) ☐ għajna għat-taħriġ

(f) ☐ għajnuna għat-trasferiment ta' trakkijiet mit-toroq lejn passaġġi tal-baħar

(g) ☐ kuntratt ta' servizz pubbliku jew il-proċedura tal-għażla tiegħu

(h) ☐ għajnuniet ta' karattru soċjali

(i) ☐ oħrajn, iddeskrivi:

……………………………………………………………………………………………………………

### 2. Informazzjoni dwar l-eliġibbiltà

Għall-kategoriji (a) (b) (c) (d) (e) (f) fil-punt 1, wieġeb għall-punti 2.2 sa 2.7:

2.1. X'inhuma l-kriterji ta' eliġibilità għall-kumpaniji?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.2. X'inhuma l-kriterji tal-eliġibilità għal dgħajjes? b'mod partikolari hemm obbligu fir-rigward tal-bandiera? X'inhuma l-obbligi relatati mal-bandiera għall-flotta ta' kumpaniji li jidħlu fl-iskema ta' taxxa fuq it-tunnellaġġ wara s-17 ta' Jannar 2004? L-obbligi relatati mal-bandiera japplikaw għall-flotta kollha tal-kumpanija benefiċjarja jew biss għall-flotta li hija proprjetà tagħha u l-flotta mikrija f'termini ta' bastiment waħdu?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.3. X'inhuma l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-flotta mikrija f'termini ta' bastiment waħdu?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

2.4. X'inhuma l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għall-flotta mikrija bil-ħin jew bil-vjaġġ?

……………………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………………

([27]) Il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu (ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3).

2.5. Fejn xieraq, x'inhuma l-kriterji ta' eliġibilità għall-baħħara?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.6. Iddeskrivi l-lista ta' attivitajiet eliġibbli. B'mod partikolari, ir-reġim jikkonċerna:

☐ attivitajiet ta' rmonk? ☐ attivitajiet ta' tħammil?

B'mod aktar ġenerali, l-attivitajiet ta' trasport bil-baħar, għajr it-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-passiġġieri, huma koperti mill-iskema ta' għajnuna?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

2.7. X'inhuma l-miżuri ta' iżolament li ttieħdu biex jiġu evitati l-effetti sekondarji fuq attivitajiet oħra tal-istess kumpanija?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

Fil-każ tal-kategorija (g) fil-punt 1:

2.8. X'inhuma l-obbligi tas-servizzi pubbliċi, il-metodu għall-kalkolu tal-kumpens, l-offerti differenti ppreżentati fl-offerta u r-raġunijiet għall-għażla tal-kumpanija nominata?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

Fil-każ tal-kategorija (h) fil-punt 1:

2.9. X'inhuma r-rotot ikkonċernati, il-popolazzjonijiet ta' utenti kkonċernati u l-kundizzjonijiet marbuta mal-għoti ta' għotjiet individwali?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

3. **Informazzjoni dwar l-intensità tal-għajnuna**

3.1. Liema mekkaniżmi hemm biex permezz tagħhom jiġu żgurat li jkun hemm ir-rispett tal-limitu massimu tal-għajnuna speċifikat fil-Kapitolu 11 tal-Linji Gwida? Kif jinżammu r-rekords rilevanti?

.....................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................

Għall-kategorija (a) fil-punt 1, ieġeb għall-punti 3.2 sa 3.7:

3.2. X'inhuma r-rati użati biex jiġi kkalkulat id-dħul taxxabbli għal kull 100 NT?

Sa 1 000 NT .....................................................................................................................

Bejn 1 001 u 10 000 NT .....................................................................................................

Bejn 10 001 u 20 000 NT ...................................................................................................

Aktar minn 20 001 NT .......................................................................................................

3.3. Il-kumpaniji huma obbligati jistabbilixxu kontabilità separata meta joperaw attivitajiet kemm eliġibbli kif ukoll mhux eliġibbli?

..........

..........

3.4. X'tip ta' trattament huwa applikat għal gruppi ta' kumpaniji u tranżazzjonijiet bejn il-grupp?

..........

..........

3.5. Sa liema punt id-dħul minn attivitajiet anċillari huwa kopert minn skema ta' taxxa fuq it-tunnellaġġ?

..........

..........

3.6. Hemm regoli speċjali tat-taxxa għal bastimenti li jdaħħlu taxxa fuq it-tunellaġġ f'sitwazzjoni fejn il-valur tas-suq tagħhom jeċċedi l-valur tat-taxxa tagħhom?

..........

..........

3.7. Il-livell normali tat-taxxa skont ir-regoli ġenerali tat-taxxa tal-Istati Membri huwa applikat għar-rimunerazzjoni ta' diretturi u azzjonisti ta' kumpaniji tal-vapuri?

..........

..........

Fil-każ tal-kategoriji (b) (c) u (d) fil-punt 1, wieġeb għall-punti 3.8 sa 3.10:

3.8. X'inhi l-intensità tal-għajnuna f'termini ta' perċentwali tal-kontribuzzjonijiet soċjali/fiskali jew ta' taxxa jew tariffi li l-baħħar jew sid il-bastiment kienu normalment ikunu suġġetti għalihom?

..........

..........

3.9. Jew għal liema livell f'termini assoluti ġew limitati l-kontribuzzjonijiet, it-tariffi jew it-taxxi msemmija fil-punt 3.8?

..........

..........

3.10. Fil-każ ta' gangmu u dgħajjes tal-irmonk, l-għajnuna hija strettament limitata għall-parti mill-attivitajiet li tikkonċerna t-trasport marittimu?

..........

..........

3.11. Fil-każ tal-kategorija (e) fil-punt 1: X'inhi l-intensità tal-għajnuna f'termini tal-ispejjeż tat-taħriġ jew is-salarju tal-apprendist?

..........

..........

3.12. Fil-każ tal-kategorija (f) fil-punt 1: X'inhu l-ammont ta' għajnuna għal kull tunnellata-kilometru li tkun ġiet trasferita?

.....................................................................................................................................................................

.....................................................................................................................................................................

3.13. Fil-każ tal-kategorija (h) fil-punt 1: X'inhu l-ammont ta' għotjiet individwali?

.....................................................................................................................................................................

....................................................................................................................................................................."

*ANNESS II*

L-Annessi III.A u III.B huma ssostitwiti b'dan li ġej:

*"ANNESS III.A*

**Format standardizzat tar-rapportar għal għajnuna mill-Istat eżistenti**

(Dan il-format ikopri s-setturi kollha għajr l-agrikoltura)

Biex tkompli tissimplifika u ttejjeb ir-rapportar annwali tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, bi pjattaforma online u bbażata fuq l-aċċess ifformattjata bil-lest li jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuniet individwali eżistenti kollha. L-Istati Membri jridu jivverifikaw u jimlew dik l-informazzjoni sat-30 ta' Ġunju tal-istess sena. B'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tippubblika d-dejta dwar l-għajnuna mill-Istat fis-sena t ([1]) għall-perjodu ta' rapportar t – 1.

Il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni fil-pjattaforma timtela bil-lest mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-dejta pprovduta meta ġiet approvata l-għajnuna. L-Istati Membri se jintalbu jivverifikaw u, fejn hemm bżonn, jimmodifikaw id-dettalji għal kull skema jew għajnuna individwali, u jżidu n-nefqa annwali għall-iktar sena reċenti (t – 1).

Informazzjoni bħall-għan tal-għajnuna u s-settur destinatarju tal-għajnuna trid tirreferi għaż-żmien li għalih tiġi approvata l-għajnuna u tkun marbuta mal-istrument legali li jifforma l-bażi għall-approvazzjoni tal-għajnuna.

Trid tiġi inkluża l-informazzjoni li ġejja.

(1) Titolu

(2) Numru tal-għajnuna

(3) Numri tal-għajnuna preċedenti (pereżempju, wara li tiġġedded skema)

(4) Settur

Il-klassifikazzjoni settorjali tkun ibbażata l-iktar fuq in-NACE ([2]) fil-[livell ta' tliet ċifri.]

(5) Għan

(6) Reġjun(i)

Meta tiġi approvata, l-għajnuna tista' tiġi allokata b'mod esklussiv għal reġjun speċifiku jew grupp ta' reġjuni skont is-subparagrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE.

(7) Kategorija tal-istrument(i) ta' għajnuna

Trid issir distinzjoni bejn bosta kategoriji (Għotja, Servizzi sussidjati, Sussidju tar-rata tal-imgħax, Self, Garanzija, Benefiċċju fuq it-taxxa, Self bil-quddiem li jitħallas lura, Parteċipazzjoni ta' Ekwità, Oħrajn)

(8) Tip ta' għajnuna

Trid issir distinzjoni bejn tliet kategoriji: Skema, Applikazzjoni individwali ta' skema, Għajnuna individwali mogħtija barra skema (għajnuna *ad hoc*)

([1]) t hija s-sena li fiha tintalab id-dejta

([2]) NACE Rev. 2, jew leġiżlazzjoni sussegwenti li temendaha jew tissosstitwixxiha; NACE hija l-Klassifikazzjoni tal-Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

(9) Nefqa

Bħala regola ġenerali, iċ-ċifri għandhom jingħataw f'termini tan-nefqa proprja (jew dħul mitluf propju fil-każ ta' benefiċċji tat-taxxa). Meta ma jkunx hemm pagamenti disponibbli, iridu jiġu pprovduti u mmarkati impenji jew approprjazzjonijiet tal-baġit, kif xieraq. Iridu jiġu pprovduti ċifri separati għal kull strument tal-għajnuna fi skema jew għajnuna individwali pereżempju għotja u self. Iċ-ċifri jridu jingħataw fil-munita nazzjonali użata matul il-perjodu ta' rapportar. Trid tiġi pprovduta n-nefqa għal t − 1, t − 2, t − 3, t − 4 u t − 5.

*ANNESS III.B*

**Format standardizzat tar-rapportar għal għajnuna mill-Istat eżistenti**

(Dan il-format ikopri s-settur agrikolu)

Sabiex tkompli tissimplifika u ttejjeb ir-rapportar annwali tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri, sal-1 ta' Marzu ta' kull sena, bi pjattaforma online u bbażata fuq l-aċċess ifformattjata bil-lest li jkun fiha informazzjoni dettaljata dwar l-iskemi ta' għajnuna u l-għajnuniet individwali eżistenti kollha. L-Istati Membri jridu jivverifikaw u jimlew dik l-informazzjoni sat-30 ta' Ġunju tal-istess senaB'hekk il-Kummissjoni tkun tista' tippubblika d-dejta dwar l-għajnuna mill-Istat fis-sena t ([1]) għall-perjodu ta' rapportar t – 1.

Il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni fil-pjattaforma se tkun imtliet bil-lest mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-dejta pprovduta meta ġiet approvata l-għajnuna. L-Istati Membri se jintalbu jivverifikaw u, fejn hemm bżonn, jimmodifikaw id-dettalji għal kull skema jew għajnuna individwali, u jżidu n-nefqa annwali għall-aktar sena reċenti, jiġifieri t – 1.

Informazzjoni bħall-għan tal-għajnuna u s-settur destinatarju tal-għajnuna trid tirreferi għaż-żmien li għalih tiġi approvata l-għajnuna u tkun marbuta mal-istrument legali li jifforma l-bażi għall-approvazzjoni tal-għajnuna.

Trid tiġi inkluża l-informazzjoni li ġejja.

(1) Titolu

(2) Numru tal-għajnuna

(3) Numri tal-għajnuna preċedenti (pereżempju, wara li tiġġedded skema)

(4) Settur

Il-klassifikazzjoni settorjali tkun ibbażata l-iktar fuq in-NACE ([2]) fil-[livell ta' tliet ċifri.]

(5) Għan

(6) Reġjun(i)

Meta tiġi approvata, l-għajnuna tista' tiġi allokata b'mod esklussiv għal reġjun speċifiku jew grupp ta' reġjuni skont is-subparagrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 107(3) TFUE.

(7) Kategorija tal-istrument(i) ta' għajnuna

Trid issir distinzjoni bejn bosta kategoriji (Għotja, Servizzi sussidjati, Sussidju tar-rata tal-imgħax, Self, Garanzija, Benefiċċju fuq it-taxxa, Self bil-quddiem li jitħallas lura, Parteċipazzjoni ta' Ekwità, Oħrajn).

(8) Tip ta' għajnuna

Trid issir distinzjoni bejn tliet kategoriji: Skema, Applikazzjoni individwali ta' skema, Għajnuna individwali mogħtija barra skema (għajnuna *ad hoc*).

(9) Nefqa

Bħala regola ġenerali, iċ-ċifri għandhom jingħataw f'termini tan-nefqa proprja (jew dħul mitluf propju fil-każ ta' benefiċċji fuq it-taxxa). Meta ma jkunx hemm pagamenti disponibbli, iridu jiġu pprovduti u mmarkati impenji jew approprjazzjonijiet tal-baġit, kif xieraq. Iridu jiġu pprovduti ċifri separati għal kull strument tal-għajnuna fi skema jew għajnuna individwali pereżempju għotja u self. Iċ-ċifri jridu jkunu espressi fil-munita nazzjonali użata matul il-perjodu ta' rapportar. Trid tiġi pprovduta n-nefqa trid għal t – 1, t – 2, t – 3, t – 4 u t – 5.

([1]) t hija s-sena li fiha tintalab id-dejta

([2]) NACE Rev. 2, jew leġiżlazzjoni sussegwenti li temendaha jew tissostitwixxiha; NACE hija l-Klassifikazzjoni tal-Istatistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea kif stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.)

(10) L-intensità tal-għajnuna u l-benefiċjarji

L-Istati Membri jridu jindikaw:

— l-intensità tal-għajnuna effettiva tal-appoġġ li ngħata realment għal kull tip ta' għajnuna u reġjun;

— l-għadd ta' benefiċjarji;

— l-ammont medju ta' għajnuna għal kull benefiċjarju."